Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel
Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/0410(COD)

28.7.2026

EMENDI
76 - 267

Abbozz ta' rapport
Michele Picaro, Herbert Dorfmann
(PE789.113v01-00)

Emenda tar-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1099/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 528/2012 u (UE) 2017/625 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf

Proposta għal regolament
(COM(2025)1030 – C10-0359/2025 – 2025/0410(COD))

Emenda 76
Tilly Metz, Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

– Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposal introduces substantial amendments to Union food and feed legislation without being accompanied by a comprehensive impact assessment, despite the far-reaching nature of the proposed changes. It was presented without meaningful public consultation and without sufficient evidence demonstrating that the proposed measures would achieve their stated objective of simplifying procedures or reducing administrative burdens. The Commission has also failed to adequately assess alternative measures that could address regulatory delays, including targeted improvements to existing procedures, additional resources for the European Food Safety Authority, and other administrative reforms that would preserve the current level of protection. The proposal has been subject to extensive criticism from the scientific community, with numerous scientific publications, open letters and expert analyses questioning both its evidence base and its likely effectiveness. In light of these significant procedural shortcomings, the colegislators are unable to properly assess the likely consequences of the proposal or whether it complies with the principles of better law-making and the precautionary principle.

Emenda 77
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
–

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 78
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 114, l-Artikolu 168(4)(b) u l-Artikolu 192(1) tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 114, l-Artikolu 168(4)(b)***, 191*** u l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Or. en

Emenda 79
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet, fil-Patt Ekoloġiku Ewropew tagħha, kif l-Ewropa għandha ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. L-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt hija element kruċjali tal-Patt Ekoloġiku. Din tindirizza b'mod komprensiv l-isfidi tas-sistemi tal-ikel sostenibbli u tirrikonoxxi r-rabtiet inseparabbli bejn persuni b'saħħithom, soċjetajiet b'saħħithom u pjaneta b'saħħitha. L-istrateġija hija wkoll element ċentrali tal-aġenda tal-Kummissjoni biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti. Iċ-ċittadini u l-operaturi kollha tul il-ktajjen tal-valur, fl-UE u bnadi oħra, għandhom jibbenefikaw minn tranżizzjoni ġusta. Bidla għal sistema tal-ikel sostenibbli tista' ġġib magħha benefiċċji ambjentali, tas-saħħa u soċjali, toffri gwadanji ekonomiċi u

tiżgura li l-irkupru mill-kriżi jpoġġina fi triq sostenibbli.

Or. en

Emenda 80
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa -1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1a) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, enfasizza li s-sistema tal-ikel tal-Ewropa jenħtieġ li tipprovdi sigurtà tal-ikel u nutrizzjonali ta' kwalità għolja b'mod li jikkontribwixxi għall-benesseri soċjali u għas-saħħa pubblika, iżżomm u tirrestawra s-saħħa tal-ekosistema, tirrispetta l-limiti planetarji u tiżgura s-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u indika li bħalissa, is-sistema kollha tal-ikel hija responsabbli għal firxa ta' impatti fuq is-saħħa u l-benesseri tal-bnedmin u tal-annimali u fuq l-ambjent, il-klima u l-bijodiversità, inklużi d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-ekosistema barra mill-UE;

Or. en

Emenda 81
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa -1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1b) Il-valutazzjonijiet tal-impatt huma parti integrali mill-proċess tat-tfassil tar-

regoli tal-UE. Il-Kummissjoni ħabbret li għandha l-intenzjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati, inklużi konsultazzjonijiet pubbliċi, skont il-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar għal kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, inklużi dawk rigward miri kwantitattivi effettivi[1a]. Il-valutazzjonijiet tal-impatt xjentifiku ex ante jenħtieġ li jinkludu valutazzjonijiet ambjentali robusti, jenħtieġ li jkopru t-tliet dimensjonijiet tas-sostenibbiltà (ambjentali, ekonomika u soċjali, inkluża s-saħħa) f'approċċ olistiku u sistemiku u jikkunsidraw l-effetti kumulattivi, u jenħtieġ li jinkludu l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni f'termini ta' impatt immedjat u fit-tul fuq is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-bijodiversità u s-sostenibbiltà ġenerali, kif ukoll iqisu t-tiġdid ġenerazzjonali, il-kompromessi possibbli bejn l-għanijiet ta' politika, id-disponibbiltà ta' mezzi biex jintlaħqu l-miri u l-mudelli differenti ta' biedja fl-Istati Membri tal-UE. Huwa importanti li jiġu deskritti l-metodi tal-kalkolu, il-linji bażi u l-perjodi ta' referenza ta' kull mira individwali u li ssir konsultazzjoni u kollaborazzjoni mal-Istati Membri.

[1a] Tweġibiet tas-Sa Kyriakides għall-mistoqsija bil-miktub E-000689/2021

Or. en

Emenda 82
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa -1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1c) L-użu mhux prudenti tal-pestiċidi huwa sors sinifikanti ta' tniġġis tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja u jaffettwa s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti b'mod negattiv. Huwa għaldaqstant meħtieġ li jiġu intensifikati l-isforzi biex titnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza fuq pestiċidi li jagħmlu ħsara, flimkien mar-riskji u l-użu tagħhom, u l-użu ta' fertilizzanti u antibijotiċi. Il-prattiki ta' biedja sostenibbli, bħall-implimentazzjoni tajba tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti (IPM), l-agroforestrija, l-agroekoloġija u l-biedja organika u t-tekniki tal-biedja ta' preċiżjoni, jistgħu jgħinu biex jiġi offruti soluzzjonijiet biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi fil-livell tal-UE u globalment, u dawn jenħtieġ li jiġu mħeġġa. Ir-riċerka xjentifika tindika li l-użu tal-pestiċidi jista' jitnaqqas b'mod sostanzjali mingħajr ma jaffettwa l-profittabbiltà u l-produttività b'mod negattiv, speċjalment meta jiġi akkumpanjat b'disponibbiltà akbar ta' alternattivi sostenibbli;

Or. en

Emenda 83
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel[1], il-Kummissjoni Ewropea ħabbret pakkett ta' simplifikazzjoni trażversali mmirat lejn it-tnaqqis ta' piżijiet regolatorji mhux meħtieġa filwaqt li jinżammu standards għoljin għas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u l-	(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel[1], il-Kummissjoni Ewropea ħabbret pakkett ta' simplifikazzjoni trażversali mmirat lejn it-tnaqqis ta' piżijiet regolatorji mhux meħtieġa filwaqt li jinżammu standards għoljin għas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u l-protezzjoni tal-ambjent ***, kif ukoll***

protezzjoni tal-ambjent.

ikkunsidrat bir-reqqa kwalunkwe projbizzjoni ulterjuri ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jekk ikunu għadhom mhumiex disponibbli alternattivi għalihom u l-biedja tkun tibbaża fuqhom għall-vijabbiltà tagħha.

---

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM/2025/75, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM/2025/75, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-estensjoni tar-referenza għall-Komunikazzjoni tissottolinja r-rabta bejn id-disponibbiltà tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-vijabbiltà tal-agrikoltura.

Emenda 84
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel[1], il-Kummissjoni Ewropea ħabbret pakkett ta' simplifikazzjoni trażversali mmirat lejn it-tnaqqis ta' piżijiet regolatorji mhux meħtieġa filwaqt li jinżammu standards għoljin għas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u l-protezzjoni tal-ambjent.	(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel[1], il-Kummissjoni Ewropea ħabbret pakkett ta' simplifikazzjoni trażversali mmirat lejn it-tnaqqis ta' piżijiet regolatorji mhux meħtieġa ***sabiex issaħħaħ il-produzzjoni tal-ikel u s-sovranità tal-ikel tal-Unjoni,*** filwaqt li jinżammu standards għoljin għas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u l-protezzjoni tal-ambjent.

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM/2025/75, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM/2025/75, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075

Or. fr

Emenda 85
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel[1], il-Kummissjoni Ewropea ħabbret pakkett ta' simplifikazzjoni trażversali mmirat lejn it-tnaqqis ta' piżijiet regolatorji mhux meħtieġa filwaqt li jinżammu standards għoljin għas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u l-protezzjoni tal-ambjent.	(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel[1], il-Kummissjoni Ewropea ħabbret pakkett ta' simplifikazzjoni trażversali mmirat lejn it-tnaqqis ta' piżijiet regolatorji mhux meħtieġa filwaqt li jinżammu***, u meta jkun meħtieġ jissaħħu,*** standards għoljin għas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, ***il-benesseri tal-annimali, il-bijodiversità, l-azzjoni klimatika*** u l-protezzjoni tal-ambjent.

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM/2025/75, https://eur-lex.europa.eu/legal-

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM/2025/75, https://eur-lex.europa.eu/legal-

content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075	content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075

Or. en

Emenda 86
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Andreas Glück, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel[1], il-Kummissjoni Ewropea ħabbret pakkett ta' simplifikazzjoni trażversali mmirat lejn it-tnaqqis ta' piżijiet regolatorji mhux meħtieġa filwaqt li jinżammu standards għoljin għas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u l-protezzjoni tal-ambjent.	(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel[1], il-Kummissjoni Ewropea ħabbret pakkett ta' simplifikazzjoni trażversali mmirat lejn it-tnaqqis ta' piżijiet regolatorji mhux meħtieġa filwaqt li jinżammu standards għoljin għas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, ***is-sigurtà tal-ikel,*** is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u l-protezzjoni tal-ambjent.
[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM/2025/75, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075	[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM/2025/75, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025DC0075

Or. en

Emenda 87
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Sigrid Friis, Stine Bosse, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fl-ambitu tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, l-Unjoni stabbiliet żewġ miri mhux legalment vinkolanti għat-tnaqqis tal-użu u r-riskju tal-pestiċidi sal-2030, jiġifieri tnaqqis ta' 50 % fl-użu u r-riskju ġenerali tal-pestiċidi kimiċi u tnaqqis ta' 50 % fl-użu ta' pestiċidi aktar perikolużi, sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-ammont ta' xogħol tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, madankollu, sar ostaklu sinifikanti fl-approvazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi ta' kontroll bijoloġiku, u b'hekk idewwem l-adozzjoni mis-suq ta' tali prodotti. Għalhekk huwa meħtieġ li l-Awtorità tiġi pprovduta aktar riżorsi u li tittejjeb l-effiċjenza tal-proċeduri tagħha, sabiex jiġu aċċellerati l-valutazzjoni u l-approvazzjoni tas-sustanzi attivi ta' kontroll bijoloġiku, jingħata kontribut għall-ilħuq tal-miri tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku, u jiġi żgurat li l-bdiewa jkollhom aċċess għal sett ta' għodod wiesa' u varjat ta' soluzzjonijiet għall-protezzjoni tal-pjanti, filwaqt li jinżamm l-ogħla livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

Or. en

Emenda 88
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għaxar atti legali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf huma emendati minn dan ir-Regolament dwar is-Simplifikazzjoni tal-Ikel u tal-Għalf sabiex jiġu indirizzati ċerti rekwiżiti u proċeduri li huma partikolarment ta' piż għall-industrija u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-emendi mmirati għandhom l-għan li jagħmlu l-leġiżlazzjoni dwar l-ikel u l-għalf aktar effiċjenti u kosteffettiva għall-industrija, inaqqsu l-piżijiet fuq l-industrija u fuq l-awtoritajiet, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent.	***imħassar***

Or. en

Emenda 89
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għaxar atti legali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf huma emendati minn dan ir-Regolament dwar is-Simplifikazzjoni tal-Ikel u tal-Għalf sabiex jiġu indirizzati ċerti rekwiżiti u proċeduri li huma partikolarment ta' piż għall-industrija u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-emendi mmirati għandhom l-għan li jagħmlu l-leġiżlazzjoni dwar l-ikel u l-għalf aktar effiċjenti u kosteffettiva għall-industrija, inaqqsu l-piżijiet fuq l-industrija u fuq l-awtoritajiet, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent.	(2) Għaxar atti legali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf huma emendati minn dan ir-Regolament dwar is-Simplifikazzjoni tal-Ikel u tal-Għalf sabiex jiġu indirizzati ċerti rekwiżiti u proċeduri li huma partikolarment ta' piż għall-industrija u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri***, bil-konsegwenza li wasslu għal żieda fid-dipendenza fil-qasam tal-ikel, tnaqqis fil-produttività u fid-dħul għall-bdiewa, f'kuntest ta' żieda qawwija fil-kompetizzjoni internazzjonali minħabba l-liberalizzazzjoni kbira tas-swieq***. L-emendi mmirati għandhom l-għan li jagħmlu l-leġiżlazzjoni dwar l-ikel u l-għalf aktar effiċjenti u kosteffettiva għall-

	industrija, inaqqsu l-piżijiet fuq l-industrija u fuq l-awtoritajiet, ***bl-objettiv finali li tingħata spinta ġdida lill-produzzjoni tal-ikel,*** filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent.
	Or. fr

Emenda 90
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Andreas Glück, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għaxar atti legali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf huma emendati minn dan ir-Regolament dwar is-Simplifikazzjoni tal-Ikel u tal-Għalf sabiex jiġu indirizzati ċerti rekwiżiti u proċeduri li huma partikolarment ta' piż għall-industrija u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-emendi mmirati għandhom l-għan li jagħmlu l-leġiżlazzjoni dwar l-ikel u l-għalf aktar effiċjenti u kosteffettiva għall-industrija, inaqqsu l-piżijiet fuq l-industrija u fuq l-awtoritajiet, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent.	(2) Għaxar atti legali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf huma emendati minn dan ir-Regolament dwar is-Simplifikazzjoni tal-Ikel u tal-Għalf sabiex jiġu indirizzati ċerti rekwiżiti u proċeduri li huma partikolarment ta' piż għall-industrija u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-emendi mmirati għandhom l-għan li jagħmlu l-leġiżlazzjoni dwar l-ikel u l-għalf aktar effiċjenti u kosteffettiva għall-industrija, inaqqsu l-piżijiet fuq l-industrija u fuq l-awtoritajiet, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw ***is-sigurtà tal-ikel,*** livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent.
	Or. en

Emenda 91
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għaxar atti legali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf huma emendati minn dan ir-Regolament dwar is-Simplifikazzjoni tal-Ikel u tal-Għalf sabiex jiġu indirizzati ċerti rekwiżiti u proċeduri li ***huma partikolarment ta' piż għall-industrija u*** għall-awtoritajiet kompetenti ***tal-Istati Membri***. L-emendi mmirati għandhom l-għan li ***jagħmlu l-leġiżlazzjoni dwar l-ikel u l-għalf aktar effiċjenti u kosteffettiva għall-industrija, inaqqsu l-piżijiet fuq l-industrija u fuq l-awtoritajiet***, filwaqt li ***fl-istess ħin jiżguraw*** livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent.	(2) Għaxar atti legali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf huma emendati minn dan ir-Regolament dwar is-Simplifikazzjoni tal-Ikel u tal-Għalf sabiex jiġu indirizzati ċerti rekwiżiti u proċeduri li ***wasslu għal dewmien fil-valutazzjonijiet regolatorji, u b'hekk ħolqu piż amministrattiv bla bżonn*** għall-awtoritajiet kompetenti ***u għall-applikanti***. L-emendi mmirati għandhom l-għan li ***jtejbu l-effiċjenza, il-koerenza u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni***, filwaqt li ***jżommu*** livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali***, tal-benesseri tal-annimali, tal-bijodiversità*** u tal-ambjent.

Or. en

Emenda 92
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-protezzjoni tal-konsumatur hija kemm objettiv primarju tad-dritt tal-Unjoni dwar l-ikel, kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 178/2002, kif ukoll objettiv tat-Trattat u impenn tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni skont l-Artikolu 169 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-politika ambjentali tal-Unjoni, kif stabbilita skont l-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandha ssegwi livell għoli ta' protezzjoni u tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni. F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru

178/2002, meta tkun ġiet identifikata l-possibbiltà ta' effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem iżda tippersisti inċertezza xjentifika, jistgħu jiġu adottati miżuri proviżorji ta' ġestjoni tar-riskju biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa. Dan il-pakkett ta' simplifikazzjoni ma għandux jiġi interpretat jew applikat b'mod li jbaxxi l-livell tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent.

Or. en

Emenda 93
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) billi l-liberalizzazzjoni mhux ikkontrollata tal-kummerċ wasslet għall-introduzzjoni u għat-tixrid ta' pesti, mard u speċijiet aljeni invażivi, u dan ħoloq il-ħtieġa ta' protezzjoni mtejba tal-għelejjel, filwaqt li r-riżorsi allokati għas-sorveljanza tas-saħħa tal-pjanti, għall-kontrolli fuq prodotti importati u għall-arranġamenti ta' identifikazzjoni bikrija għadhom insuffiċjenti biex jiffavorixxu approċċ preventiv aktar milli kurattiv; jappella, għalhekk, għall-ftuħ mill-ġdid tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 sabiex jissaħħu l-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi.

Or. fr

Emenda 94
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón,

Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) billi t-tnaqqis kontinwu fl-għadd ta' soluzzjonijiet għall-protezzjoni tal-pjanti jċaħħad lill-bdiewa minn sett ta' għodod varjat, li huwa essenzjali għall-protezzjoni mmirata tal-għelejjel, li jwassalhom biex jużaw l-istess sustanzi aktar ta' spiss, u dan jirriżulta f'riskju akbar ta' reżistenza, żieda fil-kostijiet, u użu inqas effiċjenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti; sett ta' għodod ta' prodotti diversifikat, kemm konvenzjonali kif ukoll ta' kontroll bijoloġiku, jippromwovi l-protezzjoni integrata tal-għelejjel billi jippermetti li tintgħażel, f'kull sitwazzjoni agronomika, l-aktar soluzzjoni xierqa, u b'hekk jiġu llimitati t-trattamenti inutli, id-doża applikati u l-iżvilupp tar-reżistenza.

Or. fr

Emenda 95
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 2c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2c) billi t-tiġdid sistematiku tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, li l-profil tagħhom diġà huwa ddokumentat b'mod mifrux, jirrikjedi riżorsi amministrattivi u xjentifiċi konsiderevoli, għad-detriment tal-valutazzjoni ta' sustanzi ġodda, kemm konvenzjonali kif ukoll ta' kontroll bijoloġiku, u b'hekk idewwem l-aċċess tal-bdiewa għal soluzzjonijiet aktar moderni, bi prestazzjoni aħjar u adattati aħjar

għall-isfidi ambjentali attwali;

Or. fr

Emenda 96
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-miżuri ta' simplifikazzjoni introdotti b'dan ir-Regolament dwar ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ma għandhomx ibaxxu l-livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa tal-annimali jew tal-ambjent. Dawn jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni.

Or. en

Emenda 97
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Andreas Glück, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex titnaqqas id-dipendenza tal-bdiewa fuq prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi kimiċi attivi u f'konformità mal-avviżi fil-Komunikazzjoni Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, jeħtieġ li jiżdiedu l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà ta' prodotti sostenibbli għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ta' kontroll bijoloġiku.	(4) Sabiex titnaqqas id-dipendenza tal-bdiewa fuq prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi kimiċi attivi u f'konformità mal-avviżi fil-Komunikazzjoni Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, jeħtieġ li jiżdiedu l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà ta' prodotti sostenibbli għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ta' kontroll bijoloġiku. ***Is-sustanzi attivi ta' kontroll bijoloġiku jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala wieħed***

	mill-komponenti ta' sett ta' għodod varjat u bbilanċjat disponibbli għall-bdiewa flimkien ma' prodotti oħra għall-protezzjoni tal-pjanti;

Or. en

Emenda 98
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***Sabiex titnaqqas id-dipendenza*** tal-bdiewa ***fuq prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi kimiċi attivi u*** f'konformità mal-avviżi fil-Komunikazzjoni Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, jeħtieġ li jiżdiedu l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà ta' prodotti sostenibbli għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ta' kontroll bijoloġiku.	(4) ***Bl-objettiv li jiġi ddiversifikat issett ta' għodod*** tal-bdiewa f'konformità mal-avviżi fil-Komunikazzjoni Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, jeħtieġ li jiżdiedu l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà ta' prodotti sostenibbli***, effiċjenti u ekonomikament vijabbli*** għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ta' kontroll bijoloġiku.

Or. fr

Emenda 99
Céline Imart, Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) billi r-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiffaċċjaw restrizzjonijiet strutturali, klimatiċi, agroekoloġiċi u fitosanitarji speċifiċi, inklużi klimi tropikali jew subtropikali, pressjoni akbar u kontinwa mill-pesti, ċikli ta'

kultivazzjoni speċifiċi, restrizzjonijiet f'termini tal-inklinazzjoni, tal-umdità u tax-xita, kif ukoll pożizzjoni ġeografika remota li tiġġenera restrizzjonijiet loġistiċi u ekonomiċi partikolari; billi dawn l-ispeċifiċitajiet jistgħu jagħmlu l-proċeduri ordinarji għall-approvazzjoni, għall-awtorizzazzjoni, għat-tiġdid, għall-estensjoni tal-użu, għar-rikonoxximent reċiproku u għall-ġestjoni tal-perjodi ta' konċessjoni għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhux adattati biżżejjed għar-realtajiet tal-produzzjoni ta' dawn ir-reġjuni; billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat li l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tqis kif xieraq dawn ir-restrizzjonijiet, biex jiġu evitati impassi fis-saħħa tal-pjanti, jiġi ggarantit aċċess effiċjenti għal soluzzjonijiet sikuri, effiċjenti u adattati, u tiġi żgurata l-kontinwità tal-produzzjoni agrikola sostenibbli u kompetittiva f'dawn ir-reġjuni, mingħajr preġudizzju għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa tal-annimali u tal-ambjent;

Or. fr

Emenda 100
Laurence Trochu

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) billi r-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiffaċċjaw restrizzjonijiet strutturali, klimatiċi, agroekoloġiċi u fitosanitarji speċifiċi, inklużi klimi tropikali jew subtropikali, pressjoni akbar u kontinwa mill-pesti, ċikli ta' kultivazzjoni speċifiċi, restrizzjonijiet f'termini tal-inklinazzjoni, tal-umdità u

tax-xita, kif ukoll pożizzjoni ġeografika remota li tiġġenera restrizzjonijiet loġistiċi u ekonomiċi partikolari; billi dawn l-ispeċifiċitajiet jistgħu jagħmlu l-proċeduri ordinarji għall-approvazzjoni, għall-awtorizzazzjoni, għat-tiġdid, għall-estensjoni tal-użu, għar-rikonoxximent reċiproku u għall-ġestjoni tal-perjodi ta' konċessjoni għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti mhux adattati biżżejjed għar-realtajiet tal-produzzjoni ta' dawn ir-reġjuni; billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat li l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tqis kif xieraq dawn ir-restrizzjonijiet, biex jiġu evitati impassi fis-saħħa tal-pjanti, jiġi ggarantit aċċess effiċjent għal soluzzjonijiet sikuri, effiċjenti u adattati, u tiġi żgurata l-kontinwità tal-produzzjoni agrikola sostenibbli u kompetittiva f'dawn ir-reġjuni, mingħajr preġudizzju għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa tal-annimali u tal-ambjent.

Or. fr

Emenda 101
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Billi r-Reġjuni Ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiffaċċjaw restrizzjonijiet strutturali, klimatiċi, agroekoloġiċi u fitosanitarji speċifiċi, inklużi klimi tropikali jew subtropikali, pressjoni kontinwa mill-pesti, ċikli speċifiċi tal-għelejjel, restrizzjonijiet relatati mal-inklinazzjoni, mal-umdità u max-xita, u pożizzjoni ġeografikament remota li jwasslu għal restrizzjonijiet loġistiċi u ekonomiċi

partikolari; billi dawk il-karatteristiċi speċifiċi jistgħu jwasslu biex il-proċeduri ordinarji għall-approvazzjoni, għall-awtorizzazzjoni, għat-tiġdid, għall-estensjoni tal-użu, għar-rikonoxximent reċiproku u għall-ġestjoni tal-perjodi ta' konċessjoni għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jkunux adattati biżżejjed għall-kundizzjonijiet tal-produzzjoni prevalenti f'dawk ir-reġjuni; billi għalhekk huwa meħtieġ li jiġi żgurat li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jiġi applikat b'mod li jqis dawk ir-restrizzjonijiet kif xieraq, bil-għan li jiġu pprevenuti sitwazzjonijiet li fihom ma tkun disponibbli l-ebda soluzzjoni effettiva għall-protezzjoni tal-pjanti, jiġi żgurat aċċess effettiv għal soluzzjonijiet sikuri, effettivi u xierqa, u tiġi ssalvagwardjata l-kontinwità tal-produzzjoni agrikola sostenibbli u kompetittiva f'dawk ir-reġjuni, mingħajr preġudizzju għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent;

Or. en

Emenda 102
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) hija ċentrali għas-sistema ta' valutazzjoni tar-riskju tal-Unjoni għas-sustanzi attivi użati fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. L-EFSA indikat li allokazzjoni addizzjonali ta' madwar 50 membru tal-persunal u EUR 15-il miljun fis-sena tippermettilha tindirizza x-xogħol b'lura attwali f'perjodu stmat ta' tliet snin. Għalhekk, it-tishih tal-persunal u tar-riżorsi finanzjarji

tal-EFSA kif xieraq huwa essenzjali biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu tal-konklużjonijiet xjentifiċi u jinżammu l-kwalità u l-indipendenza tal-valutazzjonijiet tar-riskju, kif meħtieġ skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 103
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) billi biex jinżamm bilanċ bejn il-kwistjonijiet ambjentali, il-produttività u d-dħul tal-bdiewa, l-ebda approċċ ma għandu jkun esklużiv iżda hija meħtieġa l-kombinazzjoni ta' diversi lievi, inkluż il-kontroll bijoloġiku, flimkien ma' prattiki agronomiċi, titjib ġenetiku tal-pjanti, tagħmir agrikolu, diġitali u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'każijiet ta' nuqqas ta' alternattivi agronomikament u ekonomikament vijabbli;

Or. fr

Emenda 104
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Andreas Glück, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-adozzjoni usa' ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku tista' tikkontribwixxi għall-ilhuq tal-objettivi ambjentali, tas-

sigurtà tal-ikel u tas-saħħa tal-UE filwaqt li toffri soluzzjonijiet lill-bdiewa li qed jiffaċċjaw tnaqqis fl-għadd ta' sustanzi attivi approvati li jista' jwassal għal nuqqas ta' alternattivi ta' protezzjoni vijabbli u jimmina l-produttività u l-kompetittività tas-settur agrikolu Ewropew.

Or. en

Emenda 105
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Christine Singer, Olivier Chastel, Michal Wiezik, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġi ffaċilitat aċċess aktar mgħaġġel għas-suq għal sustanzi u prodotti ta' kontroll bijoloġiku li fihom dawn is-sustanzi, is-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jeħtieġ li jiġu ddefiniti u identifikati b'mod aktar ċar skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Definizzjoni għal sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jenħtieġ li tinkludi mikroorganiżmi, sustanzi inorganiċi kif iseħħu fin-natura, bl-eċċezzjoni ta' metalli tqal u l-imluħa tagħhom, jew sustanzi ta' oriġini bijoloġika jew prodotti sintetikament li huma funzjonalment identiċi u strutturalment simili għalihom bħal sustanzi semjokimiċi, makromolekuli bijoloġiċi jew molekuli magħmula minn komponenti tagħhom, kif ukoll sustanzi, inkluż kompożizzjoni mhux magħrufa u varjabbli, li joriġinaw minn organiżmi ħajjin jew derivati minn proċessi bijoloġiċi (eż. estratti minn prodotti tal-pjanti, metaboliti prodotti minn mikroorganiżmi).	(5) Sabiex jiġi ffaċilitat aċċess aktar mgħaġġel għas-suq għal sustanzi u prodotti ta' kontroll bijoloġiku li fihom dawn is-sustanzi, is-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jeħtieġ li jiġu ddefiniti u identifikati b'mod aktar ċar skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Definizzjoni għal sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jenħtieġ li tinkludi mikroorganiżmi, sustanzi inorganiċi kif iseħħu fin-natura, bl-eċċezzjoni ta' metalli tqal u l-imluħa tagħhom, jew sustanzi ta' oriġini bijoloġika jew prodotti sintetikament li huma funzjonalment identiċi u strutturalment simili għalihom bħal sustanzi semjokimiċi, makromolekuli bijoloġiċi jew molekuli magħmula minn komponenti tagħhom, kif ukoll sustanzi, inkluż kompożizzjoni mhux magħrufa u varjabbli, li joriġinaw minn organiżmi ħajjin jew derivati minn proċessi bijoloġiċi (eż. estratti minn prodotti tal-pjanti, metaboliti prodotti minn mikroorganiżmi). ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa gwida biex tiċċara xi tfisser "funzjonalment identiċi u strutturalment simili" abbażi ta' rakkomandazzjonijiet***

mill-Awtorità.

Or. en

Emenda 106
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġi ffaċilitat aċċess aktar mgħaġġel għas-suq għal sustanzi u prodotti ta' kontroll bijoloġiku li fihom dawn is-sustanzi, is-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jeħtieġ li jiġu ddefiniti u identifikati b'mod aktar ċar skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Definizzjoni għal sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jenħtieġ li tinkludi mikroorganiżmi, sustanzi inorganiċi kif iseħħu fin-natura, bl-eċċezzjoni ta' metalli tqal u l-imluħa tagħhom, jew sustanzi ta' oriġini bijoloġika jew prodotti sintetikament li huma funzjonalment identiċi u strutturalment ***simili*** għalihom bħal sustanzi semjokimiċi, makromolekuli bijoloġiċi jew molekuli magħmula minn komponenti tagħhom, kif ukoll sustanzi, inkluż kompożizzjoni mhux magħrufa u varjabbli, li joriġinaw minn organiżmi ħajjin jew derivati minn proċessi bijoloġiċi (eż. estratti minn prodotti tal-pjanti, metaboliti prodotti minn mikroorganiżmi).	(5) Sabiex jiġi ffaċilitat aċċess aktar mgħaġġel għas-suq għal sustanzi u prodotti ta' kontroll bijoloġiku ***ta' riskju baxx*** li fihom dawn is-sustanzi, is-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jeħtieġ li jiġu ddefiniti u identifikati b'mod aktar ċar skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Definizzjoni għal sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jenħtieġ li tinkludi mikroorganiżmi, ***dment li ma jkunux organiżmi ġenetikament modifikati skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/18/KE,*** sustanzi inorganiċi kif iseħħu fin-natura, bl-eċċezzjoni ta' metalli tqal u l-imluħa tagħhom, jew sustanzi ta' oriġini bijoloġika jew prodotti sintetikament li huma funzjonalment identiċi u strutturalment ***identiċi*** għalihom bħal sustanzi semjokimiċi, makromolekuli bijoloġiċi jew molekuli magħmula minn komponenti tagħhom, kif ukoll sustanzi, inkluż kompożizzjoni mhux magħrufa u varjabbli, li joriġinaw minn organiżmi ħajjin jew derivati minn proċessi bijoloġiċi (eż. estratti minn prodotti tal-pjanti, metaboliti prodotti minn mikroorganiżmi).

Or. en

Emenda 107
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġi ffaċilitat aċċess aktar mgħaġġel għas-suq għal sustanzi u prodotti ta' kontroll bijoloġiku li fihom dawn is-sustanzi, is-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jeħtieġ li jiġu ddefiniti u identifikati b'mod aktar ċar skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Definizzjoni għal sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jenħtieġ li tinkludi mikroorganiżmi, sustanzi inorganiċi kif iseħħu fin-natura, bl-eċċezzjoni ta' metalli tqal u l-imluħa tagħhom, jew sustanzi ta' oriġini bijoloġika jew prodotti sintetikament li huma funzjonalment identiċi u strutturalment simili għalihom bħal sustanzi semjokimiċi, makromolekuli bijoloġiċi jew molekuli magħmula minn komponenti tagħhom, kif ukoll sustanzi, inkluż kompożizzjoni mhux magħrufa u varjabbli, li joriġinaw minn organiżmi ħajjin jew derivati minn proċessi bijoloġiċi (eż. estratti minn prodotti tal-pjanti, metaboliti prodotti minn mikroorganiżmi).	(5) Sabiex jiġi ffaċilitat aċċess aktar mgħaġġel għas-suq għal sustanzi u prodotti ta' kontroll bijoloġiku ***effiċjenti u ekonomikament vijabbli*** li fihom dawn is-sustanzi, is-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jeħtieġ li jiġu ddefiniti u identifikati b'mod aktar ċar skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Definizzjoni għal sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jenħtieġ li tinkludi mikroorganiżmi, sustanzi inorganiċi kif iseħħu fin-natura, bl-eċċezzjoni ta' metalli tqal u l-imluħa tagħhom, jew sustanzi ta' oriġini bijoloġika jew prodotti sintetikament li huma funzjonalment identiċi u strutturalment simili għalihom bħal sustanzi semjokimiċi, makromolekuli bijoloġiċi jew molekuli magħmula minn komponenti tagħhom, kif ukoll sustanzi, inkluż kompożizzjoni mhux magħrufa u varjabbli, li joriġinaw minn organiżmi ħajjin jew derivati minn proċessi bijoloġiċi (eż. estratti minn prodotti tal-pjanti, metaboliti prodotti minn mikroorganiżmi).

Or. fr

Emenda 108
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġi ffaċilitat aċċess aktar mgħaġġel għas-suq għal sustanzi u prodotti ta' kontroll bijoloġiku li fihom dawn is-sustanzi, is-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jeħtieġ li jiġu ddefiniti u identifikati b'mod aktar ċar skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Definizzjoni għal sustanzi ta'	(5) Sabiex jiġi ffaċilitat aċċess aktar mgħaġġel għas-suq għal sustanzi u prodotti ta' kontroll bijoloġiku ***ta' riskju baxx*** li fihom dawn is-sustanzi, is-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jeħtieġ li jiġu ddefiniti u identifikati b'mod aktar ċar skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

kontroll bijoloġiku jenħtieġ li tinkludi mikroorganiżmi, sustanzi inorganiċi kif iseħħu fin-natura, bl-eċċezzjoni ta' metalli tqal u l-imluħa tagħhom, jew sustanzi ta' oriġini bijoloġika jew prodotti sintetikament li huma funzjonalment identiċi u strutturalment ***simili*** għalihom bħal sustanzi semjokimiċi, makromolekuli bijoloġiċi jew molekuli magħmula minn komponenti tagħhom, kif ukoll sustanzi, inkluż kompożizzjoni mhux magħrufa u varjabbli, li joriġinaw minn organiżmi ħajjin jew derivati minn proċessi bijoloġiċi (eż. estratti minn prodotti tal-pjanti, metaboliti prodotti minn mikroorganiżmi).	Definizzjoni għal sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jenħtieġ li tinkludi mikroorganiżmi, sustanzi inorganiċi kif iseħħu fin-natura, bl-eċċezzjoni ta' metalli tqal u l-imluħa tagħhom, jew sustanzi ta' oriġini bijoloġika jew prodotti sintetikament li huma funzjonalment identiċi u strutturalment ***identiċi*** għalihom bħal sustanzi semjokimiċi, makromolekuli bijoloġiċi jew molekuli magħmula minn komponenti tagħhom, kif ukoll sustanzi, inkluż kompożizzjoni mhux magħrufa u varjabbli, li joriġinaw minn organiżmi ħajjin jew derivati minn proċessi bijoloġiċi (eż. estratti minn prodotti tal-pjanti, metaboliti prodotti minn mikroorganiżmi).

Or. en

Emenda 109
Biljana Borzan, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Thomas Bajada, Mohammed Chahim

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġi ffaċilitat aċċess aktar mgħaġġel għas-suq għal sustanzi u prodotti ta' kontroll bijoloġiku li fihom dawn is-sustanzi, is-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jeħtieġ li jiġu ddefiniti u identifikati b'mod aktar ċar skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Definizzjoni għal sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jenħtieġ li tinkludi mikroorganiżmi, sustanzi inorganiċi kif iseħħu fin-natura, ***bl-eċċezzjoni ta' metalli tqal u l-imluħa tagħhom, jew*** sustanzi ta' oriġini bijoloġika jew prodotti sintetikament ***li huma funzjonalment identiċi u strutturalment simili għalihom*** bħal ***sustanzi semjokimiċi,*** makromolekuli bijoloġiċi jew molekuli magħmula minn komponenti tagħhom, kif ukoll sustanzi, inkluż kompożizzjoni mhux magħrufa u varjabbli, li joriġinaw minn organiżmi	(5) Sabiex jiġi ffaċilitat aċċess aktar mgħaġġel għas-suq għal sustanzi u prodotti ta' kontroll bijoloġiku li fihom dawn is-sustanzi, is-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jeħtieġ li jiġu ddefiniti u identifikati b'mod aktar ċar skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Definizzjoni għal sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jenħtieġ li tinkludi mikroorganiżmi, ***sustanzi semjokimiċi,*** sustanzi inorganiċi kif iseħħu fin-natura, ***jew sustanzi li huma strutturalment simili u funzjonalment identiċi għal*** sustanzi ***naturali*** ta' oriġini bijoloġika jew prodotti sintetikament bħal makromolekuli bijoloġiċi jew molekuli magħmula minn komponenti tagħhom, kif ukoll sustanzi, inkluż kompożizzjoni mhux magħrufa u varjabbli, li joriġinaw minn organiżmi ħajjin jew derivati minn proċessi bijoloġiċi

ħajjin jew derivati minn proċessi bijoloġiċi (eż. estratti minn prodotti tal-pjanti, metaboliti prodotti minn mikroorganiżmi).

(eż. estratti minn prodotti tal-pjanti, metaboliti prodotti minn mikroorganiżmi).

Or. en

Emenda 110
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Stine Bosse, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Sabiex jiġi ċċarat aktar il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tippubblika dokument ta' gwida li jidentifika l-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' kontroll bijoloġiku kif stabbilit hawnhekk.

Or. en

Emenda 111
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Peress li ħafna sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jista' jkollhom ukoll funzjonijiet ta' stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b'mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-	(6) Peress li ħafna sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jista' jkollhom ukoll funzjonijiet ta' stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b'mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-

kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży sustanzi li jinfluwenzaw b’mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja tal-għelejjel, peress li dawk is-sustanzi jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. Is-sustanzi li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta’ partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży sustanzi li jinfluwenzaw b’mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja tal-għelejjel, peress li dawk is-sustanzi jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Jenħtieġ li tali kjarifika ma toħloqx lakuni regolatorji u jenħtieġ li lanqas ma taffettwa l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-organiżmi ġenetikament modifikati.*** Is-sustanzi li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta’ partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta’ prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta’ prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.

Or. en

Emenda 112
Sander Smit, Jessika van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Peress li ħafna sustanzi ta’ kontroll bijoloġiku jista’ jkollhom ukoll ***funzjonijiet*** ta’ stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b’mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-	(6) Peress li ħafna sustanzi ta’ kontroll bijoloġiku jista’ jkollhom ukoll ***effetti*** ta’ stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b’mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru

Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***sustanzi*** li jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-għelejjel***, peress li dawk ***is-sustanzi*** jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Is-sustanzi*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta' partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.	2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***prodotti*** li jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-pjanti***, peress li dawk ***il-prodotti*** jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Il-prodotti*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta' partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.	[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.

Or. nl

Ġustifikazzjoni

Il-linja bejn prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u bijostimulant ġiet stabbilita fil-livell tal-prodott, skont il-formulazzjoni użata fir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti ((UE) 2019/1009). Din tevita żewġ definizzjonijiet konfliġġenti għall-istess prodott u tiżgura li r-reġim li qiegħed fih il-manifattur ikun magħruf minn qabel.

Emenda 113
Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Peress li ħafna sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jista' jkollhom ukoll	(6) Peress li ħafna sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jista' jkollhom ukoll ***effetti*** ta'

funzjonijiet ta’ stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b’mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***sustanzi*** li jinfluwenzaw b’mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-għelejjel***, peress li dawk ***is-sustanzi*** jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Is-sustanzi*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta’ partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta’ prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.

stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b’mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***prodotti*** li jinfluwenzaw b’mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-pjanti***, peress li dawk ***il-prodotti*** jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Il-prodotti*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta’ partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta’ prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.

(Id-Direttiva (KE) Nru 1107/2009)

Or. en

Emenda 114
Seán Kelly

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Peress li ħafna sustanzi ta’ kontroll bijoloġiku jista’ jkollhom ukoll	(6) Peress li ħafna sustanzi ta’ kontroll bijoloġiku jista’ jkollhom ukoll ***effetti*** ta’

funzjonijiet ta’ stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b’mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***sustanzi*** li jinfluwenzaw b’mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-għelejjel***, peress li dawk ***is-sustanzi*** jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Is-sustanzi*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta’ partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.	stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b’mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***prodotti*** li jinfluwenzaw b’mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-pjanti***, peress li dawk ***il-prodotti*** jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Il-prodotti*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta’ partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta’ prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.	[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta’ prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ttejjeb iċ-ċarezza legali billi tiżgura li d-distinzjoni bejn il-bijostimulanti tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ssir fil-livell tal-prodott, b’mod konsistenti mal-qafas regolatorju eżistenti tal-UE. Tippreżerva l-objettiv tal-Kummissjoni Ewropea li tipprovdi limitu aktar ċar bejn iż-żewġ oqfsa regolatorji, filwaqt li tevita l-inċertezza legali mhux intenzjonata maħluqa mill-formulazzjoni attwali fil-kompromess tal-Kunsill. Tipprovdi ċertezza akbar għall-awtoritajiet kompetenti, għall-manifatturi u għall-bdiewa, u tgħin biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha.

Emenda 115
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Peress li ħafna sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jista' jkollhom ukoll ***funzjonijiet*** ta' stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b'mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***sustanzi*** li jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-għelejjel***, peress li dawk ***is-sustanzi*** jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Is-sustanzi*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta' partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.	(6) Peress li ħafna sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jista' jkollhom ukoll ***effetti*** ta' stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b'mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***prodotti*** li jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-pjanti***, peress li dawk ***il-prodotti*** jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Il-prodotti*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta' partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.	[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.

Or. en

Emenda 116
Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Peress li ħafna sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jista' jkollhom ukoll ***funzjonijiet*** ta' stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b'mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***sustanzi*** li jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-għelejjel***, peress li dawk is-sustanzi jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Is-sustanzi*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta' partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.	(6) Peress li ħafna sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jista' jkollhom ukoll ***effetti*** ta' stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b'mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***prodotti*** li jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-pjanti***, peress li dawk is-sustanzi jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Il-prodotti*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta' partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj).	[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj).

Or. fr

Emenda 117
Barry Cowen

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Peress li ħafna sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jista' jkollhom ukoll ***funzjonijiet*** ta' stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b'mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE[3]. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***sustanzi*** li jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-għelejjel***, peress li dawk ***is-sustanzi*** jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Is-sustanzi*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta' partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.	(6) Peress li ħafna sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jista' jkollhom ukoll ***effetti*** ta' stimolu tat-tkabbir tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi stabbilita demarkazzjoni aktar ċara fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti, b'mod partikolari l-bijostimulanti tal-pjanti kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġu eskluży ***prodotti*** li jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-proċessi tal-ħajja ***tal-pjanti***, peress li dawk ***il-prodotti*** jikkwalifikaw bħala bijostimulanti tal-pjanti minn perspettiva fiżjoloġika tal-pjanti. ***Il-prodotti*** li jinterferixxu mal-proċessi tal-ħajja tal-pjanti u jikkontrollaw it-tkabbir tal-pjanti jew ta' partijiet minnhom, jenħtieġ li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.	[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, PE/76/2018/REV/1, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1–114, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj.

Or. en

Emenda 118
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Għall-istess għan, l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi bħal dawn u għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom ***dawn is-sustanzi*** jenħtieġ li tingħata prijorità biex tiġi żgurata protezzjoni f'waqtha tal-għelejjel minn pesti u mard eżistenti.	(7) Għall-istess għan, l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi bħal dawn u għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom ***sustanzi attivi ta' kontroll bijoloġiku u sustanzi attivi b'riskju baxx*** jenħtieġ li tingħata prijorità biex tiġi żgurata protezzjoni f'waqtha tal-għelejjel minn pesti u mard eżistenti. ***Filwaqt li l-aċċellerazzjoni tal-valutazzjoni u tal-awtorizzazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' kontroll bijoloġiku hija essenzjali għall-ilħuq tal-objettivi ambjentali, tas-sigurtà tal-ikel u tas-saħħa tal-UE, tali miżuri jenħtieġ li ma jwasslux għal aktar dewmien fil-valutazzjoni tar-riskju u fl-awtorizzazzjoni ta' sustanzi attivi konvenzjonali u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Barra minn hekk, din il-prijoritizzazzjoni jenħtieġ li ma tirriżultax f'rieżamijiet imdewma b'mod eċċessiv ta' sustanzi u prodotti li ilhom fis-suq għal aktar minn għaxar snin, biex b'hekk jiġi żgurat li jinżamm b'mod konsistenti livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali u għall-ambjent.***

Or. en

Emenda 119
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Għall-istess għan, l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi bħal dawn u għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-	(7) Għall-istess għan, l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi***, effiċjenti u ekonomikament vijabbli*** bħal dawn u għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-

sustanzi jenħtieġ li ***tingħata prijorità*** biex tiġi żgurata protezzjoni f'waqtha tal-għelejjel minn pesti u mard eżistenti.	protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi jenħtieġ li ***ssir malajr*** biex tiġi żgurata protezzjoni f'waqtha tal-għelejjel minn pesti u mard eżistenti. ***Sabiex tiżdied il-frekwenza ta' dawn l-approvazzjonijiet, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, huwa imperattiv li jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u ta' tiġdid, b'mod partikolari billi ma tiġix applikata b'mod sistematiku data ta' skadenza għall-awtorizzazzjonijiet, ħlief għas-sustanzi li jeħtiġuha.***
	Or. fr

Emenda 120
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Għall-istess għan, l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi bħal dawn u għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi jenħtieġ li tingħata prijorità biex tiġi żgurata protezzjoni f'waqtha tal-għelejjel minn pesti u mard eżistenti.	(7) Għall-istess għan, l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi ***b'riskju baxx*** bħal dawn u għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi jenħtieġ li tingħata prijorità***, dment li l-evidenza xjentifika disponibbli turi li jissodisfaw il-kriterji applikabbli għal sustanzi attivi b'riskju baxx u li tali prijoritizzazzjoni ma tikkompromettix il-kwalità jew ir-reqqa tal-valutazzjoni xjentifika*** biex tiġi żgurata protezzjoni f'waqtha tal-għelejjel minn pesti u mard eżistenti.
	Or. en

Emenda 121
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Sabiex titrawwem l-innovazzjoni f'soluzzjonijiet ta' protezzjoni tal-għelejjel b'riskju baxx u bijoloġiċi, il-piż regolatorju u l-perjodi ta' żmien tal-ipproċessar iridu jiġu ottimizzati mingħajr ma jiġu kompromessi l-istandards tas-sikurezza. Huwa essenzjali li jkun hemm perkors regolatorju prevedibbli ta' mhux aktar minn tliet snin biex jitħeġġeġ l-investiment fis-settur tal-kontroll bijoloġiku u biex il-bdiewa jingħataw l-għodod meħtieġa għall-ġestjoni integrata tal-pesti. Sabiex tinforza din il-mira, jenħtieġ li l-Kummissjoni tintraċċa d-durati tal-awtorizzazzjoni kull sena. Kwalunkwe nuqqas li tintlaħaq il-mira ta' medja ta' tliet snin irid jiskatta mekkaniżmu obbligatorju ta' trasparenza u rimedju, li jġiegħel lill-Kummissjoni tidentifika x-xkiel proċedurali sottostanti u tiddeskrivi azzjonijiet leġiżlattivi jew amministrattivi konkreti fil-programmi ta' ħidma futuri tagħha biex tirrettifika d-dewmien.

Or. en

Emenda 122
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku tirrikjedi għarfien tekniku speċifiku, u xi Stati Membri ma għandhomx biżżejjed esperti speċjalizzati f'din it-tip ta' valutazzjoni. ***B'riżultat ta' dan, xi applikanti għall-***	(8) Il-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku tirrikjedi għarfien tekniku speċifiku, u xi Stati Membri ma għandhomx biżżejjed esperti speċjalizzati f'din it-tip ta' valutazzjoni. ***Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit perkors***

approvazzjoni ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku ***jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu*** Stat Membru relatur***. Sabiex tiżdied il-kapaċità għall-valutazzjoni ta' sustanzi ġodda ta' kontroll bijoloġiku***, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ***li tassumi r-rwol tal-Istat Membru*** relatur għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni u r-riżorsi tal-Awtorità jenħtieġ li jiżdiedu kif xieraq. L-Awtorità jenħtieġ li tistabbilixxi salvagwardji xierqa biex tiżgura l-indipendenza tar-rieżami bejn il-pari sussegwenti u biex tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess possibbli għall-esperti involuti fl-istadji differenti tal-valutazzjoni.

ta' valutazzjoni ddedikat għas-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku ***sabiex jiġi żgurat li jiġu vvalutati bl-użu ta' metodoloġiji xierqa għall-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, tal-bijodiversità u tal-ambjent. Metodoloġiji ta' valutazzjoni bbażati fuq ir-riskju u l-periklu bbażati fuq pestiċidi konvenzjonali jistgħu jirriżultaw f'rekwiżiti ta' data mhux meħtieġa jew ostakli regolatorji sproporzjonati li mhumiex xjentifikament ġustifikati. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas iddedikat għall-valutazzjoni tar-riskju fejn ir-rekwiżiti tad-data, il-linji gwida tekniċi, u l-prinċipji ta' evalwazzjoni jkunu adattati bis-sħiħ u proporzjonati għan-natura bijoloġika u l-esponiment mistenni ta' dawn is-sustanzi. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita sottokategorija speċifika ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku b'riskju baxx għal sustanzi li jissodisfaw il-kriterji applikabbli ta' riskju baxx abbażi ta' valutazzjoni xjentifika, li tippermetti proċeduri simplifikati proporzjonati mal-profil tar-riskju tagħhom. Meta l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jassumu r-rwol ta'*** Stat Membru relatur, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ***taġixxi bħala*** relatur għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni u r-riżorsi tal-Awtorità jenħtieġ li jiżdiedu kif xieraq. L-Awtorità jenħtieġ li tistabbilixxi salvagwardji xierqa biex tiżgura l-indipendenza tar-rieżami bejn il-pari sussegwenti u biex tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess possibbli għall-esperti involuti fl-istadji differenti tal-valutazzjoni.

Or. en

Emenda 123
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Michal Wiezik, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy

Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku tirrikjedi għarfien tekniku speċifiku, u xi Stati Membri ma għandhomx biżżejjed esperti speċjalizzati f'din it-tip ta' valutazzjoni. B'riżultat ta' dan, xi applikanti għall-approvazzjoni ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu Stat Membru relatur. Sabiex tiżdied il-kapaċità għall-valutazzjoni ta' sustanzi ġodda ta' kontroll bijoloġiku, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") li tassumi r-rwol tal-Istat Membru relatur għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni u r-riżorsi tal-Awtorità jenħtieġ li jiżdiedu kif xieraq. L-Awtorità jenħtieġ li tistabbilixxi salvagwardji xierqa biex tiżgura l-indipendenza tar-rieżami bejn il-pari sussegwenti u biex tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess possibbli għall-esperti involuti fl-istadji differenti tal-valutazzjoni.	(8) Il-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku tirrikjedi għarfien tekniku speċifiku, u xi Stati Membri ma għandhomx biżżejjed esperti speċjalizzati f'din it-tip ta' valutazzjoni. B'riżultat ta' dan, xi applikanti għall-approvazzjoni ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu Stat Membru relatur. Sabiex tiżdied il-kapaċità għall-valutazzjoni ta' sustanzi ġodda ta' kontroll bijoloġiku***, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom ikollhom biżżejjed baġit, persunal u għarfien espert biex jittrattaw l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku biex iwettqu valutazzjonijiet sal-iskadenzi mistennija u jevitaw dewmien bla bżonn. Barra minn hekk***, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") li tassumi r-rwol tal-Istat Membru relatur għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni u r-riżorsi tal-Awtorità jenħtieġ li jiżdiedu kif xieraq. L-Awtorità jenħtieġ li tistabbilixxi salvagwardji xierqa biex tiżgura l-indipendenza tar-rieżami bejn il-pari sussegwenti u biex tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess possibbli għall-esperti involuti fl-istadji differenti tal-valutazzjoni.

Or. en

Emenda 124
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku tirrikjedi għarfien tekniku speċifiku, u xi Stati Membri ma għandhomx biżżejjed esperti speċjalizzati f'din it-tip ta' valutazzjoni. B'riżultat ta' dan, xi applikanti għall-approvazzjoni ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu Stat Membru relatur. Sabiex tiżdied il-kapaċità għall-valutazzjoni ta' sustanzi ġodda ta' kontroll bijoloġiku, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") li tassumi r-rwol tal-Istat Membru relatur għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni u r-riżorsi tal-Awtorità jenħtieġ li jiżdiedu kif xieraq. L-Awtorità jenħtieġ li tistabbilixxi salvagwardji xierqa biex tiżgura l-indipendenza tar-rieżami bejn il-pari sussegwenti u biex tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess possibbli għall-esperti involuti fl-istadji differenti tal-valutazzjoni.	(8) Il-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku tirrikjedi għarfien tekniku speċifiku, u xi Stati Membri ma għandhomx biżżejjed esperti speċjalizzati f'din it-tip ta' valutazzjoni. B'riżultat ta' dan, xi applikanti għall-approvazzjoni ta' sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu Stat Membru relatur***, u dan iwassal għal dewmien proċedurali u limitazzjonijiet fil-proċess ta' valutazzjoni***. Sabiex tiżdied il-kapaċità għall-valutazzjoni ta' sustanzi ġodda ta' kontroll bijoloġiku, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") li tassumi r-rwol tal-Istat Membru relatur għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni u r-riżorsi tal-Awtorità jenħtieġ li jiżdiedu kif xieraq. L-Awtorità jenħtieġ li tistabbilixxi salvagwardji xierqa biex tiżgura l-indipendenza tar-rieżami bejn il-pari sussegwenti u biex tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess possibbli għall-esperti involuti fl-istadji differenti tal-valutazzjoni.

Or. en

Emenda 125
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi ta' kontroll bijoloġiku tirrikjedi għarfien tekniku ***speċifiku,*** u xi Stati Membri ma għandhomx biżżejjed esperti ***speċjalizzati f'din it-tip ta' valutazzjoni***. B'riżultat ta' dan, xi applikanti għall-approvazzjoni ta' sustanzi ta' kontroll	(8) Il-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi***, b'mod partikolari dawk*** ta' kontroll bijoloġiku***,*** tirrikjedi għarfien tekniku u xi Stati Membri ma għandhomx biżżejjed esperti. B'riżultat ta' dan, xi applikanti għall-approvazzjoni ta' sustanzi***, b'mod partikolari dawk*** ta' kontroll

bijoloġiku jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu Stat Membru relatur. Sabiex tiżdied il-kapaċità għall-valutazzjoni ta' sustanzi ġodda ta' kontroll bijoloġiku, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") li tassumi r-rwol tal-Istat Membru relatur għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni u r-riżorsi tal-Awtorità jenħtieġ li jiżdiedu kif xieraq. L-Awtorità jenħtieġ li tistabbilixxi salvagwardji xierqa biex tiżgura l-indipendenza tar-rieżami bejn il-pari sussegwenti u biex tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess possibbli għall-esperti involuti fl-istadji differenti tal-valutazzjoni.	bijoloġiku**,** jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu Stat Membru relatur. Sabiex tiżdied il-kapaċità għall-valutazzjoni ta' sustanzi ġodda***, b'mod partikolari dawk*** ta' kontroll bijoloġiku, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") li tassumi r-rwol tal-Istat Membru relatur għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni u r-riżorsi tal-Awtorità jenħtieġ li jiżdiedu kif xieraq***, għal kull awtorizzazzjoni u tiġdid ta' awtorizzazzjoni ta' sustanza***. L-Awtorità jenħtieġ li tistabbilixxi salvagwardji xierqa biex tiżgura l-indipendenza tar-rieżami bejn il-pari sussegwenti u biex tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess possibbli għall-esperti involuti fl-istadji differenti tal-valutazzjoni.

Or. fr

Emenda 126
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex titħaffef l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà għall-bdiewa ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ġodda ta' kontroll bijoloġiku, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħtu awtorizzazzjonijiet proviżorji għal tali prodotti hekk kif l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni għal applikazzjoni għall-approvazzjoni jkun ġie ppreżentat u jiġi konkluż li s-sustanza tista' tiġi approvata. Meta s-sustanza l-ġdida ta' kontroll bijoloġiku tiġi approvata, u sabiex jiġu evitati proċeduri amministrattivi mhux meħtieġa, jenħtieġ li jkun possibbli li tali awtorizzazzjonijiet proviżorji jiġu ttrasformati f'awtorizzazzjonijiet regolari mingħajr il-	***imħassar***

ħtieġa ta' rivalutazzjoni sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-approvazzjoni ma jkunux jirrikjedu emenda tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjonijiet proviżorji.

Or. en

Emenda 127
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex titħaffef l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà għall-bdiewa ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ġodda ta' kontroll bijoloġiku, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħtu awtorizzazzjonijiet proviżorji għal tali prodotti hekk kif l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni għal applikazzjoni għall-approvazzjoni jkun ġie ppreżentat u jiġi konkluż li s-sustanza tista' tiġi approvata. Meta s-sustanza l-ġdida ta' kontroll bijoloġiku tiġi approvata, u sabiex jiġu evitati proċeduri amministrattivi mhux meħtieġa, jenħtieġ li jkun possibbli li tali awtorizzazzjonijiet proviżorji jiġu ttrasformati f'awtorizzazzjonijiet regolari mingħajr il-ħtieġa ta' rivalutazzjoni sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-approvazzjoni ma jkunux jirrikjedu emenda tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjonijiet proviżorji.	(9) Sabiex titħaffef l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà għall-bdiewa ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ġodda ta' kontroll bijoloġiku ***b'riskju baxx***, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħtu awtorizzazzjonijiet proviżorji għal tali prodotti hekk kif l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni għal applikazzjoni għall-approvazzjoni jkun ġie ppreżentat u jiġi konkluż li s-sustanza tista' tiġi approvata. Meta s-sustanza l-ġdida ta' kontroll bijoloġiku ***b'riskju baxx*** tiġi approvata, u sabiex jiġu evitati proċeduri amministrattivi mhux meħtieġa, jenħtieġ li jkun possibbli li tali awtorizzazzjonijiet proviżorji jiġu ttrasformati f'awtorizzazzjonijiet regolari mingħajr il-ħtieġa ta' rivalutazzjoni sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-approvazzjoni ma jkunux jirrikjedu emenda tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjonijiet proviżorji.

Or. en

Emenda 128
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón,

Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex titħaffef l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà għall-bdiewa ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ġodda ***ta' kontroll bijoloġiku***, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħtu awtorizzazzjonijiet proviżorji għal tali prodotti hekk kif l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni għal applikazzjoni għall-approvazzjoni jkun ġie ppreżentat u jiġi konkluż li s-sustanza tista' tiġi approvata. Meta s-sustanza l-ġdida ***ta' kontroll bijoloġiku*** tiġi approvata, u sabiex jiġu evitati proċeduri amministrattivi mhux meħtieġa, jenħtieġ li jkun possibbli li tali awtorizzazzjonijiet proviżorji jiġu ttrasformati f'awtorizzazzjonijiet regolari mingħajr il-ħtieġa ta' rivalutazzjoni sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-approvazzjoni ma jkunux jirrikjedu emenda tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjonijiet proviżorji.	(9) Sabiex titħaffef l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà għall-bdiewa ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ġodda, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħtu awtorizzazzjonijiet proviżorji għal tali prodotti hekk kif l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni għal applikazzjoni għall-approvazzjoni jkun ġie ppreżentat u jiġi konkluż li s-sustanza tista' tiġi approvata. Meta s-sustanza l-ġdida tiġi approvata, u sabiex jiġu evitati proċeduri amministrattivi mhux meħtieġa, jenħtieġ li jkun possibbli li tali awtorizzazzjonijiet proviżorji jiġu ttrasformati f'awtorizzazzjonijiet regolari mingħajr il-ħtieġa ta' rivalutazzjoni sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-approvazzjoni ma jkunux jirrikjedu emenda tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjonijiet proviżorji.

Or. fr

Emenda 129
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq l-applikanti u l-Istati Membri u biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jew sustanzi attivi b'riskju baxx, l-Unjoni jenħtieġ li titqies bħala żona waħda għall-	***imħassar***

applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali prodotti. Meta jitqies ukoll li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku mhumiex mistennija li joħolqu livelli ta' riskju differenti fi Stati Membri differenti, ir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet għal tali prodotti mogħtija minn Stat Membru wieħed jenħtieġ li jitqies bħala mogħti bi ftehim taċitu jekk id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ma jiġux adottati sal-iskadenza stabbilita.

Or. en

Emenda 130
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq l-applikanti u l-Istati Membri u biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jew sustanzi attivi b'riskju baxx, l-Unjoni jenħtieġ li titqies bħala żona waħda għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali prodotti. Meta jitqies ***ukoll li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku mhumiex mistennija li joħolqu livelli ta' riskju differenti fi Stati*** Membri differenti, ir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet għal tali prodotti mogħtija minn Stat Membru wieħed jenħtieġ li jitqies bħala mogħti bi ftehim taċitu jekk id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ma jiġux adottati sal-iskadenza stabbilita.	(10) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq l-applikanti u l-Istati Membri u biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jew sustanzi attivi b'riskju baxx, l-Unjoni jenħtieġ li titqies bħala żona waħda għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali prodotti. Meta jitqies ***l-aċċess frammentat għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bejn l-Istati*** Membri differenti***, li joħloq distorsjonijiet qawwija tal-kompetizzjoni***, ir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet għal tali prodotti mogħtija minn Stat Membru wieħed jenħtieġ li jitqies bħala mogħti bi ftehim taċitu jekk id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ma jiġux adottati sal-iskadenza stabbilita. ***Qabel ma l-Istat Membru jirrifjuta r-rikonoxximent reċiproku lill-***

applikant, jew fil-kuntest ta' awtorizzazzjoni żonali, l-ewwel għandu jkun żgura li l-applikant kellu opportunità ġenwina li jipprovdi l-informazzjoni jew id-data meħtieġa matul il-proċess tad-dossier, iżda wkoll li rifjut ibbażat fuq speċifiċitajiet nazzjonali, bħan-nuqqas ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju jew il-preżenza ta' ċirkostanzi agronomiċi, tas-saħħa tal-pjanti jew ambjentali partikolari li ma jkunux tqiesu, dejjem ikun motivat u ġġustifikat.

Or. fr

Emenda 131
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq l-applikanti u l-Istati Membri u biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku jew sustanzi attivi b'riskju baxx, l-Unjoni jenħtieġ li titqies bħala żona waħda għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali prodotti. ***Meta jitqies ukoll li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku mhumiex mistennija li joħolqu livelli ta' riskju differenti*** fi Stati Membri ***differenti,*** ir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet għal tali prodotti ***mogħtija minn Stat Membru wieħed jenħtieġ li jitqies bħala mogħti bi ftehim taċitu jekk id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ma jiġux adottati sal-iskadenza stabbilita***.	(10) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq l-applikanti u l-Istati Membri u biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku ***b'riskju baxx*** jew sustanzi attivi b'riskju baxx, l-Unjoni jenħtieġ li titqies bħala żona waħda għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali prodotti. ***Tali simplifikazzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni xjentifika minn qabel li turi li l-kriterji applikabbli ta' riskju baxx huma ssodisfati u jenħtieġ li ma taffettwax il-valutazzjoni tar-riskji li jistgħu jirriżultaw minn kundizzjonijiet ambjentali, agronomiċi jew klimatiċi speċifiċi*** fi Stati Membri ***individwali.*** Ir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet għal tali prodotti ***għandu għalhekk jiġi ffaċilitat, filwaqt li l-Istati Membri jitħallew joġġezzjonaw meta debitament ġustifikat abbażi ta' ċirkostanzi lokali jew ambjentali speċifiċi***.

Or. en

Emenda 132
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq l-applikanti u l-Istati Membri u biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku ***jew sustanzi attivi b'riskju baxx***, l-Unjoni jenħtieġ li titqies bħala żona waħda għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali prodotti. Meta jitqies ukoll li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku mhumiex mistennija li joħolqu livelli ta' riskju differenti fi Stati Membri differenti, ir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet għal tali prodotti mogħtija minn Stat Membru wieħed jenħtieġ li jitqies bħala mogħti bi ftehim taċitu jekk id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ma jiġux adottati sal-iskadenza stabbilita.	(10) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet fuq l-applikanti u l-Istati Membri u biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku, l-Unjoni jenħtieġ li titqies bħala żona waħda għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali prodotti. Meta jitqies ukoll li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku mhumiex mistennija li joħolqu livelli ta' riskju differenti fi Stati Membri differenti, ir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet għal tali prodotti mogħtija minn Stat Membru wieħed jenħtieġ li jitqies bħala mogħti bi ftehim taċitu jekk id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ma jiġux adottati sal-iskadenza stabbilita.

Or. en

Emenda 133
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Michal Wiezik, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Ġie osservat li għadd sinifikanti ta'

applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi sottomessi lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel jew mhumiex kompluti jew ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjonijiet regolatorji u xjentifiċi applikabbli biex jippermettu l-valutazzjoni xjentifika tal-aħjar kwalità mill-Awtorità, u dan jirriżulta fil-ħtieġa ta' talbiet għal informazzjoni addizzjonali matul il-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju u, konsegwentement, xi drabi jwassal għal dewmien sinifikanti fil-valutazzjoni u fl-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti approvati. L-applikanti, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, mhux dejjem ikunu jifhmu b'mod ċar ir-rekwiżiti regolatorji u xjentifiċi applikabbli meta jkunu qed jikkompilaw id-dossiers tal-applikazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi u tad-dettalji tal-istudji li għandhom jitwettqu. Jenħtieġ li l-Awtorità titħalla tagħti parir qabel is-sottomissjoni fuq talba ta' applikant potenzjali li jirċievi informazzjoni dwar ir-regoli applikabbli, id-dokumenti ta' gwida u r-rekwiżiti tad-data inkluż dwar it-tfassil tal-istudju u l-istrateġiji tal-ittestjar. Jenħtieġ li dan il-parir jiġi pprovdut mill-persunal u mill-esperti tal-Awtorità biex jiġi żgurat l-aktar parir xjentifiku aġġornat.

Or. en

Emenda 134
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Biex jiġi żgurat li s-sistema ta' awtorizzazzjoni taż-żona u ta' rikonoxximent reċiproku topera b'mod effettiv, id-demarkazzjoni taż-żoni

speċifikati fl-Anness I trid tirrifletti l-kundizzjonijiet agronomiċi, klimatiċi u ambjentali li jeżistu f'kull ħin. Minħabba l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq il-prattiki agrikoli, fuq ix-xejriet fid-distribuzzjoni tal-pesti u fuq il-kundizzjonijiet tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll id-differenzi sinifikanti bejn ir-reġjuni tal-istess Stat Membru, jenħtieġ li l-Kummissjoni terġa' tivvaluta b'mod regolari d-delimitazzjoni ta' dawn iż-żoni u tingħata s-setgħa li taġġustaha permezz ta' atti delegati, inkluż billi tistabbilixxi subżoni jew talloka ċerti reġjuni għal żoni differenti, fejn dan ikun ġustifikat fuq il-bażi ta' kriterji xjentifiċi u tekniċi.

Or. ro

Emenda 135
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Stine Bosse, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Il-varar effettiv ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi ta' kontroll bijoloġiku spiss jiddependi minn tekniki ta' applikazzjoni adattati, li jenfasizza l-ħtieġa ta' investiment kontinwu u ta' aktar investiment fit-taħriġ, fl-infrastruttura u fl-appoġġ tekniku u konsultattiv lill-bdiewa, sabiex titħaffef it-tranżizzjoni lejn prattiki aktar sostenibbli għall-protezzjoni tal-pjanti, titnaqqas id-dipendenza fuq is-sustanzi attivi kimiċi, u jiġu appoġġati l-objettivi tal-ġestjoni integrata tal-pesti, u b'hekk jingħata kontribut għall-protezzjoni tal-bijodiversità, tal-pollinaturi, tas-saħħa tal-ħamrija u tal-kwalità tal-ilma, u għall-ilħuq tal-objettivi ambjentali u tal-Patt Ekoloġiku tal-

Unjoni.

Or. en

Emenda 136
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Michal Wiezik, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Matul dawn l-aħħar snin, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi u għall-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ffaċċjat dewmien sinifikanti parzjalment minħabba nuqqas ta' riżorsi fl-Awtorità u fl-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Għalhekk huwa tal-akbar importanza li jiġu allokati riżorsi, finanzjament u persunal addizzjonali fl-Awtorità u fl-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex iwettqu l-kompiti rispettivi tagħhom sal-iskadenzi applikabbli u biex jaċċelleraw l-introduzzjoni fis-suq ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih sustanzi attivi ta' kontroll bijoloġiku u b'riskju baxx.

Or. en

Emenda 137
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Andreas Glück, Michal Wiezik, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10c) Il-varar effettiv ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih sustanzi attivi

ta' kontroll bijoloġiku spiss jiddependi minn tekniki ta' applikazzjoni adattati, li jenfasizzaw il-ħtieġa ta' investiment kontinwu fit-taħriġ, fl-infrastruttura u fl-appoġġ tekniku u konsultattiv lill-bdiewa biex tiġi żgurata l-adozzjoni b'suċċess ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi ta' kontroll bijoloġiku.

Or. en

Emenda 138
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. L-Artikolu 67(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jirrikjedi li l-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom, għal mill-inqas 3 snin, iżommu rekords tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma jużaw, li jkun fihom l-isem tal-prodott, il-ħin u d-doża tal-applikazzjoni, iż-żona u l-għalla fejn il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun intuża sabiex tiżdied il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent billi tiġi żgurata t-traċċabbiltà u l-espożizzjoni potenzjali, tiżdied l-effiċjenza tal-monitoraġġ u l-kontroll u jitnaqqsu l-kostijiet tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma. Meta jitqies li tali informazzjoni hija inqas rilevanti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ta' kontroll bijoloġiku, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-bdiewa, l-obbligu li jinżammu rekords jenħtieġ li ma japplikax għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 139
Céline Imart, Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-Artikolu 67(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jirrikjedi li l-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom, għal mill-inqas 3 snin, iżommu rekords tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma jużaw, li jkun fihom l-isem tal-prodott, il-ħin u d-doża tal-applikazzjoni, iż-żona u l-għalla fejn il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun intuża sabiex tiżdied il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent billi tiġi żgurata t-traċċabbiltà u l-espożizzjoni potenzjali, tiżdied l-effiċjenza tal-monitoraġġ u l-kontroll u jitnaqqsu l-kostijiet tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma. Meta jitqies li tali informazzjoni hija inqas rilevanti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ta' kontroll bijoloġiku, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-bdiewa, l-obbligu li jinżammu rekords jenħtieġ li ma japplikax għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku.	(11) L-Artikolu 67(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jirrikjedi li l-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom, għal mill-inqas 3 snin, iżommu rekords tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma jużaw, li jkun fihom l-isem tal-prodott, il-ħin u d-doża tal-applikazzjoni, iż-żona u l-għalla fejn il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun intuża sabiex tiżdied il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent billi tiġi żgurata t-traċċabbiltà u l-espożizzjoni potenzjali, tiżdied l-effiċjenza tal-monitoraġġ u l-kontroll u jitnaqqsu l-kostijiet tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma. Meta jitqies li tali informazzjoni hija inqas rilevanti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ta' kontroll bijoloġiku, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-bdiewa, l-obbligu li jinżammu rekords jenħtieġ li ma japplikax għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku. ***Barra minn hekk, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa, il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, temenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni 564/2023 sabiex tissimplifika l-kontenut tiegħu u tneħħi l-informazzjoni mingħajr valur miżjud, b'mod partikolari l-kodiċijiet tal-UPPE u l-istadji fenoloġiċi tal-għelejjel, f'konformità mal-parametru referenzjarju tal-BBCH.***

Or. fr

Emenda 140
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-Artikolu 67(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jirrikjedi li l-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom, għal mill-inqas 3 snin, iżommu rekords tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma jużaw, li jkun fihom l-isem tal-prodott, il-ħin u d-doża tal-applikazzjoni, iż-żona u l-għalla fejn il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun intuża sabiex tiżdied il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent billi tiġi żgurata t-traċċabbiltà u l-espożizzjoni potenzjali, tiżdied l-effiċjenza tal-monitoraġġ u l-kontroll u jitnaqqsu l-kostijiet tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma. ***Meta jitqies li tali informazzjoni hija inqas rilevanti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ta' kontroll bijoloġiku, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-bdiewa, l-obbligu li jinżammu rekords jenħtieġ li ma japplikax għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku.***	(11) L-Artikolu 67(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jirrikjedi li l-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom, għal mill-inqas 3 snin, iżommu rekords tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma jużaw, li jkun fihom l-isem tal-prodott, il-ħin u d-doża tal-applikazzjoni, iż-żona u l-għalla fejn il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun intuża sabiex ***tiġi vvalutata bl-aħjar mod l-effiċjenza tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fil-protezzjoni tal-għelejjel,*** tiżdied il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent billi tiġi żgurata t-traċċabbiltà u l-espożizzjoni potenzjali, tiżdied l-effiċjenza tal-monitoraġġ u l-kontroll u jitnaqqsu l-kostijiet tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma.

Or. fr

Emenda 141
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. L-Artikolu 67(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jirrikjedi li l-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom, għal mill-inqas 3 snin, iżommu rekords tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma jużaw, li jkun fihom l-isem tal-prodott, il-ħin u d-doża tal-applikazzjoni, iż-żona u l-għalla fejn il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun intuża sabiex tiżdied il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent billi tiġi żgurata t-traċċabbiltà u l-espożizzjoni potenzjali, tiżdied l-effiċjenza tal-monitoraġġ u l-kontroll u jitnaqqsu l-kostijiet tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma. ***Meta jitqies li tali informazzjoni hija inqas rilevanti*** għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ta' kontroll bijoloġiku***, u biex jitnaqqas*** il-piż amministrattiv ***għall-bdiewa, l-obbligu li jinżammu rekords*** jenħtieġ li ***ma japplikax għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom biss sustanzi ta' kontroll bijoloġiku***.	11. L-Artikolu 67(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jirrikjedi li l-utenti professjonali tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom, għal mill-inqas 3 snin, iżommu rekords tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma jużaw, li jkun fihom l-isem tal-prodott, il-ħin u d-doża tal-applikazzjoni, iż-żona u l-għalla fejn il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun intuża sabiex tiżdied il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent billi tiġi żgurata t-traċċabbiltà u l-espożizzjoni potenzjali, tiżdied l-effiċjenza tal-monitoraġġ u l-kontroll u jitnaqqsu l-kostijiet tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma. ***Minħabba l-importanza ta' data affidabbli għall-monitoraġġ, għall-infurzar u għall-valutazzjoni tar-riskji potenzjali, dan l-obbligu jenħtieġ li jkompli japplika*** għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi ta' kontroll bijoloġiku***.*** Il-piż amministrattiv ***marbut maż-żamma tar-rekords*** jenħtieġ li ***jiġi indirizzat permezz ta' implimentazzjoni proporzjonata u effiċjenti, mingħajr ma jiġu kompromessi t-traċċabbiltà u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent***.

Or. en

Emenda 142
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Sabiex tiġi żgurata l-idoneità regolatorja fit-tul, tiġi permessa l-innovazzjoni agrikola, u jiġi ggarantit li l-bdiewa Ewropej ikollhom aċċess għal

għodod sostenibbli għall-protezzjoni tal-għelejjel b'ħeffa li tikkompeti ma' reġjuni agrikoli ewlenin oħra fid-dinja, huwa essenzjali li tiġi evalwata l-adegwatezza fit-tul tal-qafas attwali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni komprensiva tal-proċeduri għall-awtorizzazzjoni u għall-approvazzjoni tal-kontroll bijoloġiku sal-31 ta' Diċembru 2028. Din l-evalwazzjoni jenħtieġ li tivvaluta jekk huwiex meħtieġ qafas leġiżlattiv awtonomu għall-prodotti ta' kontroll bijoloġiku b'approċċ potenzjalment aktar ċentralizzat biex jiġu stabbiliti proċeduri ta' valutazzjoni u awtorizzazzjoni u approvazzjoni ddedikati, proporzjonati u xjentifikament sodi.

Or. en

Emenda 143
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Stine Bosse, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jistabbilixxi kriterji għall-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx, li jirreferu għal kriterji bbażati fuq il-periklu għas-sustanza stabbilita fil-punt 5 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament u kriterji bbażati fuq ir-riskju għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi stabbiliti fl-Artikolu 47 tiegħu. L-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet irriżultat li hija diffiċli fil-prattika peress li, fiż-żmien tal-approvazzjoni jew tat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, ġeneralment ma jkunx magħruf jekk il-kriterji relatati mal-prodotti fl-Artikolu 47 jistgħux jiġu ssodisfati jew le. Għalhekk, jenħtieġ li l-kriterji jiġu ssimplifikati biex	(12) L-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jistabbilixxi kriterji għall-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx, li jirreferu għal kriterji bbażati fuq il-periklu għas-sustanza stabbilita fil-punt 5 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament u kriterji bbażati fuq ir-riskju għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi stabbiliti fl-Artikolu 47 tiegħu. L-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet irriżultat li hija diffiċli fil-prattika peress li, fiż-żmien tal-approvazzjoni jew tat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, ġeneralment ma jkunx magħruf jekk il-kriterji relatati mal-prodotti fl-Artikolu 47 jistgħux jiġu ssodisfati jew le. Għalhekk, jenħtieġ li l-kriterji jiġu ssimplifikati biex

jirreferu biss għall-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanza attiva. Barra minn hekk, kien hemm każijiet fejn sustanza attiva ma setgħetx tiġi approvata bħala ta' riskju baxx minħabba li ċerti elementi relatati mal-kriterji ma setgħux jiġu ċċarati bis-sħiħ matul l-approvazzjoni jew it-tiġdid tal-proċedura ta' approvazzjoni, filwaqt li aktar informazzjoni ġġenerata aktar tard uriet li dawn huma ssodisfati. Sabiex tiġi indirizzata sitwazzjoni bħal din, jenħtieġ li tiġi introdotta l-possibbiltà li ssir applikazzjoni għal bidla fl-istatus ta' sustanza attiva approvata għal riskju baxx.	jirreferu biss għall-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanza attiva***, dment li tali simplifikazzjoni ma tbaxxix il-livell globali ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa tal-annimali u tal-ambjent, u li l-kriterji bbażati fuq il-periklu intrinsiku applikati jkunu tal-inqas stretti daqs dawk meħtieġa qabel skont il-qari flimkien tal-punt 5 tal-Anness II u l-Artikolu 47***. Barra minn hekk, kien hemm każijiet fejn sustanza attiva ma setgħetx tiġi approvata bħala ta' riskju baxx minħabba li ċerti elementi relatati mal-kriterji ma setgħux jiġu ċċarati bis-sħiħ matul l-approvazzjoni jew it-tiġdid tal-proċedura ta' approvazzjoni, filwaqt li aktar informazzjoni ġġenerata aktar tard uriet li dawn huma ssodisfati. Sabiex tiġi indirizzata sitwazzjoni bħal din, jenħtieġ li tiġi introdotta l-possibbiltà li ssir applikazzjoni għal bidla fl-istatus ta' sustanza attiva approvata għal riskju baxx***, soġġetta għall-istess valutazzjoni rigoruża, standards ta' evidenza u verifika mill-ġdid sħiħa tal-kriterji kollha fil-punt 5 tal-Anness II li japplikaw għal approvazzjoni inizjali b'riskju baxx, u f'każ biss li dik ir-rivalutazzjoni tkun ibbażata fuq data kompluta u affidabbli li ma tħalli l-ebda inċertezza xjentifika mhux solvuta, sabiex jiġi żgurat li l-istatus ta' riskju baxx jingħata biss meta jkun iġġustifikat b'mod ċar u konklużiv***. Or. en

Emenda 144
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jistabbilixxi kriterji għall-	(12) L-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jistabbilixxi kriterji għall-

identifikazzjoni ta’ sustanzi attivi b’riskju baxx, li jirreferu għal kriterji bbażati fuq il-periklu għas-sustanza stabbilita fil-punt 5 tal-Anness II ta’ dak ir-Regolament u kriterji bbażati fuq ir-riskju għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi stabbiliti fl-Artikolu 47 tiegħu. L-implimentazzjoni ta’ dawn id-dispożizzjonijiet irriżultat li hija diffiċli fil-prattika peress li, fiż-żmien tal-approvazzjoni jew tat-tiġdid tal-approvazzjoni ta’ sustanzi attivi, ġeneralment ma jkunx magħruf jekk il-kriterji relatati mal-prodotti fl-Artikolu 47 jistgħux jiġu ssodisfati jew le. Għalhekk, jenħtieġ li l-kriterji jiġu ssimplifikati ***biex jirreferu biss għall-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanza attiva***. Barra minn hekk, kien hemm każijiet fejn sustanza attiva ma setgħetx tiġi approvata bħala ta’ riskju baxx minħabba li ċerti elementi relatati mal-kriterji ma setgħux jiġu ċċarati bis-sħiħ matul l-approvazzjoni jew it-tiġdid tal-proċedura ta’ approvazzjoni, filwaqt li aktar informazzjoni ġġenerata aktar tard uriet li dawn huma ssodisfati. Sabiex tiġi indirizzata sitwazzjoni bħal din, jenħtieġ li tiġi introdotta l-possibbiltà li ssir applikazzjoni għal bidla fl-istatus ta’ sustanza attiva approvata għal riskju baxx.	identifikazzjoni ta’ sustanzi attivi b’riskju baxx, li jirreferu għal kriterji bbażati fuq il-periklu għas-sustanza stabbilita fil-punt 5 tal-Anness II ta’ dak ir-Regolament u kriterji bbażati fuq ir-riskju għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi stabbiliti fl-Artikolu 47 tiegħu. L-implimentazzjoni ta’ dawn id-dispożizzjonijiet irriżultat li hija diffiċli fil-prattika peress li, fiż-żmien tal-approvazzjoni jew tat-tiġdid tal-approvazzjoni ta’ sustanzi attivi, ġeneralment ma jkunx magħruf jekk il-kriterji relatati mal-prodotti fl-Artikolu 47 jistgħux jiġu ssodisfati jew le. Għalhekk, jenħtieġ li l-kriterji jiġu ***ċċarati u*** ssimplifikati ***meta jkun xieraq, filwaqt li jiġi żgurat li l-istatus ta’ riskju baxx ikun ibbażat fuq valutazzjoni xjentifika robusta u li jinżamm livell għoli ta’ protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent***. Barra minn hekk, kien hemm każijiet fejn sustanza attiva ma setgħetx tiġi approvata bħala ta’ riskju baxx minħabba li ċerti elementi relatati mal-kriterji ma setgħux jiġu ċċarati bis-sħiħ matul l-approvazzjoni jew it-tiġdid tal-proċedura ta’ approvazzjoni, filwaqt li aktar informazzjoni ġġenerata aktar tard uriet li dawn huma ssodisfati. Sabiex tiġi indirizzata sitwazzjoni bħal din, jenħtieġ li tiġi introdotta l-possibbiltà li ssir applikazzjoni għal bidla fl-istatus ta’ sustanza attiva approvata għal riskju baxx. ***Meta evidenza xjentifika ġdida turi li sustanza attiva ma għadhiex tissodisfa l-kriterji applikabbli għal status ta’ riskju baxx, jenħtieġ li dak l-istatus jiġi vvalutat mill-ġdid u, meta jkun xieraq, irtirat.***

Or. en

Emenda 145
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jistabbilixxi kriterji għall-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx, li jirreferu għal kriterji bbażati fuq il-periklu għas-sustanza stabbilita fil-punt 5 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament u kriterji bbażati fuq ir-riskju għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi stabbiliti fl-Artikolu 47 tiegħu. L-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet irriżultat li hija diffiċli fil-prattika peress li, fiż-żmien tal-approvazzjoni jew tat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, ġeneralment ma jkunx magħruf jekk il-kriterji relatati mal-prodotti fl-Artikolu 47 jistgħux jiġu ssodisfati jew le. Għalhekk, jenħtieġ li l-kriterji jiġu ssimplifikati biex jirreferu biss għall-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanza attiva. Barra minn hekk, kien hemm każijiet fejn sustanza attiva ma setgħetx tiġi approvata bħala ta' riskju baxx minħabba li ċerti elementi relatati mal-kriterji ma setgħux jiġu ċċarati bis-sħiħ matul l-approvazzjoni jew it-tiġdid tal-proċedura ta' approvazzjoni, filwaqt li aktar informazzjoni ġġenerata aktar tard uriet li dawn huma ssodisfati. Sabiex tiġi indirizzata sitwazzjoni bħal din, jenħtieġ li tiġi introdotta l-possibbiltà li ssir applikazzjoni għal bidla fl-istatus ta' sustanza attiva approvata għal riskju baxx.	(12) L-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jistabbilixxi kriterji għall-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx, li jirreferu għal kriterji bbażati fuq il-periklu għas-sustanza stabbilita fil-punt 5 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament u kriterji bbażati fuq ir-riskju għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi stabbiliti fl-Artikolu 47 tiegħu. L-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet irriżultat li hija diffiċli fil-prattika peress li, fiż-żmien tal-approvazzjoni jew tat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, ġeneralment ma jkunx magħruf jekk il-kriterji relatati mal-prodotti fl-Artikolu 47 jistgħux jiġu ssodisfati jew le. Għalhekk, jenħtieġ li l-kriterji jiġu ssimplifikati biex jirreferu biss għall-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanza attiva. Barra minn hekk, kien hemm każijiet fejn sustanza attiva ma setgħetx tiġi approvata bħala ta' riskju baxx minħabba li ċerti elementi relatati mal-kriterji ma setgħux jiġu ċċarati bis-sħiħ matul l-approvazzjoni jew it-tiġdid tal-proċedura ta' approvazzjoni, filwaqt li aktar informazzjoni ġġenerata aktar tard uriet li dawn huma ssodisfati. Sabiex tiġi indirizzata sitwazzjoni bħal din, jenħtieġ li tiġi introdotta l-possibbiltà li ssir applikazzjoni għal bidla fl-istatus ta' sustanza attiva approvata għal riskju baxx.

Or. ro

Emenda 146
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-dispożizzjonijiet relatati mas-sustanzi bażiċi fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 urew li mhumiex ċari, u dan wassal għal implimentazzjoni mhux armonizzata madwar l-Istati Membri u jfixkel id-disponibbiltà ta' dawk is-sustanzi għall-bdiewa. Għalhekk, fl-Artikolu 3 jenħtieġ li tiġi inkluża definizzjoni ċara tas-sustanza bażika li tispeċifika li s-sustanzi bażiċi jinkludu oġġetti tal-ikel kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 kif ukoll sustanzi li għalihom kwalunkwe evalwazzjoni rilevanti, imwettqa f'konformità ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tirregola l-użu ta' dik is-sustanza għal finijiet għajr għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, turi li s-sustanza la għandha effett ta' ħsara immedjat u lanqas imdewwem fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali u lanqas effett inaċċettabbli fuq l-ambjent.	(13) Id-dispożizzjonijiet relatati mas-sustanzi bażiċi fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 urew li mhumiex ċari, u dan wassal għal implimentazzjoni mhux armonizzata madwar l-Istati Membri u jfixkel id-disponibbiltà ta' dawk is-sustanzi għall-bdiewa. Għalhekk, fl-Artikolu 3 jenħtieġ li tiġi inkluża definizzjoni ċara tas-sustanza bażika li tispeċifika li s-sustanzi bażiċi jinkludu oġġetti tal-ikel kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 kif ukoll sustanzi li għalihom kwalunkwe evalwazzjoni rilevanti, imwettqa f'konformità ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tirregola l-użu ta' dik is-sustanza għal finijiet għajr għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, turi li s-sustanza la għandha effett ta' ħsara immedjat u lanqas imdewwem fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali u lanqas effett inaċċettabbli fuq l-ambjent***, dment li evalwazzjonijiet bħal dawn ikunu komprensivi biżżejjed biex jivvalutaw ir-riskji rilevanti li jirriżultaw mill-użu tas-sustanza bħala sustanza bażika skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009***.

Or. en

Emenda 147
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Ċerti sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma identifikati bħala kandidati għas-sostituzzjoni minħabba l-profili ta' perikli intrinsiċi oġħla jew il-proprjetajiet persistenti tagħhom. Filwaqt li dawn is-

sustanzi xorta waħda jistgħu jiġu awtorizzati taħt kundizzjonijiet agrikoli stretti meta ma tkun teżisti l-ebda alternattiva vijabbli, l-użu tagħhom f'ambjenti mhux agrikoli joħloq riskju sproporzjonat u bla bżonn ta' esponiment għall-pubbliku, u b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli. Il-popolazzjonijiet vulnerabbli, inklużi t-tfal, l-anzjani, in-nisa tqal, u l-persuni li jkunu qegħdin jirċievu trattament mediku, huma sensittivi ħafna għall-esponiment għal sustanzi kimiċi u spiss jiffrekwentaw spazji pubbliċi jew semipubbliċi speċifiċi. Sabiex jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom kandidati għas-sostituzzjoni jenħtieġ li jiġu esklużi b'mod strett mill-użi mhux agrikoli, b'mod partikolari f'żoni fejn dawn il-popolazzjonijiet huma preżenti jew fejn tingħata l-kura, bħal skejjel preprimarji, kindergartens, skejjel, bandli, sptarijiet, faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, djar tal-kura u spazji pubbliċi oħra. Il-minimizzazzjoni tal-esponiment kimiku f'ras il-għajn f'dawn l-ambjenti sensittivi hija miżura ta' prekawzjoni meħtieġa biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa pubblika.

Or. en

Emenda 148
Gheorghe Cârciu, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) L-allinjament tal-approvazzjonijiet mingħajr limitu ta' riskju baxx u ta' kontroll bijoloġiku ma' awtorizzazzjonijiet illimitati ta' prodotti jtejjeb il-prevedibbiltà kummerċjali u jħeġġeġ l-investiment fl-awtorizzazzjonijiet tal-

prodotti u l-espansjoni tal-użi awtorizzati.

Is-salvagwardji tas-sikurezza jinżammu permezz ta' rieżamijiet ad hoc skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, abbażi ta' evidenza xjentifika ġdida, u permezz tal-miżuri ta' emerġenza previsti fl-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Barra minn hekk, rieżamijiet perjodiċi selettivi skattati minn kriterji oġġettivi jippermettu użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u jtejbu l-kompetittività, meta jitqies li diversi ġuriżdizzjonijiet ewlenin ma jirrikjedux tiġdid perjodiku obbligatorju tal-approvazzjonijiet ta' sustanzi attivi.

Or. en

Emenda 149
Céline Imart, Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet separati għall-kriterji tal-approvazzjoni għal sustanzi bażiċi u għall-proċedura tal-applikazzjoni, kif ukoll rekwiżiti ta' tikkettar aktar speċifiċi biex l-utenti jiġu infurmati aħjar dwar il-kundizzjonijiet tal-użu. Jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li minbarra l-użu, l-introduzzjoni fis-suq ta' sustanzi bażiċi approvati għal skopijiet ta' protezzjoni tal-pjanti ma tirrikjedix awtorizzazzjoni mill-Istati Membri biex jippermettu aċċess aktar faċli għal sustanzi bażiċi mill-bdiewa f'forma xierqa. Jenħtieġ li jiżdiedu dispożizzjonijiet tranżizzjonali sabiex is-sustanzi bażiċi kollha li huma approvati fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu introdotti fis-suq fl-Unjoni, mingħajr ebda restrizzjoni li tirriżulta mir-regoli sostitwiti, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi	Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet separati għall-kriterji tal-approvazzjoni għal sustanzi bażiċi u għall-proċedura tal-applikazzjoni, kif ukoll rekwiżiti ta' tikkettar aktar speċifiċi biex l-utenti jiġu infurmati aħjar dwar il-kundizzjonijiet tal-użu. Jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li minbarra l-użu, l-introduzzjoni fis-suq ta' sustanzi bażiċi approvati għal skopijiet ta' protezzjoni tal-pjanti ma tirrikjedix awtorizzazzjoni mill-Istati Membri biex jippermettu aċċess aktar faċli għal sustanzi bażiċi mill-bdiewa f'forma xierqa. Jenħtieġ li jiżdiedu dispożizzjonijiet tranżizzjonali sabiex is-sustanzi bażiċi kollha li huma approvati fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu introdotti fis-suq fl-Unjoni, mingħajr ebda restrizzjoni li tirriżulta mir-regoli sostitwiti, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi

għall-utenti kollha fl-Istati Membri kollha.

għall-utenti kollha fl-Istati Membri kollha. ***Sabiex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn is-simplifikazzjoni u armonizzazzjoni akbar tas-suq intern, il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tipproponi awtorizzazzjoni unika għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fil-livell tal-Unjoni, aktar milli sistema bbażata fuq approvazzjoni Ewropea ta' sustanzi attivi segwita minn awtorizzazzjonijiet nazzjonali tal-prodotti.***

Or. fr

Emenda 150
Biljana Borzan, Gheorghe Cârciu, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet separati għall-kriterji tal-approvazzjoni għal sustanzi bażiċi u għall-proċedura tal-applikazzjoni, kif ukoll rekwiżiti ta' tikkettar aktar speċifiċi biex l-utenti jiġu infurmati aħjar dwar il-kundizzjonijiet tal-użu. Jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li minbarra l-użu, l-introduzzjoni fis-suq ta' sustanzi bażiċi approvati għal skopijiet ta' protezzjoni tal-pjanti ma tirrikjedix awtorizzazzjoni mill-Istati Membri biex jippermettu aċċess aktar faċli għal sustanzi bażiċi mill-bdiewa f'forma xierqa. Jenħtieġ li jiżdiedu dispożizzjonijiet tranżizzjonali sabiex is-sustanzi bażiċi kollha li huma approvati fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu introdotti fis-suq fl-Unjoni, mingħajr ebda restrizzjoni li tirriżulta mir-regoli sostitwiti, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-utenti kollha fl-Istati Membri kollha.	Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet separati għall-kriterji tal-approvazzjoni għal sustanzi bażiċi u għall-proċedura tal-applikazzjoni, kif ukoll rekwiżiti ta' tikkettar aktar speċifiċi biex l-utenti jiġu infurmati aħjar dwar il-kundizzjonijiet tal-użu. Jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li minbarra l-użu ***tagħhom***, l-introduzzjoni ***fis-suq ta' sustanzi bażiċi approvati għal skopijiet ta' protezzjoni tal-pjanti ma tirrikjedix awtorizzazzjoni mill-Istati Membri, sabiex tippermetti aċċess aħjar*** fis-suq ta' sustanzi bażiċi approvati għal skopijiet ta' protezzjoni tal-pjanti ma tirrikjedix awtorizzazzjoni mill-Istati Membri biex jippermettu aċċess aktar faċli għal sustanzi bażiċi mill-bdiewa f'forma xierqa. Jenħtieġ li jiżdiedu dispożizzjonijiet tranżizzjonali sabiex is-sustanzi bażiċi kollha li huma approvati fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu introdotti fis-suq fl-Unjoni, mingħajr ebda restrizzjoni li tirriżulta mir-regoli sostitwiti,

filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-utenti kollha fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 151
Christophe Clergeau, Gheorghe Cârciu

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) hija ċentrali għas-sistema ta' valutazzjoni tar-riskju tal-Unjoni għas-sustanzi attivi użati fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. L-EFSA indikat li allokazzjoni addizzjonali ta' madwar 50 membru tal-persunal u EUR 15-il miljun fis-sena tippermettilha tindirizza x-xogħol b'lura attwali f'perjodu stmat ta' tliet snin. Għalhekk, it-tisħiħ tal-persunal u tar-riżorsi finanzjarji tal-EFSA kif xieraq huwa essenzjali biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu tal-konklużjonijiet xjentifiċi u jinżammu l-kwalità u l-indipendenza tal-valutazzjonijiet tar-riskju, kif meħtieġ skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 152
Céline Imart, Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu	***imħassar***

disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li jsiru illimitati fiż-żmien, ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Or. fr

Emenda 153
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti	***imħassar***

għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li jsiru illimitati fiż-żmien, ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li jsir rieżami perjodiku tas-sustanzi attivi. Mill-2011 'l hawn, il-proċess tat-tiġdid wassal għan-nuqqas ta' approvazzjoni jew għall-irtirar ta' 54 sustanza attiva minħabba riskji identifikati għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Mingħajr rieżami perjodiku, is-sustanzi ta' ħsara setgħu baqgħu fis-suq. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' approvazzjonijiet illimitati tittrasferixxi l-piż tal-identifikazzjoni ta' proprjetajiet li jagħmlu ħsara lill-awtoritajiet pubbliċi u lir-riċerki ffinanzjati pubblikament, u b'hekk tittrasferixxi l-kostijiet mill-industrija għall-kontribwenti.

Emenda 154
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li jsiru illimitati fiż-żmien, ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.	***imħassar***

Emenda 155
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet ***għas-sustanzi attivi*** jenħtieġ li ***jsiru illimitati fiż-żmien, ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta'*** sustanzi attivi ***jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta'***	Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. ***Is-simplifikazzjoni amministrattiva jenħtieġ li ma ddgħajjifx is-sistema preventiva u bbażata fuq ix-xjenza tar-rieżami perjodiku tas-sustanzi attivi.*** Għalhekk, l-approvazzjonijiet jenħtieġ li ***jibqgħu limitati fiż-żmien u soġġetti għal tiġdid perjodiku f'konformità ma' dan ir-Regolament. Meta jkun xieraq, jistgħu jiġu previsti perjodi ta' approvazzjoni itwal għal*** sustanzi attivi ***b'riskju baxx, dment li l-kriterji ta' approvazzjoni applikabbli jkomplu jiġu ssodisfati***. ***It-tiġdid perjodiku jibqa' l-mekkaniżmu xieraq biex jiġi żgurat li l-approvazzjonijiet ikomplu jirriflettu l-aħħar għarfien xjentifiku u tekniku filwaqt li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jagħtu prijorità lill-valutazzjoni ta' sustanzi attivi innovattivi u b'riskju aktar baxx.***

sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-simplifikazzjoni għandha tnaqqas il-piż amministrattiv mingħajr ma ddgħajjef is-sistema preventiva u bbażata fuq ix-xjenza għall-valutazzjoni tas-sustanzi attivi. It-tiġdid perjodiku jibqa' salvagwardja essenzjali biex jiġi żgurat li l-approvazzjonijiet jirriflettu l-aktar evidenza xjentifika reċenti filwaqt li jiġi appoġġjat aċċess aktar rapidu għal soluzzjonijiet innovattivi, b'riskju baxx u ta' kontroll bijoloġiku.

Emenda 156
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi ***fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid*** jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li jsiru illimitati fiż-żmien***, ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009*** peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent ***u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll	Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi ***b'riskju baxx u ta' kontroll bijoloġiku b'riskju baxx*** jenħtieġ li jsiru illimitati fiż-żmien peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib ***baxx*** għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi ***u ta' kontroll bijoloġiku b'riskju baxx*** b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi ***u ta' kontroll bijoloġiku b'riskju baxx*** jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad

sustanzi attivi b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.	hoc ta' sustanzi attivi ***u ta' kontroll bijoloġiku b'riskju baxx*** fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Or. en

Emenda 157
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi ***aktar sostenibbli*** u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li ***jsiru illimitati fiż-żmien***, ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-	Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ***aktar sostenibbli, moderni u effiċjenti***, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li ***ma jsegwux loġika taż-żmien billi jiġu ddefiniti b'data ta' skadenza***, ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel

Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni ***illimitata*** li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***illimitati jew limitati*** għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.	deċiżjoni dwar approvazzjoni. ***Għalhekk, dan mhuwiex perjodu illimitat, iżda n-nuqqas ta' data ta' skadenza predefinita.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni ***mingħajr data ta' skadenza definita*** li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***definiti jew mhux definiti b'data ta' skadenza*** għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri ***mingħajr l-influwenza tal-partijiet ikkonċernati***. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
	Or. fr

Emenda 158
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li jsiru illimitati fiż-żmien***, ħlief*** għas-sustanzi attivi ***li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-***	Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li jsiru illimitati fiż-żmien ***biss*** għas-sustanzi attivi ***ta' kontroll bijoloġiku u s-sustanzi attivi b'riskju baxx kif ukoll il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi***. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien

annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Or. en

Emenda 159
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li jsiru illimitati fiż-żmien, ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta'	Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li jsiru illimitati fiż-żmien, ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta'

tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien ***raġonevoli*** għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009***, jenħtieġ li l-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi mwettqa fuq talba tal-Istat Membru tapplika fl-Istati Membri kollha***.

Or. ro

Emenda 160
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti	Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti

attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li ***jsiru illimitati fiż-żmien, ħlief*** għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi ***b'approvazzjoni illimitata*** li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni ***illimitati jew*** limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li ***jingħataw għal perjodu ta' mhux aktar minn 15-il sena, b'perjodi ta' approvazzjoni iqsar miżmuma*** għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent**,** u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien ***iqsar, fil-perjodu massimu,*** għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi ***li qed joqorbu t-tmiem tal-perjodu tal-approvazzjoni tagħhom*** li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Or. en

Emenda 161
Gheorghe Cârciu, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn	Sabiex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn

sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li jsiru illimitati fiż-żmien, ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.	sustanzi attivi aktar sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ir-riżorsi fl-Istati Membri li bħalissa huma ddedikati għall-proċeduri ta' tiġdid jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal sustanzi u prodotti attivi ġodda. Għalhekk, l-approvazzjonijiet għas-sustanzi attivi jenħtieġ li jsiru illimitati fiż-żmien, ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għas-sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 peress li dawn għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li xorta waħda jkun possibbli li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien għall-approvazzjonijiet jekk jinstab xieraq fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tidentifika wkoll sustanzi attivi ***b'riskju baxx*** b'approvazzjoni illimitata li għalihom jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' tiġdid sħiħa jew tidentifika sustanzi attivi b'perjodi ta' approvazzjoni illimitati jew limitati għal rivalutazzjoni mmirata. L-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji u talbiet multipli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżamm il-possibbiltà għal rieżamijiet ad hoc ta' sustanzi attivi fi kwalunkwe ħin kif diġà previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Or. en

Emenda 162
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Sigrid Friis, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għal kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx u ta' kontroll bijoloġiku approvat għal tul ta' żmien illimita, jenħtieġ li l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri, tiżviluppa protokoll ta' detezzjoni speċifiku għall-prodott, abbażi tal-eżempju ta' sistemi ta' monitoraġġ ibbażati fuq ir-riskju stabbiliti għall-prodotti mediċinali. Dak il-protokoll jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn parametri ta' monitoraġġ, inklużi indikaturi rilevanti, valuri ta' skattar u kriterji ta' segwitu, sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' segwitu bbażati fuq ir-riskju jiġu skattati abbażi ta' data ta' wara r-reġistrazzjoni u sinjali ta' sikurezza, b'mod komparabbli mas-sistemi ta' farmakoviġilanza użati għall-monitoraġġ kontinwu tas-sikurezza tal-prodotti mediċinali wara l-introduzzjoni tagħhom fis-suq.

Or. en

Emenda 163
Benoit Cassart, Christine Singer, Pascal Canfin, Olivier Chastel, Ciaran Mullooly, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Premessa 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Barra minn hekk, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Awtorità, għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u għall-operaturi ekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat qafas stabbli u prevedibbli għall-bdiewa, is-sustanzi attivi li la huma sustanza attiva ta' kontroll bijoloġiku u lanqas sustanza b'riskju baxx jenħtieġ li jibbenefikaw minn perjodu itwal għall-ewwel

approvazzjoni u t-tiġdid sussegwenti tal-approvazzjoni ħlief għas-sustanzi attivi li huma kandidati għal sostituzzjoni, dawk approvati skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u dawk approvati għal perjodu limitat għal raġunijiet marbuta mal-fatt li r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju jibqgħu l-istess.

Or. en

Emenda 164
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Fl-interess tal-prevedibbiltà, l-effiċjenza, il-konsistenza u t-trasparenza, jenħtieġ li jinħolqu wkoll regoli li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' rivalutazzjonijiet immirati.	(15) Fl-interess tal-prevedibbiltà, l-effiċjenza, il-konsistenza u t-trasparenza, jenħtieġ li jinħolqu wkoll regoli li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' rivalutazzjonijiet immirati. ***Sabiex jinżamm livell għoli ta' saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li titlob lill-Awtorità tirrieżamina l-letteratura xjentifika rilevanti u d-data ta' monitoraġġ, meta disponibbli, dwar is-sustanzi attivi approvati. Jenħtieġ li jitwettqu rivalutazzjonijiet immirati permezz ta' programm ta' ħidma ddedikat. Dan il-programm ta' ħidma jenħtieġ li jiġi kkomunikat b'mod trasparenti bi ppjanar u skedi ta' żmien ċari, sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-atturi ekonomiċi jkunu jistgħu jippjanaw kif xieraq.***

Or. en

Emenda 165
Gerben-Jan Gerbrandy, Pascal Canfin, Martin Hojsík, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Wara r-rivalutazzjoni mmirata ta' sustanza attiva, aġent protettiv jew sinerġizzant, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti eżistenti li fihom dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ġdid ukoll biex jiġi vverifikat jekk jikkonformawx mal-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni għas-sustanza attiva, għall-aġent protettiv jew għas-sinerġizzant li jinsabu fihom, u mar-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti stabbiliti fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. L-applikanti jenħtieġ li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex juru din il-konformità u l-Istati Membri jenħtieġ li jivvalutawha.

Or. en

Emenda 166
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi deroga li tippermetti l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness II fejn ikun meħtieġ li jsir dan minħabba periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra inklużi metodi kimiċi u	***imħassar***

mhux kimiċi b'kostijiet, disponibbiltà u effikaċja komparabbli, ħlief għal sustanzi attivi li għandhom proprjetajiet partikolarment perikolużi. L-esperjenza wriet li huwa meħtieġ li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterji li għalihom hija possibbli tali deroga. Deroga armonizzata f'ċerti każijiet fejn periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra tnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri li jawtorizzaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi attivi skont l-Artikolu 53 u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparità għall-aċċess għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi kkonċernati bejn il-bdiewa li jinsabu fi Stati Membri differenti. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li, minbarra l-informazzjoni inkluża f'applikazzjoni għall-approvazzjoni jew għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta matul il-proċedura ta' approvazzjoni tista' titqies ukoll meta titqies il-possibbiltà li tingħata d-deroga.

Or. en

Emenda 167
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi deroga li tippermetti l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness II fejn ikun ***meħtieġ li jsir dan*** minħabba periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi	(16) L-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi deroga li tippermetti l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness II ***biss f'ċirkostanzi strettament eċċezzjonali u limitati fiż-żmien*** fejn ikun ***intwera b'mod indipendenti, abbażi ta'***

raġonevoli oħra inklużi metodi ***kimiċi u*** mhux kimiċi ***b'kostijiet, disponibbiltà u effikaċja komparabbli, ħlief*** għal sustanzi attivi li ***għandhom proprjetajiet partikolarment perikolużi***. L-esperjenza wriet li huwa meħtieġ li ***jiġi ċċarat il-kamp*** ta' applikazzjoni tal-kriterji li għalihom hija possibbli tali deroga. Deroga armonizzata f'ċerti każijiet fejn periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra tnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri li jawtorizzaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi attivi skont l-Artikolu 53 u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparità għall-aċċess għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi kkonċernati bejn il-bdiewa li jinsabu fi Stati Membri differenti. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li, minbarra l-informazzjoni inkluża f'applikazzjoni għall-approvazzjoni jew għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta matul il-proċedura ta' approvazzjoni tista' titqies ukoll meta titqies il-possibbiltà li tingħata d-deroga.

evidenza dokumentata inkluża fl-applikazzjoni jew ipprovduta matul il-proċedura ta' approvazzjoni u vverifikata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, li tali approvazzjoni hija meħtieġa minħabba periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra inklużi ***l-ġestjoni integrata tal-pesti, il-varjetajiet ta' għelejjel reżistenti, il-prattiki agronomiċi, il-kontroll bijoloġiku u*** metodi ***oħra*** mhux kimiċi ***jew b'riskju aktar baxx. Jenħtieġ li tali deroga ma timminax il-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness II u jenħtieġ li ma tapplikax*** għal sustanzi attivi li ***jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni bbażati fuq il-periklu stabbiliti minn dan ir-Regolament***. L-esperjenza wriet li huwa meħtieġ li ***jiġu ċċarati l-kamp*** ta' applikazzjoni tal-kriterji li għalihom hija possibbli tali deroga ***u l-kundizzjonijiet li skonthom tista' tiġi applikata, filwaqt li jiġi żgurat li d-deroga tibqa' eċċezzjonali u ma tbaxxix il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent***. Deroga armonizzata f'ċerti każijiet fejn periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra tnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri li jawtorizzaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi attivi skont l-Artikolu 53 u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparità għall-aċċess għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi kkonċernati bejn il-bdiewa li jinsabu fi Stati Membri differenti. ***Tali approvazzjonijiet jenħtieġ li jkunu ristretti għall-għelejjel, għall-organiżmi fil-mira, għaż-żoni ġeografiċi u għat-tul ta' żmien strettament meħtieġa biex jiġi indirizzat il-periklu identifikat u għandhom ikunu soġġetti għal miżuri xierqa ta' mitigazzjoni tar-riskju u għal riežami regolari.*** Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li, minbarra l-informazzjoni inkluża f'applikazzjoni għall-approvazzjoni jew għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, kwalunkwe informazzjoni oħra

	pprovduta matul il-proċedura ta' approvazzjoni tista' titqies ukoll meta titqies il-possibbiltà li tingħata d-deroga. ***L-approvazzjonijiet mogħtija skont din id-deroga jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn miżuri li jippromwovu l-iżvilupp, il-valutazzjoni u l-varar ta' alternattivi sostenibbli, bil-ħsieb li jiġi eliminat b'mod gradwali l-użu ta' tali sustanzi attivi.***

Or. en

Emenda 168
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi deroga li tippermetti l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness II fejn ikun meħtieġ li jsir dan minħabba periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra inklużi metodi kimiċi u mhux kimiċi b'kostijiet, disponibbiltà u effikaċja komparabbli, ħlief għal sustanzi attivi li għandhom proprjetajiet partikolarment perikoluż. L-esperjenza wriet li huwa meħtieġ li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterji li għalihom hija possibbli tali deroga. Deroga armonizzata f'ċerti każijiet fejn periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra tnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri li jawtorizzaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi attivi skont l-Artikolu 53 u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparità għall-aċċess għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi kkonċernati bejn il-	(16) L-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi deroga li tippermetti l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness II fejn ikun meħtieġ li jsir dan minħabba periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra inklużi metodi kimiċi u mhux kimiċi b'kostijiet, disponibbiltà u effikaċja komparabbli, ħlief għal sustanzi attivi li għandhom proprjetajiet partikolarment perikoluż. L-esperjenza wriet li huwa meħtieġ li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterji li għalihom hija possibbli tali deroga ***billi sa issa ma ngħatat l-ebda deroga. Bħalissa, din id-deroga tista' tintalab biss matul proċedura ta' approvazzjoni jew ta' tiġdid tas-sustanza attiva, minkejja li l-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku, fir-reżistenza jew fid-disponibbiltà ta' alternattivi jistgħu jseħħu fi kwalunkwe mument matul il-perjodu ta' approvazzjoni. Id-detentur għandu għalhekk jitħalla japplika għal din id-deroga fi kwalunkwe mument***

bdiewa li jinsabu fi Stati Membri differenti. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li, minbarra l-informazzjoni inkluża f'applikazzjoni għall-approvazzjoni jew għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta matul il-proċedura ta' approvazzjoni tista' titqies ukoll meta titqies il-possibbiltà li tingħata d-deroga.

matul dan il-perjodu. Deroga armonizzata f'ċerti każijiet fejn periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra tnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri li jawtorizzaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi attivi skont l-Artikolu 53 u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparità għall-aċċess għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi kkonċernati bejn il-bdiewa li jinsabu fi Stati Membri differenti. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li, minbarra l-informazzjoni inkluża f'applikazzjoni għall-approvazzjoni jew għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta matul il-proċedura ta' approvazzjoni tista' titqies ukoll meta titqies il-possibbiltà li tingħata d-deroga.

Or. fr

Emenda 169
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi deroga li tippermetti l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness II fejn ikun meħtieġ li jsir dan minħabba periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra inklużi metodi kimiċi u mhux kimiċi b'kostijiet, disponibbiltà u effikaċja komparabbli, ħlief għal sustanzi attivi li għandhom proprjetajiet partikolarment perikoluż. L-esperjenza wriet li ***huwa meħtieġ*** li jiġi ċċarat il-kamp	(16) L-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi deroga li tippermetti l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness II fejn ikun meħtieġ li jsir dan minħabba periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra inklużi metodi kimiċi u mhux kimiċi b'kostijiet, disponibbiltà u effikaċja komparabbli, ħlief għal sustanzi attivi li għandhom proprjetajiet partikolarment perikoluż. L-esperjenza wriet li ***jenħtieġ*** li jiġi ċċarat il-kamp ta'

ta’ applikazzjoni ***tal-kriterji li għalihom hija possibbli tali deroga. Deroga armonizzata f’ċerti każijiet fejn periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b’mezzi*** raġonevoli ***oħra tnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri li jawtorizzaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali*** sustanzi attivi ***skont l-Artikolu 53 u*** tikkontribwixxi ***għat-tnaqqis tad-disparità għall-aċċess għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi kkonċernati bejn il-bdiewa li jinsabu fi Stati Membri differenti. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li, minbarra l-informazzjoni inkluża f’applikazzjoni għall-approvazzjoni jew għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta’ sustanza attiva, kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta matul il-proċedura ta’ approvazzjoni tista’ titqies ukoll meta titqies il-possibbiltà li tingħata d-deroga***.	applikazzjoni ***ta’ din id-deroga filwaqt li tinżamm in-natura eċċezzjonali tagħha. Id-deroga jenħtieġ li tibqa’ limitata għal każijiet li fihom ma jkun hemm l-ebda mezz*** raġonevoli ***ieħor ta’ kontroll disponibbli u jenħtieġ li ma tiġix estiża għal*** sustanzi attivi ***li għandhom l-aktar proprjetajiet perikoluż. L-obbligu għall-Istati Membri li jfasslu pjan ta’ eliminazzjoni gradwali jenħtieġ li jinżamm sabiex tiġi appoġġata s-sostituzzjoni progressiva ta’ tali sustanzi b’alternattivi aktar sikuri. Madankollu, mingħajr obbligu għall-kumpaniji biex jissottomettu data aġġornata dwar it-tossiċità f’intervalli regolari, tiġi ġġenerata ferm inqas data xjentifika ġdida. L-istat tal-għarfien imbagħad ikun jista’ jevolvi biss permezz ta’ letteratura xjentifika indipendenti, mingħajr ma l-industrija tkun obbligata*** tikkontribwixxi ***għalih. L-eċċezzjonijiet previsti għall-kandidati għas-sostituzzjoni jew għas-sustanzi attivi li jaqgħu taħt id-deroga tal-Artikolu 4(7) mhumiex biżżejjed, waħedhom, biex jiżguraw livell aċċettabbli ta’ protezzjoni, peress li jikkonċernaw biss proporzjon żgħir ta’ sustanzi attivi***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 4(7) huwa deroga eċċezzjonali u għandu jibqa’ definit b’mod ristrett. L-iċċarar tal-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu ma għandux jirriżulta f’aċċess usa’ għad-derogi jew fit-tneħħija ta’ salvagwardji mfassla biex jippromwovu s-sostituzzjoni tas-sustanzi attivi l-aktar perikoluż.

Emenda 170
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Artikolu 4(7) tar-Regolament	(16) L-Artikolu 4(7) tar-Regolament

(KE) Nru 1107/2009 jipprevedi deroga li tippermetti l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness II fejn ikun meħtieġ li jsir dan minħabba periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra inklużi metodi kimiċi u mhux kimiċi b'kostijiet, disponibbiltà u effikaċja komparabbli, ħlief għal sustanzi attivi li għandhom proprjetajiet partikolarment perikoluż. L-esperjenza wriet li huwa meħtieġ li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterji li għalihom hija possibbli tali deroga. Deroga armonizzata f'ċerti każijiet fejn periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra tnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri li jawtorizzaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi attivi skont l-Artikolu 53 u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparità għall-aċċess għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi kkonċernati bejn il-bdiewa li jinsabu fi Stati Membri differenti. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li, minbarra l-informazzjoni inkluża f'applikazzjoni għall-approvazzjoni jew għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta matul il-proċedura ta' approvazzjoni tista' titqies ukoll meta titqies il-possibbiltà li tingħata d-deroga.	(KE) Nru 1107/2009 jipprevedi deroga li tippermetti l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi li ma jissodisfawx il-kriterji ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Anness II fejn ikun meħtieġ li jsir dan minħabba periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra ***ta' kostijiet u effiċjenza komparabbli*** inklużi metodi kimiċi u mhux kimiċi b'kostijiet, disponibbiltà u effikaċja komparabbli, ħlief għal sustanzi attivi li għandhom proprjetajiet partikolarment perikoluż. L-esperjenza wriet li huwa meħtieġ li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterji li għalihom hija possibbli tali deroga. Deroga armonizzata f'ċerti każijiet fejn periklu serju għas-saħħa tal-pjanti li ma jistax jiġi kkontrollat b'mezzi raġonevoli oħra tnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri li jawtorizzaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi attivi skont l-Artikolu 53 u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparità għall-aċċess għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi kkonċernati bejn il-bdiewa li jinsabu fi Stati Membri differenti. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li, minbarra l-informazzjoni inkluża f'applikazzjoni għall-approvazzjoni jew għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta matul il-proċedura ta' approvazzjoni tista' titqies ukoll meta titqies il-possibbiltà li tingħata d-deroga.

Or. en

Emenda 171
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Fl-interess tal-prevedibbiltà, tal-effiċjenza, tal-konsistenza u tat-trasparenza, jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll mingħajr dewmien regoli vinkolanti li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' rivalutazzjonijiet immirati biex jiġi vverifikat, abbażi ta' data kompluta u affidabbli li ma tħalli l-ebda inċertezza xjentifika mhux solvuta, jekk il-kriterji eżistenti għadhomx jiġu ssodisfati jew jekk humiex issodisfati kriterji ġodda. Tali rivalutazzjonijiet jenħtieġ li jitwettqu b'mod sistematiku u fuq bażi obbligatorja, kull meta għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid, inklużi data ta' monitoraġġ ta' wara r-reġistrazzjoni jew sinjali ta' sikurezza, jindika li dan jista' jkun li ma jkunx il-każ. Jenħtieġ li jitwettqu rivalutazzjonijiet immirati permezz ta' programm ta' ħidma ddedikat li jkun legalment vinkolanti fuq l-Awtorità u l-Kummissjoni. Dan il-programm ta' ħidma jenħtieġ li jiġi ppubblikat u kkomunikat b'mod trasparenti, bi ppjanar u skedi ta' żmien ċari, inklużi skadenzi vinkolanti għat-tlestija ta' kull rivalutazzjoni, sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu jistgħu jippjanaw kif xieraq u sabiex ma jinżammx status ta' riskju baxx jew status ieħor lil hinn mill-punt li fih ikun iġġustifikat mil-lat xjentifiku.

Or. en

Emenda 172
Krzysztof Hetman, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) L-għelejjel minuri u l-użi minuri spiss jiffaċċjaw disponibbiltà limitata ta' prodotti awtorizzati għall-protezzjoni tal-pjanti minħabba l-kostijiet għoljin u l-piż amministrattiv assoċjati mal-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa għall-awtorizzazzjoni. Sabiex tittejjeb id-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet għall-protezzjoni tal-pjanti għal dawk l-għelejjel u l-użi, jenħtieġ li dawk il-kostijiet u r-rekwiżiti amministrattivi jiġu minimizzati. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu tariffi minimi għall-valutazzjoni tad-data sottomessa. Meta jkun meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu minn testijiet u studji fil-pussess tagħhom meħtieġa għall-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għal użi minuri, dment li l-applikanti jkunu korpi xjentifiċi, istituzzjonijiet ta' riċerka agrikola, jew organizzazzjonijiet agrikoli professjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri ma għandhomx jużaw il-fondi pubbliċi biex jiġġeneraw data għar-reġistrazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li primarjament tkun ta' benefiċċju għal kumpaniji kummerċjali. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-kostijiet tal-valutazzjoni u r-rekwiżiti tad-data għal użi minuri, dment li tinżamm is-sikurezza. Billi l-korpi pubbliċi, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, u l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa jitħallew jużaw id-data eżistenti tal-industrija, jiġu ffaċilitati r-reġistrazzjonijiet, peress li studji ġodda spiss ma jkunux meħtieġa. Pereżempju, id-data dwar ir-residwi għall-karrotti spiss tista' tiġi estrapolata għaz-zunnarija bajda.

Emenda 173
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) L-art agrikola għandha rwol fundamentali fl-iżgurar tal-produzzjoni tal-ikel, tal-għalf u tal-materja prima u hija essenzjali għas-sigurtà tal-ikel, għall-kompetittività u għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jikkontribwixxu għas-salvagwardja tal-produzzjoni agrikola u jenħtieġ li jappoġġaw l-użu sostenibbli tal-art agrikola għal dawn l-iskopijiet.

Or. en

Emenda 174
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) F'ċirkostanzi eċċezzjonali, in-nuqqas ta' approvazzjoni jew in-nuqqas ta' tiġdid ta' sustanza attiva jista' jkollhom konsegwenzi sproporzjonati għall-vijabbiltà agrikola, għall-produzzjoni tal-ikel jew għas-sigurtà tal-ikel meta mqabbla mar-riskji li jirriżultaw mill-użu tagħha. Dan jista' jseħħ meta l-pesti endemiċi tal-ħamrija jikkawżaw telf rikorrenti tal-għelejjel, ma jkunx hemm alternattivi effettivi u t-trattament taż-żrieragħ jibqa' l-unika miżura preventiva teknikament vijabbli. F'każijiet bħal dawn, l-approvazzjoni jew it-tiġdid jenħtieġ li jkunu possibbli, dment li jiġu applikati miżuri xierqa ta' mitigazzjoni tar-riskju.

Or. en

Emenda 175
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 16c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16c) Il-valutazzjoni tal-effikaċja u tar-riskju tas-sustanzi attivi jenħtieġ li tirrifletti b'mod adegwat id-diversità tal-kundizzjonijiet agronomiċi, klimatiċi u ambjentali madwar l-Unjoni. Meta użu maħsub jikkonċerna reġjuni bijoġeografiċi b'kundizzjonijiet pedoklimatiċi speċifiċi mhux koperti mill-Istat Membru relatur, l-Istati Membri rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituti tar-riċerka jenħtieġ li jiġu kkonsultati biex jiġi żgurat li l-ispeċifiċitajiet reġjonali, l-għarfien espert xjentifiku u d-data ta' monitoraġġ disponibbli jitqiesu kif xieraq u li kwalunkwe lakuna fid-data tiġi identifikata qabel ma jitlesta r-rieżami bejn il-pari.

Or. en

Emenda 176
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 16d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(16d) L-għelejjel minuri u l-użi minuri spiss jiffaċċjaw disponibbiltà limitata ta' prodotti awtorizzati għall-protezzjoni tal-pjanti minħabba l-kostijiet għoljin u l-piż amministrattiv assoċjati mal-ġenerazzjoni tad-data meħtieġa għall-awtorizzazzjoni. Sabiex tittejjeb id-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet għall-protezzjoni tal-pjanti**

għal dawk l-għelejjel u l-użi, dawk il-kostijiet u r-rekwiżiti amministrattivi jenħtieġ li jiġu minimizzati, u l-Kummissjoni jenħtieġ li tappoġġa l-ġenerazzjoni tad-data u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa ta' tali prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għal użi minuri.

Or. en

Emenda 177
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitqassru b'mod sinifikanti ż-żminijiet ta' stennija għall-aċċess għas-suq, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni jew għall-modifika ta' sustanzi attivi jkunu kompluti bis-sħiħ u ta' kwalità għolja mas-sottomissjoni inizjali. Dossiers mhux kompluti jew ta' standard inferjuri jimblukkaw is-sistema regolatorja u joħolqu dewmien sistemiku li jeżawrixxi r-riżorsi pubbliċi u jwaqqaf parteċipanti ġodda innovattivi fis-suq. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jivverifikaw l-ammissibbiltà b'mod strett u jirrifjutaw applikazzjonijiet li jonqsu milli jilħqu l-istandards ta' kwalità meħtieġa. Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u t-trasparenza madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji dettaljati għall-kompletezza u għall-kwalità tad-dossiers. Sabiex jiġi ffaċilitat dan il-proċess, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom aċċess għal pariri qabel is-sottomissjoni. Dan il-mekkaniżmu konsultattiv jenħtieġ li jagħmel użu minn għodod tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u

għodod diġitali avvanzati biex jottimizza t-tħejjija tad-dossiers, jipprevedi l-lakuni fid-data, u jawtomatizza l-kontrolli tal-konformità. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun hemm enfasi speċjali u appoġġ amministrattiv imfassal apposta fl-ambitu ta' dan il-parir ta' qabel is-sottomissjoni jenħtieġ li jkun dirett lejn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u start-ups, li spiss jiffaċċjaw restrizzjonijiet f'termini ta' riżorsi, u b'hekk jissalvagwardjaw il-kompetittività u jrawmu l-innovazzjoni teknoloġika fis-settur agroalimentari.

Or. en

(R.1107/2009, Artikolu 7)

Emenda 178
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Gheorghe Cârciu, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Valutazzjonijiet xjentifiċi f'waqthom u ta' kwalità għolja jiddependu mid-disponibbiltà ta' għarfien espert u riżorsi xjentifiċi indipendenti suffiċjenti fl-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel. Għalhekk, is-simplifikazzjoni amministrattiva jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn finanzjament u persunal adegwati għall-Awtorità. Dossiers mhux kompluti ppreżentati mill-applikanti ma għandhomx idewmu l-proċess regolatorju jew jikkompromettu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minflok ma tibbaża primarjament fuq is-simplifikazzjoni proċedurali, l-Unjoni għandha

tiżgura li l-EFSA jkollha biżżejjed riżorsi biex twettaq valutazzjonijiet xjentifiċi f'waqthom u ta' kwalità għolja. Id-dewmien li jirriżulta minn dossiers mhux kompluti għandu jibqa' r-responsabbiltà tal-applikanti u ma għandux jikkompromett l-approċċ prekawzjonarju.

Emenda 179
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Stine Bosse, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Wara n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet kollha ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza attiva u l-bdiewa għandhom jieqfu jużaw dawk il-prodotti. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex jippromulgaw l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti u l-ħażniet eżistenti tal-prodotti jsiru skart sakemm ma jkunux previsti perjodi ta' konċessjoni biex jippermettu l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' ħażniet bħal dawn. Barra minn hekk, il-bdiewa jeħtieġu ż-żmien biex isibu alternattivi għall-prodotti li ma għadhomx awtorizzati. L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi l-possibbiltà f'ċerti każijiet għall-Kummissjoni li tistabbilixxi perjodi massimi ta' konċessjoni għall-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati. Madankollu, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 għal meta tali perjodi massimi ta' konċessjoni jistgħu jingħataw jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġi ċċarat li l-istabbiliment ta' perjodu massimu ta' konċessjoni għad-distribuzzjoni u l-użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-**	***imħassar***

awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati huwa possibbli b'mod ġenerali, ħlief għal każijiet fejn ikun hemm tħassib immedjat u serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u biex tiġi ċċarata r-rabta mal-Artikolu 46. Barra minn hekk, il-limitu ta' żmien għal perjodi ta' konċessjoni ta' 18-il xahar mhuwiex biżżejjed f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda prodott alternattiv għall-protezzjoni tal-pjanti disponibbli fis-suq f'xi Stat Membru partikolari fiż-żmien tal-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet. Għalhekk, it-tul massimu ta' perjodi ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu jenħtieġ li jiżdied għal perjodu totali ta' 3 snin f'każijiet bħal dawn sabiex jippermetti lill-Istati Membri żmien biżżejjed biex ikollhom prodotti alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati u biex jippermettu lill-bdiewa jadattaw is-soluzzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni tal-għelejjel. Għall-istess raġunijiet, il-perjodi ta' konċessjoni li jistgħu jagħtu l-Istati Membri skont l-Artikolu 46 wara l-irtirar jew l-emendi tal-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li jiġu allinjati mal-massimu possibbli skont l-Artikolu 20.

Or. en

Emenda 180
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Wara n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet kollha ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza attiva u l-bdiewa għandhom	***imħassar***

jieqfu jużaw dawk il-prodotti. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex jippromulgaw l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti u l-ħażniet eżistenti tal-prodotti jsiru skart sakemm ma jkunux previsti perjodi ta' konċessjoni biex jippermettu l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' ħażniet bħal dawn. Barra minn hekk, il-bdiewa jeħtieġu ż-żmien biex isibu alternattivi għall-prodotti li ma għadhomx awtorizzati. L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi l-possibbiltà f'ċerti każijiet għall-Kummissjoni li tistabbilixxi perjodi massimi ta' konċessjoni għall-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati. Madankollu, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 għal meta tali perjodi massimi ta' konċessjoni jistgħu jingħataw jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġi ċċarat li l-istabbiliment ta' perjodu massimu ta' konċessjoni għad-distribuzzjoni u l-użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati huwa possibbli b'mod ġenerali, ħlief għal każijiet fejn ikun hemm tħassib immedjat u serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u biex tiġi ċċarata r-rabta mal-Artikolu 46. Barra minn hekk, il-limitu ta' żmien għal perjodi ta' konċessjoni ta' 18-il xahar mhuwiex biżżejjed f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda prodott alternattiv għall-protezzjoni tal-pjanti disponibbli fis-suq f'xi Stat Membru partikolari fiż-żmien tal-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet. Għalhekk, it-tul massimu ta' perjodi ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu jenħtieġ li jiżdied għal perjodu totali ta' 3 snin f'każijiet bħal dawn sabiex jippermetti lill-Istati Membri żmien biżżejjed biex ikollhom prodotti alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati u biex jippermettu lill-bdiewa

jadattaw is-soluzzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni tal-għelejjel. Għall-istess raġunijiet, il-perjodi ta' konċessjoni li jistgħu jagħtu l-Istati Membri skont l-Artikolu 46 wara l-irtirar jew l-emendi tal-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li jiġu allinjati mal-massimu possibbli skont l-Artikolu 20.

Or. en

Emenda 181
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Wara n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet kollha ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza attiva u l-bdiewa għandhom jieqfu jużaw dawk il-prodotti. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex jippromulgaw l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti u l-ħażniet eżistenti tal-prodotti jsiru skart sakemm ma jkunux previsti perjodi ta' konċessjoni biex jippermettu l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' ħażniet bħal dawn. Barra minn hekk, il-bdiewa jeħtieġu ż-żmien biex isibu alternattivi għall-prodotti li ma għadhomx awtorizzati. L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi l-possibbiltà f'ċerti każijiet għall-Kummissjoni li tistabbilixxi perjodi massimi ta' konċessjoni ***għall-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' ħażniet eżistenti*** ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ***li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati***. Madankollu, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 għal meta tali perjodi massimi ta'	(18) Wara n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet kollha ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza attiva u l-bdiewa għandhom jieqfu jużaw dawk il-prodotti. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex jippromulgaw l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti u l-ħażniet eżistenti tal-prodotti jsiru skart sakemm ma jkunux previsti perjodi ta' konċessjoni biex jippermettu l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' ħażniet bħal dawn. Barra minn hekk, il-bdiewa jeħtieġu ż-żmien biex isibu alternattivi għall-prodotti li ma għadhomx awtorizzati. L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi l-possibbiltà f'ċerti każijiet għall-Kummissjoni li tistabbilixxi perjodi massimi ta' konċessjoni ***li l-Istati Membri jistgħu japplikawhom meta jirtiraw jew jemendaw awtorizzazzjonijiet*** ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ***wara li ma tiġġeddidx l-approvazzjoni ta' sustanza attiva. Tali perjodi ta' konċessjoni jenħtieġ li jkunu limitati fiż-żmien u***

konċessjoni jistgħu jingħataw jenħtieġ li jiġu emendati biex ***jiġi ċċarat li l-istabbiliment ta'*** perjodu ***massimu*** ta' konċessjoni ***għad-distribuzzjoni u l-użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati huwa possibbli b'mod ġenerali, ħlief għal każijiet fejn ikun hemm tħassib immedjat u serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u biex tiġi ċċarata r-rabta mal-Artikolu 46. Barra minn hekk, il-limitu ta' żmien għal perjodi ta' konċessjoni ta' 18-il xahar mhuwiex biżżejjed f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda prodott alternattiv għall-protezzjoni tal-pjanti disponibbli fis-suq f'xi Stat Membru*** partikolari ***fiż-żmien tal-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet. Għalhekk, it-tul massimu ta' perjodi ta' konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu jenħtieġ li jiżdied għal perjodu totali ta' 3 snin f'każijiet bħal dawn sabiex jippermetti lill-Istati Membri żmien biżżejjed biex ikollhom prodotti alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati u biex jippermettu lill-bdiewa jadattaw is-soluzzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni tal-għelejjel***. Għall-istess raġunijiet, il-perjodi ta' konċessjoni ***li jistgħu jagħtu l-Istati Membri*** skont l-Artikolu 46 wara l-irtirar ***jew*** l-emendi tal-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li jiġu allinjati ***mal-massimu possibbli*** skont l-Artikolu 20.

jenħtieġ li jiżguraw li r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent ma jittawlux. Madankollu, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 għal meta tali perjodi massimi ta' konċessjoni jistgħu jingħataw jenħtieġ li jiġu emendati biex ***jiġu stabbiliti limiti ċari u biex jiġi żgurat li ma jkun jista' jiġi stabbilit l-ebda*** perjodu ta' konċessjoni fejn ***in-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni jkun ibbażat fuq il-kriterji ta' esklużjoni stabbiliti fl-Anness II, inklużi l-kriterji relatati mal-karċinoġeniċità, mal-mutaġeniċità, mat-tossiċità riproduttiva, mat-tfixkil endokrinali, mal-persistenza, mal-bijoakkumulazzjoni, mal-mobbiltà jew ma' proprjetajiet oħra ta' tħassib*** partikolari. Għall-istess raġunijiet, il-perjodi ta' konċessjoni ***previsti*** skont l-Artikolu 46 wara l-irtirar***,*** l-emendi ***jew in-nuqqas ta' tiġdid*** tal-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li jiġu allinjati ***mal-perjodi ta' konċessjoni massimi*** skont l-Artikolu 20 ***u jenħtieġ li jirrispettaw l-istess limitazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 182
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Wara n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet kollha ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza attiva u l-bdiewa għandhom jieqfu jużaw dawk il-prodotti. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex jippromulgaw l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti u l-ħażniet eżistenti tal-prodotti jsiru skart sakemm ma jkunux previsti perjodi ta' konċessjoni biex jippermettu l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' ħażniet bħal dawn. Barra minn hekk, il-bdiewa jeħtieġu ż-żmien biex isibu alternattivi għall-prodotti li ma għadhomx awtorizzati. L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi l-possibbiltà f'ċerti każijiet għall-Kummissjoni li tistabbilixxi perjodi massimi ta' konċessjoni għall-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati. Madankollu, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 għal meta tali perjodi massimi ta' konċessjoni jistgħu jingħataw jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġi ċċarat li l-istabbiliment ta' perjodu massimu ta' konċessjoni għad-distribuzzjoni u l-użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati huwa possibbli b'mod ġenerali, ħlief għal każijiet fejn ikun hemm tħassib immedjat u serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u biex tiġi ċċarata r-rabta mal-Artikolu 46. Barra minn hekk, il-limitu ta' żmien għal perjodi ta' konċessjoni ta' 18-il xahar mhuwiex biżżejjed f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda prodott alternattiv għall-protezzjoni tal-pjanti disponibbli fis-suq f'xi Stat Membru partikolari fiż-żmien tal-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet. Għalhekk, it-tul	(18) Wara n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet kollha ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza attiva u l-bdiewa għandhom jieqfu jużaw dawk il-prodotti. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex jippromulgaw l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti u l-ħażniet eżistenti tal-prodotti jsiru skart sakemm ma jkunux previsti perjodi ta' konċessjoni biex jippermettu l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' ħażniet bħal dawn. Barra minn hekk, il-bdiewa jeħtieġu ż-żmien ***meħtieġ*** biex isibu alternattivi ***effiċjenti u affordabbli*** għall-prodotti li ma għadhomx awtorizzati ***u, idealment, ferm qabel ma tkun intemmet id-deroga dwar l-użu tal-prodott***. L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi l-possibbiltà f'ċerti każijiet għall-Kummissjoni li tistabbilixxi perjodi massimi ta' konċessjoni għall-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati. Madankollu, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 għal meta tali perjodi massimi ta' konċessjoni jistgħu jingħataw jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġi ċċarat li l-istabbiliment ta' perjodu massimu ta' konċessjoni għad-distribuzzjoni u l-użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati huwa possibbli b'mod ġenerali, ħlief għal każijiet fejn ikun hemm tħassib immedjat u serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u biex tiġi ċċarata r-rabta mal-Artikolu 46. Barra minn hekk, il-limitu ta' żmien għal perjodi ta' konċessjoni ta' 18-il xahar mhuwiex biżżejjed f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda prodott alternattiv għall-protezzjoni

massimu ta’ perjodi ta’ konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu jenħtieġ li jiżdied għal perjodu totali ta’ 3 snin f’każijiet bħal dawn sabiex jippermetti lill-Istati Membri żmien biżżejjed biex ikollhom prodotti alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati u biex jippermettu lill-bdiewa jadattaw is-soluzzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni tal-għelejjel. ***Għall-istess raġunijiet, il-perjodi ta’ konċessjoni li jistgħu jagħtu l-Istati Membri skont l-Artikolu 46 wara l-irtirar jew l-emendi tal-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li jiġu allinjati mal-massimu possibbli skont l-Artikolu 20.***

tal-pjanti disponibbli fis-suq f’xi Stat Membru partikolari fiż-żmien tal-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet. Għalhekk, it-tul massimu ta’ perjodi ta’ konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu jenħtieġ li jiżdied għal perjodu totali ta’ 3 snin***, bil-possibbiltà li jiġġedded darba,*** f’każijiet bħal dawn ***u dment li ma jkunx hemm tħassib immedjat u serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent,*** sabiex jippermetti lill-Istati Membri żmien biżżejjed biex ikollhom prodotti alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati u biex jippermettu lill-bdiewa jadattaw is-soluzzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni tal-għelejjel.

Or. fr

Emenda 183
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Wara n-nuqqas ta’ tiġdid tal-approvazzjoni ta’ sustanza attiva, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet kollha ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza attiva u l-bdiewa għandhom jieqfu jużaw dawk il-prodotti. F’sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex jippromulgaw l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti u l-ħażniet eżistenti tal-prodotti jsiru skart sakemm ma jkunux previsti perjodi ta’ konċessjoni biex jippermettu l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta’ ħażniet bħal dawn. Barra minn hekk, il-bdiewa jeħtieġu ż-żmien biex isibu alternattivi għall-prodotti li ma għadhomx awtorizzati. L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi l-possibbiltà f’ċerti każijiet għall-Kummissjoni li tistabbilixxi perjodi	(18) Wara n-nuqqas ta’ tiġdid tal-approvazzjoni ta’ sustanza attiva, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet kollha ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dik is-sustanza attiva u l-bdiewa għandhom jieqfu jużaw dawk il-prodotti ***wara perjodu ta’ notifika ta’ 30 jum***. F’sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex jippromulgaw l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti u l-ħażniet eżistenti tal-prodotti jsiru skart sakemm ma jkunux previsti perjodi ta’ konċessjoni biex jippermettu l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta’ ħażniet bħal dawn. Barra minn hekk, il-bdiewa jeħtieġu ż-żmien biex isibu alternattivi għall-prodotti li ma għadhomx awtorizzati. L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi l-possibbiltà f’ċerti każijiet għall-

massimi ta’ konċessjoni għall-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta’ ħażniet eżistenti ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati. Madankollu, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 għal meta tali perjodi massimi ta’ konċessjoni jistgħu jingħataw jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġi ċċarat li l-istabbiliment ta’ perjodu massimu ta’ konċessjoni għad-distribuzzjoni u l-użu ta’ ħażniet eżistenti ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati huwa possibbli b’mod ġenerali, ħlief għal każijiet fejn ikun hemm tħassib immedjat u serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u biex tiġi ċċarata r-rabta mal-Artikolu 46. Barra minn hekk, il-limitu ta’ żmien għal perjodi ta’ konċessjoni ta’ 18-il xahar mhuwiex biżżejjed f’każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda prodott alternattiv għall-protezzjoni tal-pjanti disponibbli fis-suq f’xi Stat Membru partikolari fiż-żmien tal-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet. Għalhekk, it-tul massimu ta’ perjodi ta’ konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu jenħtieġ li jiżdied għal perjodu totali ta’ 3 snin f’każijiet bħal dawn sabiex jippermetti lill-Istati Membri żmien biżżejjed biex ikollhom prodotti alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati u biex jippermettu lill-bdiewa jadattaw is-soluzzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni tal-għelejjel. Għall-istess raġunijiet, il-perjodi ta’ konċessjoni li jistgħu jagħtu l-Istati Membri skont l-Artikolu 46 wara l-irtirar jew l-emendi tal-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li jiġu allinjati mal-massimu possibbli skont l-Artikolu 20.	Kummissjoni li tistabbilixxi perjodi massimi ta’ konċessjoni għall-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta’ ħażniet eżistenti ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati. Madankollu, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 għal meta tali perjodi massimi ta’ konċessjoni jistgħu jingħataw jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġi ċċarat li l-istabbiliment ta’ perjodu massimu ta’ konċessjoni għad-distribuzzjoni u l-użu ta’ ħażniet eżistenti ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li għalihom l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati huwa possibbli b’mod ġenerali, ħlief għal każijiet fejn ikun hemm tħassib immedjat u serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent u biex tiġi ċċarata r-rabta mal-Artikolu 46. Barra minn hekk, il-limitu ta’ żmien għal perjodi ta’ konċessjoni ta’ 18-il xahar mhuwiex biżżejjed f’każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda prodott alternattiv għall-protezzjoni tal-pjanti disponibbli fis-suq f’xi Stat Membru partikolari fiż-żmien tal-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet. Għalhekk, it-tul massimu ta’ perjodi ta’ konċessjoni li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu jenħtieġ li jiżdied għal perjodu totali ta’ 3 snin f’każijiet bħal dawn sabiex jippermetti lill-Istati Membri żmien biżżejjed biex ikollhom prodotti alternattivi għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati u biex jippermettu lill-bdiewa jadattaw is-soluzzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni tal-għelejjel. Għall-istess raġunijiet, il-perjodi ta’ konċessjoni li jistgħu jagħtu l-Istati Membri skont l-Artikolu 46 wara l-irtirar jew l-emendi tal-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li jiġu allinjati mal-massimu possibbli skont l-Artikolu 20.
	Or. ro

Emenda 184
Tilly Metz, Anna Strolenberg

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jqisu l-għarfien xjentifiku u tekniku attwali rilevanti għas-sustanza attiva fil-kuntest tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti wassal għal xi konfużjoni u għal interpretazzjoni diverġenti fost l-Istati Membri, eżiti diverġenti tal-valutazzjonijiet tar-riskju, u, bħala konsegwenza, aċċess mhux ugwali għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għall-bdiewa skont l-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-Istati Membri jenħtieġ li normalment jibbażaw fuq l-aktar valutazzjonijiet reċenti tas-sustanzi attivi fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi rikonoxxut ukoll li jistgħu jkunu meħtieġa aġġornamenti u f'każijiet bħal dawn l-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni sabiex l-għarfien xjentifiku u tekniku jiġi vvalutat b'mod armonizzat.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta tikkontradixxi l-ġurisprudenza tal-UE u deċiżjoni nazzjonali (tal-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) li stabbiliet li l-Istati Membri huma obbligati jikkunsidraw l-aktar evidenza xjentifika aġġornata. Barra minn hekk, il-proposta possibbilment tikkontradixxi s-sussidjarjetà peress li tista' timmina bla bżonn is-setgħa tal-awtoritajiet nazzjonali li jivvalutaw bis-sħiħ it-tossiċità tal-prodott.
https://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf%3Bjsessionid%3DEE470B7CF12503FB294CCF661F3BE6AB?cid=1198324&dir=&docid=285185&doclang=MT&mode=lst&occ=first&pageIndex=0&part=1&text=&utm

Emenda 185
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Ir-rekwiżit li l-Istati Membri jqisu l-għarfien xjentifiku u tekniku attwali rilevanti għas-sustanza attiva fil-kuntest tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti wassal għal xi konfużjoni u għal interpretazzjoni diverġenti fost l-Istati Membri, eżiti diverġenti tal-valutazzjonijiet tar-riskju, u, bħala konsegwenza, aċċess mhux ugwali għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għall-bdiewa skont l-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-Istati Membri jenħtieġ li normalment jibbażaw fuq l-aktar valutazzjonijiet reċenti tas-sustanzi attivi fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi rikonoxxut ukoll li jistgħu jkunu meħtieġa aġġornamenti u f'każijiet bħal dawn l-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni sabiex l-għarfien xjentifiku u tekniku jiġi vvalutat b'mod armonizzat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 186
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jistabbilixxi sistema għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi u għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju xjentifika. Madankollu, il-valutazzjonijiet ta' qabel it-tqegħid fis-suq jistgħu ma jkoprux bis-shiħ ix-xejriet ta' esponiment fid-dinja

reali, b'mod partikolari għar-residenti, għall-persuni fil-qrib u għall-gruppi vulnerabbli. Il-gruppi vulnerabbli, inklużi t-tfal, il-persuni tqal u l-persuni b'sensittività akbar għal ċerti sustanzi, jistgħu jirrikjedu kunsiderazzjoni partikolari f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni. Għalhekk, il-monitoraġġ ikkoordinat ta' wara t-tqegħid fis-suq jenħtieġ li jikkomplementa s-sistemi ta' monitoraġġ eżistenti tal-Unjoni billi jivvaluta l-esponiment tal-bnedmin u tal-ambjent, inkluż l-esponiment kumulattiv u kkombinat, inkluż f'żoni fejn jistgħu jkunu esposti r-residenti u l-gruppi vulnerabbli, bħal żoni residenzjali maġenb għelieqi ttrattati, skejjel, faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal, stabbilimenti tal-kura tas-saħħa u spazji pubbliċi, u jipprovdi informazzjoni rilevanti għar-rieżami tal-approvazzjonijiet u tal-awtorizzazzjonijiet meta l-kriterji stabbiliti skont dan ir-Regolament jistgħu ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

Or. en

Emenda 187
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-162/21, li rrestrinġiet l-użu tal-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza skont l-Artikolu 53 għal sustanzi ristretti fl-Unjoni, feġġ impass operazzjonali u legali fir-rigward tat-trattamenti taż-żrieragħ f'reġjuni li jiffaċċjaw pressjonijiet kroniċi u dokumentati mill-pesti. F'konformità mal-prinċipju tal-effettività (effet utile), huwa imperattiv li jiġi stabbilit qafas

legali strutturali u alternattiv li jippermetti l-użu sikur u kkontrollat b'mod strett taż-żrieragħ ittrattati f'reġjuni bijoġeografiċi speċifiċi, bħar-reġjun ta' Steppe, li l-kundizzjonijiet pedoklimatiċi distinti tiegħu mhumiex rappreżentati b'mod adegwat minn parametri standard tal-ittestjar. Sabiex jiġi pprevenut tfixkil sistemiku waqt li jkun qed jiġi implimentat dan il-qafas fit-tul, il-mekkaniżmu ta' emerġenza komplementari u limitat fiż-żmien skont l-Artikolu 53 jenħtieġ li jibqa' aċċessibbli għall-Istati Membri biex jindirizzaw theddid akut għas-saħħa tal-pjanti.

Or. en

Emenda 188
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 19b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) L-Istati Membri li l-fruntieri esterni tagħhom jikkoinċidu mal-fruntieri esterni tal-Unjoni jiffaċċjaw sfidi fitosanitarji eċċezzjonali u asimetriċi. Dawn ir-reġjuni tal-fruntiera huma esposti direttament għal riskji bijoloġiċi transfruntiera minn pajjiżi terzi ġirien, fejn huma ttollerati densitajiet ferm ogħla ta' predaturi u pesti għal kull metru kwadru, u fejn is-sustanzi attivi pprojbiti fl-Unjoni għadhom jintużaw ħafna. Minħabba din l-asimetrija regolatorja, il-pesti agrikoli reżistenti ħafna u invażivi jaqsmu dawn il-fruntieri esterni b'mod sistematiku, u jikkawżaw infestazzjonijiet rapidi u mifruxa fit-territorji tal-Istati Membri kontigwi. Sabiex jiġu ssalvagwardjati s-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni u l-vijabbiltà ekonomika tas-setturi agrikoli tal-fruntiera, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi

regolatorji u derogi mfassla apposta li jippermettu lil dawn l-Istati Membri l-aktar esposti jrażżnu b'mod effettiv il-migrazzjonijiet transfruntiera tal-pesti taħt kundizzjonijiet stretti u kkontrollati.

Or. en

Emenda 189
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Ir-Regolament (UE) 2016/2031[4] għandu l-għan li jipprevjeni l-istabbiliment jew it-tixrid ta' pesti li jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali inaċċettabbli fit-territorju tal-Unjoni inklużi l-impatti fuq il-produzzjoni agrikola. Id-disponibbiltà f'waqtha tal-użi awtorizzati ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti hija essenzjali biex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri semmew ripetutament id-diffikultajiet f'dan ir-rigward u, għalhekk, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà f'waqtha tal-użi awtorizzati tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-Istati Membri kollha biex jiġi evitat id-dħul fl-Unjoni u t-tixrid fl-Unjoni ta' pesti elenkati f'konformità mal-Artikoli 5(2), 30(1), 32(3), 37(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031.	***imħassar***

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill

69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4–104, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj).

Or. en

Emenda 190
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex jiġi evitat l-abbuż tas-sistema ta' rikonoxximent reċiproku fid-dawl ta' tariffi diverġenti stabbiliti mill-Istati Membri għall-kisba ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjoni ta' prodott jenħtieġ li jkunu possibbli biss jekk il-prodott li għalih tintalab awtorizzazzjoni b'rikonoxximent reċiproku jiġi fil-fatt introdott fis-suq fl-Istat Membru ta' referenza. ***Barra minn hekk, f'każijiet fejn il-kumpaniji jiddeċiedu li japplikaw biss għall-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti f'ċerti Stati Membri iżda mhux f'oħrajn, jenħtieġ li jkun aktar faċli għall-korpi uffiċjali jew xjentifiċi involuti f'attivitajiet agrikoli jew organizzazzjonijiet agrikoli professjonali li japplikaw għar-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti f'dawn l-Istati Membri l-oħra billi jitneħħa l-obbligu li jinkiseb il-kunsens tad-detentur tal-awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, il-piż amministrattiv għal applikanti bħal dawn, kif ukoll għal applikanti għall-estensjoni tal-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għal użi***	(21) Sabiex jiġi evitat l-abbuż tas-sistema ta' rikonoxximent reċiproku fid-dawl ta' tariffi diverġenti stabbiliti mill-Istati Membri għall-kisba ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjoni ta' prodott jenħtieġ li jkunu possibbli biss jekk il-prodott li għalih tintalab awtorizzazzjoni b'rikonoxximent reċiproku jiġi fil-fatt introdott fis-suq fl-Istat Membru ta' referenza.

minuri, jenħtieġ li jitnaqqas billi jitneħħa l-obbligu li jiġu pprovduti, bħala parti mill-applikazzjonijiet, ċerti dokumenti li jistgħu jinkisbu direttament mill-Istat Membru ta' referenza li jkun ta l-awtorizzazzjoni li għaliha jkun qed jintalab ir-rikonoxximent reċiproku jew l-estensjoni.

Or. en

Emenda 191
Anne-Sophie Frigout, Mireia Borrás Pabón, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Fehmiet diverġenti fost l-Istati Membri dwar jekk iż-żrigħ ta' żrieragħ ittrattati jikkostitwix użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ħolqu konfużjoni fost il-produtturi ta' żrieragħ ittrattati, bdiewa u awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, hemm interpretazzjonijiet differenti dwar jekk id-dispożizzjoni dwar iż-żrieragħ ittrattati tkoprix ukoll tipi oħra ta' materjali riproduttivi tal-pjanti bħat-tuberi, il-basal, jew il-patata taż-żrigħ. In-nuqqas ta' ċarezza joħloq ostakli għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' żrieragħ ittrattati u materjali riproduttivi tal-pjanti u fl-istess ħin ħoloq differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' żrieragħ ittrattati b'sustanzi attivi mhux approvati għall-użu fl-Unjoni u ż-żrigħ tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti jiġu ċċarati, sabiex tiżdied l-armonizzazzjoni fost l-Istati Membri. Il-miżuri ma joħolqux piż addizzjonali għall-industrija tat-trattament taż-żrieragħ peress li ż-żrieragħ ittrattati nfushom għadhom ma jitqisux bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Jenħtieġ li l-piż amministrattiv	***imħassar***

għall-bdiewa jkun limitat u għalhekk jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga speċifika għall-makkinarju użat għaż-żrigħ ta' żieragħ ittrattati sabiex ma jitqiesx bħala tagħmir għall-applikazzjoni tal-pesticidi skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/128/KE[5] dwar l-użu sostenibbli tal-pesticidi.

---

[5] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pesticidi, (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71–86, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj).

Or. fr

Emenda 192
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Fehmiet diverġenti fost l-Istati Membri dwar jekk iż-żrigħ ta' żieragħ ittrattati jikkostitwix użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ħolqu konfużjoni fost il-produtturi ta' żieragħ ittrattati, bdiewa u awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, hemm interpretazzjonijiet differenti dwar jekk id-dispożizzjoni dwar iż-żieragħ ittrattati tkoprix ukoll tipi oħra ta' materjali riproduttivi tal-pjanti bħat-tuberi, il-basal, jew il-patata taż-żrigħ. In-nuqqas ta' ċarezza joħloq ostakli għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' żieragħ ittrattati u materjali riproduttivi tal-pjanti u fl-istess ħin ħoloq differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' żieragħ ittrattati b'sustanzi attivi mhux approvati għall-użu fl-Unjoni u ż-żrigħ tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti jiġu	(22) Fehmiet diverġenti fost l-Istati Membri dwar jekk iż-żrigħ ta' żieragħ ittrattati jikkostitwix użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ħolqu konfużjoni fost il-produtturi ta' żieragħ ittrattati, bdiewa u awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, hemm interpretazzjonijiet differenti dwar jekk id-dispożizzjoni dwar iż-żieragħ ittrattati tkoprix ukoll tipi oħra ta' materjali riproduttivi tal-pjanti bħat-tuberi, il-basal, jew il-patata taż-żrigħ. In-nuqqas ta' ċarezza joħloq ostakli għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' żieragħ ittrattati u materjali riproduttivi tal-pjanti u fl-istess ħin ħoloq differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' żieragħ ittrattati b'sustanzi attivi mhux approvati għall-użu fl-Unjoni u ż-żrigħ tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti jiġu

ċċarati, sabiex tiżdied l-armonizzazzjoni fost l-Istati Membri. Il-miżuri ma joħolqux piż addizzjonali għall-industrija tat-trattament taż-żrieragħ peress li ż-żrieragħ ittrattati nfushom għadhom ma jitqisux bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. ***Jenħtieġ li l-piż amministrattiv għall-bdiewa jkun limitat u għalhekk jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga speċifika għall-makkinarju użat għaż-żrigħ ta' żrieragħ ittrattati sabiex ma jitqiesx bħala tagħmir għall-applikazzjoni tal-pesticidi skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/128/KE[5] dwar l-użu sostenibbli tal-pesticidi.***	ċċarati, sabiex tiżdied l-armonizzazzjoni fost l-Istati Membri. Il-miżuri ma joħolqux piż addizzjonali għall-industrija tat-trattament taż-żrieragħ peress li ż-żrieragħ ittrattati nfushom għadhom ma jitqisux bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.
[5] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pesticidi, (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71–86, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj)	[5] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pesticidi, (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71–86, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj)
	Or. en

Emenda 193
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Fehmiet diverġenti fost l-Istati Membri dwar jekk iż-żrigħ ta' żrieragħ ittrattati jikkostitwix użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ħolqu konfużjoni fost il-produtturi ta' żrieragħ ittrattati, bdiewa u awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, hemm interpretazzjonijiet differenti dwar jekk id-dispożizzjoni dwar iż-żrieragħ ittrattati tkoprix ukoll tipi oħra ta' materjali riproduttivi tal-pjanti bħat-tuberi, il-basal, jew il-patata taż-żrigħ. In-nuqqas ta' ċarezza joħloq ostakli għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' żrieragħ ittrattati u materjali	(22) Fehmiet diverġenti fost l-Istati Membri dwar jekk iż-żrigħ ta' żrieragħ ittrattati jikkostitwix użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ħolqu konfużjoni fost il-produtturi ta' żrieragħ ittrattati, bdiewa u awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, hemm interpretazzjonijiet differenti dwar jekk id-dispożizzjoni dwar iż-żrieragħ ittrattati tkoprix ukoll tipi oħra ta' materjali riproduttivi tal-pjanti bħat-tuberi, il-basal, jew il-patata taż-żrigħ. In-nuqqas ta' ċarezza joħloq ostakli għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' żrieragħ ittrattati u materjali

riproduttivi tal-pjanti u fl-istess ħin ħoloq differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' żrieragħ ittrattati b'sustanzi attivi mhux approvati għall-użu fl-Unjoni u ż-żrigħ tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti jiġu ċċarati, sabiex tiżdied l-armonizzazzjoni fost l-Istati Membri. Il-miżuri ma joħolqux piż addizzjonali għall-industrija tat-trattament taż-żrieragħ peress li ż-żrieragħ ittrattati nfushom għadhom ma jitqisux bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Jenħtieġ li l-piż amministrattiv għall-bdiewa jkun limitat u għalhekk jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga speċifika għall-makkinarju użat għaż-żrigħ ta' żrieragħ ittrattati sabiex ma jitqiesx bħala tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/128/KE[49] dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.

[49] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi, (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71–86, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj)

riproduttivi tal-pjanti u fl-istess ħin ħoloq differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' żrieragħ ittrattati b'sustanzi attivi mhux approvati għall-użu fl-Unjoni u ż-żrigħ tagħhom ***u frammenta s-suq intern***. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti jiġu ċċarati, sabiex tiżdied l-armonizzazzjoni fost l-Istati Membri. Il-miżuri ma joħolqux piż addizzjonali għall-industrija tat-trattament taż-żrieragħ peress li ż-żrieragħ ittrattati nfushom għadhom ma jitqisux bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Jenħtieġ li l-piż amministrattiv għall-bdiewa jkun limitat u għalhekk jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga speċifika għall-makkinarju użat għaż-żrigħ ta' żrieragħ ittrattati sabiex ma jitqiesx bħala tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/128/KE[49] dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.

[49] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi, (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71–86, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj)

Or. ro

Emenda 194
Gheorghe Cârciu, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Fehmiet diverġenti fost l-Istati Membri dwar jekk iż-żrigħ ta' żrieragħ ittrattati jikkostitwix użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ħolqu konfużjoni fost il-produtturi ta' żrieragħ ittrattati, bdiewa u	(22) Fehmiet diverġenti fost l-Istati Membri dwar jekk iż-żrigħ ta' żrieragħ ittrattati jikkostitwix użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ħolqu konfużjoni fost il-produtturi ta' żrieragħ ittrattati, bdiewa u

awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, hemm interpretazzjonijiet differenti dwar jekk id-dispożizzjoni dwar iż-żrieragħ ittrattati tkoprix ukoll tipi oħra ta' materjali riproduttivi tal-pjanti bħat-tuberi, il-basal, jew il-patata taż-żrigħ. In-nuqqas ta' ċarezza joħloq ostakli għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' żrieragħ ittrattati u materjali riproduttivi tal-pjanti u fl-istess ħin ħoloq differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' żrieragħ ittrattati b'sustanzi attivi mhux approvati għall-użu fl-Unjoni u ż-żrigħ tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti jiġu ċċarati, sabiex tiżdied l-armonizzazzjoni fost l-Istati Membri. Il-miżuri ma joħolqux piż addizzjonali għall-industrija tat-trattament taż-żrieragħ peress li ż-żrieragħ ittrattati nfushom għadhom ma jitqisux bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Jenħtieġ li l-piż amministrattiv għall-bdiewa jkun limitat u għalhekk jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga speċifika għall-makkinarju użat għaż-żrigħ ta' żrieragħ ittrattati sabiex ma jitqiesx bħala tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/128/KE[5] dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.	awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, hemm interpretazzjonijiet differenti dwar jekk id-dispożizzjoni dwar iż-żrieragħ ittrattati tkoprix ukoll tipi oħra ta' materjali riproduttivi tal-pjanti bħat-tuberi, il-basal, jew il-patata taż-żrigħ. In-nuqqas ta' ċarezza joħloq ostakli għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' żrieragħ ittrattati u materjali riproduttivi tal-pjanti u fl-istess ħin ħoloq differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' żrieragħ ittrattati b'sustanzi attivi mhux approvati għall-użu fl-Unjoni u ż-żrigħ tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti jiġu ċċarati, sabiex tiżdied l-armonizzazzjoni fost l-Istati Membri. Il-miżuri ma joħolqux piż addizzjonali għall-industrija tat-trattament taż-żrieragħ peress li ż-żrieragħ ittrattati nfushom għadhom ma jitqisux bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Jenħtieġ li l-piż amministrattiv għall-bdiewa jkun limitat u għalhekk jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga speċifika ***għall-ispazji miftuħa,*** għall-makkinarju użat għaż-żrigħ ta' żrieragħ ittrattati sabiex ma jitqiesx bħala tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/128/KE[5] dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.
[5] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi, (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71–86, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj)	[5] Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi, (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71–86, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj)
	Or. en

Emenda 195
Jacek Ozdoba

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni prevedibbli u proporzjonata tar-Regolament 1107/2009, trid titqies is-sitwazzjoni tal-prodotti li l-klassifikazzjoni regolatorja tagħhom ma ssegwix b'mod ċar il-formulazzjoni ta' dan ir-Regolament u tista' tiddependi mill-prattika interpretattiva tal-awtoritajiet kompetenti. B'mod partikolari, dan jikkonċerna prodotti barranin li tqiegħdu fis-suq jew li intużaw fi Stat Membru wieħed jew aktar għal perjodu sinifikanti ta' żmien f'kuntest regolatorju definit, inkluż abbażi tal-linji gwida eżistenti, tad-dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni, tal-prattiki tal-awtoritajiet domestiċi jew ta' pożizzjonijiet oħra li għandhom l-għan li jarmonizzaw l-approċċ segwit mill-Istati Membri. Kien raġonevoli li l-operaturi u l-utenti jassumu li l-istatus regolatorju ta' prodotti bħal dawn ma jirrikjedix li dawn jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 1107/2009, b'mod partikolari jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux iddubitaw il-preżenza tagħhom fis-suq minn qabel. Jekk, bħala riżultat ta' bidla fl-approċċ interpretattiv jew emendi fid-dokumenti ta' ħidma, fil-linji gwida jew fil-pożizzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, dawn il-prodotti mbagħad jitqiesu li huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 1107/2009, il-konsegwenzi ta' din il-bidla jew dawn l-emendi jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod ordnat u proporzjonat. Dan jirrikjedi li tingħata kunsiderazzjoni mhux biss lill-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent, iżda wkoll lill-interessi leġittimi tal-utenti u l-ħtieġa li jiġu evitati disturbi f'daqqa u eċċessivi fl-attività ekonomika.

Or. pl

Emenda 196
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Xi whud mill-kundizzjonijiet għall-kisba ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għal użi minuri stabbiliti fl-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 juru li huma restrittivi wisq u jenħtieġ li jitneħħew sabiex aktar prodotti jsiru disponibbli għall-bdiewa. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' dak l-Artikolu tvarja b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li t-trasparenza tittejjeb, u l-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jarmonizzaw il-proċeduri għall-għoti ta' estensjonijiet ta' awtorizzazzjonijiet għal użi minuri u għal awtorizzazzjonijiet b'rikonoxximent reċiproku sabiex tinkiseb disponibbiltà aktar armonizzata ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għal użi minuri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 197
Biljana Borzan, Gheorghe Cârciu, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Għandha tiġi stabbilita proċedura ta' evalwazzjoni prijoritarja għall-prodotti ta' kontroll bijoloġiku bi profil ta' riskju favorevoli, sabiex titħaffef id-disponibbiltà tagħhom għall-bdiewa bħala

sostituti għal sustanzi sintetiċi b'riskju ogħla, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni xjentifika sħiħa meħtieġa skont dan ir-Regolament. Il-livelli massimi ta' residwi eżistenti għandhom ikomplu jkunu soġġetti għal rieżami perjodiku f'konformità mal-Artikolu 12, filwaqt li jitqiesu l-aħħar għarfien xjentifiku u tekniku, id-data ta' monitoraġġ, l-evidenza tal-bijomonitoraġġ u l-informazzjoni tossikoloġika ġdida. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ħarsa ġenerali aċċessibbli għall-pubbliku tar-rieżamijiet kollha li għaddejjin tal-livelli massimi ta' residwi, li tindika l-bażi xjentifika għar-rieżami u l-iskeda ta' żmien mistennija għat-tlestija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rieżami perjodiku miżmum tal-livelli massimi ta' residwi skont l-Artikolu 12, ankrat b'mod espliċitu mad-data ta' monitoraġġ, mal-evidenza tal-bijomonitoraġġ u ma' informazzjoni tossikoloġika ġdida, huwa s-salvagwardja li ma tridx tiġi nnegozjata band'oħra fil-pakkett. Meta d-deroga tal-Artikolu 4(7) u t-tneħħija tas-sottomissjoni mill-ġdid perjodika tat-tossiċità għas-sustanzi approvati jdgħajfu l-bażi ta' evidenza upstream, mekkaniżmu ta' rieżami tal-MRL li jibqa' reattiv għal data ġdida downstream isir saħansitra aktar importanti bħala kontroll residwu.

Emenda 198
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 23b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23b) Jenħtieġ li jinżamm rieżami perjodiku għas-sustanzi attivi kollha, irrispettivament mill-profil tar-riskju tagħhom, peress li d-disponibbiltà ta' metodi ta' ttestjar aktar intelliġenti u aktar immirati tnaqqas il-piż amministrattiv u tekniku ta' tali rieżami

mingħajr ma tirrikjedi t-tneħħija tiegħu. Il-prinċipju ta' prekawzjoni li jirfed il-qafas leġiżlattiv attwali jenħtieġ li jkompli jiggwida l-approvazzjoni u t-tiġdid ta' sustanzi attivi, u l-oneru tal-provi għandu jibqa' f'idejn il-produtturi biex juru li sustanza tissodisfa l-kriterji ta' sikurezza applikabbli. Fl-istess ħin, jenħtieġ li titfittex simplifikazzjoni permezz ta' differenzjazzjoni aktar milli permezz ta' tnaqqis tas-salvagwardji: jenħtieġ li jiġu stabbiliti "korsiji ħodor" iddedikati għall-prodotti ta' kontroll bijoloġiku, li jippermettu li l-valutazzjonijiet tar-riskju jitwettqu b'mod adattat għall-karatteristiċi speċifiċi ta' din il-klassi ta' sustanzi, sabiex titħaffef id-disponibbiltà tagħhom għall-bdiewa bħala alternattivi b'riskju aktar baxx għas-sustanzi sintetiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju ta' prekawzjoni, u t-tqegħid tal-oneru tal-provi fuq il-produtturi, huwa l-pedament strutturali tas-sistema attwali u jrid jibqa' mhux mittiefes minn dan il-pakkett. It-trasferiment ta' dak il-piż, anke indirettament permezz ta' obbligi tad-data mdgħajfa jew kategoriji estiżi ta' approvazzjoni mingħajr limitu, jimmarka bidla fil-filosofija sottostanti tal-liġi tal-UE dwar l-ikel u l-protezzjoni tal-pjanti, mhux biss aġġustament proċedurali, u jmur lil hinn mill-mandat ta' simplifikazzjoni li invokat il-Kummissjoni.

Emenda 199
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) L-esperjenza wriet li d-dispożizzjonijiet fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 relatati mal-protezzjoni tad-data fir-rapporti ta' ttestjar u ta' studju sottomessi għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti huma kumplessi u joħolqu ostakli għad-dħul fis-	(24) L-esperjenza wriet li d-dispożizzjonijiet fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 relatati mal-protezzjoni tad-data fir-rapporti ta' ttestjar u ta' studju sottomessi għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti huma kumplessi u joħolqu ostakli għad-dħul fis-

suq għal fornituri ġodda ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u distribuzzjoni mhux ugwali u kostijiet differenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skont id-daqs tal-Istati Membri, u b'hekk joħolqu kompetizzjoni inġusta bejn il-manifatturi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-bdiewa. Barra minn hekk, ir-reġim tal-protezzjoni tad-data ma għandux trasparenza f'termini ta' meta l-protezzjoni tad-data għal rapport ta' ttestjar jew ta' studju partikolari tiskadi fl-Istati Membri differenti, b'mod partikolari għal studji jew testijiet użati għat-tiġdid ta' approvazzjonijiet jew għal estensjonijiet ta' awtorizzazzjonijiet għal użi minuri. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti jiġu emendati biex jiġi ***stabbilit l-istess perjodu ta' protezzjoni tad-data għal studju jew test partikolari madwar l-Unjoni biex tiżdied it-trasparenza u jiġi*** ffaċilitat l-aċċess għas-suq għal fornituri alternattivi biex tiżdied id-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'kostijiet komparabbli għall-bdiewa indipendentement mill-Istati Membri fejn ikunu stabbiliti.	suq għal fornituri ġodda ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u distribuzzjoni mhux ugwali u kostijiet differenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skont id-daqs tal-Istati Membri, u b'hekk joħolqu kompetizzjoni inġusta bejn il-manifatturi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-bdiewa. Barra minn hekk, ir-reġim tal-protezzjoni tad-data ma għandux trasparenza f'termini ta' meta l-protezzjoni tad-data għal rapport ta' ttestjar jew ta' studju partikolari tiskadi fl-Istati Membri differenti, b'mod partikolari għal studji jew testijiet użati għat-tiġdid ta' approvazzjonijiet jew għal estensjonijiet ta' awtorizzazzjonijiet għal użi minuri. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti jiġu emendati biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq għal fornituri alternattivi biex tiżdied id-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'kostijiet komparabbli għall-bdiewa indipendentement mill-Istati Membri fejn ikunu stabbiliti***, mingħajr ma tiġi affettwata l-kompetittività tal-intrapriżi li l-kost tagħhom għall-produzzjoni tad-data huwa għoli ħafna u jeħtieġu protezzjoni adegwata***.
	Or. fr

Emenda 200
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-obbligu tal-Istati Membri skont l-Artikolu 68 li jittrażmettu lill-Kummissjoni rapporti dwar il-kontrolli uffiċjali fuq l-infurzar tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 diġà ġie sostitwit bl-obbligu li jittrażmettu rapporti annwali skont l-Artikolu 113(1) tar-Regolament	***imħassar***

(UE) 2017/625. Għalhekk, l-Artikolu 68 jenħtieġ li jitħassar sabiex jiġu evitati l-konfużjoni u l-piż amministrattiv bla bżonn għall-Istati Membri.

Or. en

Emenda 201
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-obbligu tal-Istati Membri skont l-Artikolu 68 li jittrażmettu lill-Kummissjoni rapporti dwar il-kontrolli uffiċjali fuq l-infurzar tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 diġà ġie sostitwit bl-obbligu li jittrażmettu rapporti annwali skont l-Artikolu 113(1) tar-Regolament (UE) 2017/625. Għalhekk, l-Artikolu 68 jenħtieġ li jitħassar sabiex jiġu evitati l-konfużjoni u l-piż amministrattiv bla bżonn għall-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 202
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali huma meħtieġa sabiex ***tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel*** għall-proċeduri ***pendenti ta' approvazzjoni u tiġdid għas-sustanzi attivi użati fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, sabiex jitlestew skont ir-regoli attwali iżda l-perjodu ta'***	(26) Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali huma meħtieġa sabiex tiġi żgurata ***ċ-ċertezza legali*** għall-proċeduri ***li jkunu diġà għaddejjin fiż-żmien tad-dħul*** fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***. L-approvazzjonijiet limitati fiż-żmien iservu funzjoni protettiva, peress li jiżguraw li s-***

approvazzjoni jingħata skont ir-regoli l-ġodda. Dispożizzjoni tranżizzjonali hija meħtieġa wkoll sabiex jiġi żgurat li rapport ta' ttestjar u ta' studju li l-protezzjoni tad-data tiegħu tkun inbdiet skont ir-regoli l-antiki ma jingħatax protezzjoni doppja fl-istess Stat Membru skont ir-regoli l-ġodda madwar l-UE. Huwa ċċarat ukoll li s-sustanzi bażiċi kollha approvati fid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ***jistgħu jiġu introdotti fis-suq indipendentement mill-approvazzjoni tagħhom bħala sustanzi*** attivi ***regolari sabiex jiġi żgurat trattament ugwali u kompetizzjoni leali għas-sustanzi bażiċi kollha u għall-bdiewa kollha indipendentement mill-Istat Membru li huma bbażati fih***.

sustanzi attivi ***jiġu vvalutati mill-ġdid qabel ma tkompli l-awtorizzazzjoni tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-għarfien xjentifiku li qed jevolvi u evidenza ġdida. Kwalunkwe arranġament tranżitorju jrid jippreżerva l-kontinwità tal-iskrutinju tas-sikurezza u ma għandux jintuża biex l-approvazzjonijiet eżistenti limitati fiż-żmien jiġu kkonvertiti għal żmien illimitat***.

Or. en

Emenda 203
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) ***Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali huma meħtieġa sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-proċeduri pendenti ta' approvazzjoni u tiġdid għas-sustanzi attivi użati fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, sabiex jitlestew skont ir-regoli attwali iżda l-perjodu ta' approvazzjoni jingħata skont ir-regoli l-ġodda.*** Dispożizzjoni tranżizzjonali hija meħtieġa ***wkoll*** sabiex jiġi żgurat li rapport ta' ttestjar u ta' studju li l-protezzjoni tad-data tiegħu tkun inbdiet skont ir-regoli l-antiki ma jingħatax protezzjoni doppja fl-istess Stat Membru skont ir-regoli l-ġodda madwar l-UE. Huwa ċċarat ukoll li s-sustanzi bażiċi kollha approvati fid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu	(26) Dispożizzjoni tranżizzjonali hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat li rapport ta' ttestjar u ta' studju li l-protezzjoni tad-data tiegħu tkun inbdiet skont ir-regoli l-antiki ma jingħatax protezzjoni doppja fl-istess Stat Membru skont ir-regoli l-ġodda madwar l-UE. Huwa ċċarat ukoll li s-sustanzi bażiċi kollha approvati fid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu introdotti fis-suq indipendentement mill-approvazzjoni tagħhom bħala sustanzi attivi regolari sabiex jiġi żgurat trattament ugwali u kompetizzjoni leali għas-sustanzi bażiċi kollha u għall-bdiewa kollha indipendentement mill-Istat Membru li huma bbażati fih.

introdotti fis-suq indipendentement mill-approvazzjoni tagħhom bħala sustanzi attivi regolari sabiex jiġi żgurat trattament ugwali u kompetizzjoni leali għas-sustanzi bażiċi kollha u għall-bdiewa kollha indipendentement mill-Istat Membru li huma bbażati fih.

Or. en

Emenda 204
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li tingħata spinta lill-produzzjoni tal-ikel billi jiġu razzjonalizzati l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tas-sustanzi u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u sabiex ikun hemm stampa ara tal-impatt ta' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda, il-Kummissjoni għandha, mill-inqas sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u kull sentejn wara dan, tipproduċi studju tal-impatt dwar l-effetti tiegħu, b'mod partikolari fuq id-disponibbiltà tas-sustanzi u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Jekk din il-valutazzjoni turi li l-objettivi segwiti minn dan ir-Regolament mhumiex qed jintlaħqu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, fi żmien sitt xhur, proposta leġiżlattiva biex tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u tadotta miżuri ta' simplifikazzjoni supplimentari.

Or. fr

Emenda 205
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Christine Singer, Olivier

Chastel, Michal Wiezik, Charles Goerens, Billy Kelleher, Barry Cowen, Elsi Katainen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex ***jistgħu*** jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku).	(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex ***jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa Ewropej u biex jiġi indirizzat l-appell tagħhom biex ikun hemm koerenza akbar bejn il-politiki kummerċjali, ambjentali u agrikoli Ewropej, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' reċiproċità sabiex jiġi żgurat li l-prodotti importati li ma jissodisfawx l-istandards Ewropej ma jiġux introdotti fis-suq Ewropew. Biex*** tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE***, is-sigurtà tal-ikel tagħha*** u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005***, wara valutazzjoni tal-impatt biex jiġi evalwat l-impatt fuq il-bdiewa u l-kompetittività tagħhom, il-katina tal-ikel u tal-għalf, l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem,*** jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li

għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż, ***li għandhom effetti negattivi fuq in-naħal jew li jakkumulaw fl-ilma ta' taħt l-art,*** l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex ***jenħtieġ li*** jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku) ***għall-ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem***. ***Għall-għalf, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew tal-limitu massimu tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti jekk il-valutazzjoni tal-impatt turi li tali miżura ma toħloqx tfixkil sproporzjonat fil-katina tal-provvista tal-għalf dment li r-residwi fl-għalf ma jirriżultawx f'residwi għall-ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem filwaqt li jitqies l-għarfien xjentifiku.***

---

6 Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

6 Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

Or. en

Emenda 206
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Viktória Ferenc, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom.	(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom.

Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ***ħabbret li se ssegwi*** allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju***, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE,*** li ***l-aktar pestiċidi*** perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali ***u***, ***jekk ikun xieraq***, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 ***jenħtieġ li*** diġà jiġi emendat biex jipprevedi li***, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku)***.

Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ***impenjat ruħha favur*** allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju li ***l-pestiċidi*** perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati***. L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-fatt ma kienx konsistenti mal-approċċ ibbażat fuq il-periklu tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Din l-inkonsistenza wasslet għaż-żamma tal-limiti massimi tar-residwi u t-tolleranzi tal-importazzjoni għal ċerti sustanzi pprojbiti għall-użu fl-Unjoni, għall-kuntrarju tal-istandards tas-saħħa u ambjentali tal-UE, filwaqt li ġew applikati regoli stretti ħafna dwar l-awtorizzazzjoni ta' sustanzi attivi, li żiedu l-kompetizzjoni inġusta***. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali, ***qabel ma*** tipproponi ***malajr*** emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 diġà ***se*** jiġi emendat biex jipprevedi li ***t-tnaqqis tal-MRLs u t-tolleranzi tal-importazzjoni għal-limitu ta' detezzjoni, ladarba sustanza attiva ma tibqax awtorizzata fl-UE, isir prinċipju ġenerali, bl-eċċezzjoni ta' kategorija ta' sustanzi maħsuba għall-għelejjel eżotiċi li l-UE ma tistax tiżgura l-produzzjoni tagħhom; u billi jipprevedi l-possibbiltà ta' miżuri eċċezzjonali għal ċerti sustanzi li jinvolvu ċerti setturi li huma dipendenti fuq l-importazzjoni, soġġett għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet biex tingħata spinta lill-produzzjoni Ewropea bl-għan li terġa' tibda tikber ekonomikament u niksbu indipendenza agrikola u tal-ikel bħala kwistjoni ta' urġenza***.

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj).

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj).

Or. fr

Emenda 207
Sander Smit, Jessika van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex	(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex

approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku).	approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku) ***jekk jitqies xieraq fid-dawl tal-eżitu ta' valutazzjoni tal-impatt***. ***Tali valutazzjoni tal-impatt għal kull sustanza trid tqis, b'mod partikolari, id-dipendenza tal-Unjoni mill-importazzjonijiet tal-materja prima agrikola kkonċernata, il-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-katina tal-ikel u tal-għalf tal-UE, inkluża l-vulnerabbiltà tagħha f'sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal tfixkil ġeopolitiku, l-effetti li jkollu t-tnaqqis tal-MRLs sal-limitu ta' kwantifikazzjoni fuq l-atturi kollha fil-katina tal-ikel u tal-għalf, bħal bdiewa li jaħdmu l-art u bdiewa li jrabbu l-bhejjem, negozjanti, proċessuri, bejjiegħa bl-imnut, fornituri ta' servizzi u konsumaturi, kif ukoll il-kompatibbiltà ta' tali miżuri mar-regoli tad-WTO.***
[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)	[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

Or. nl

Ġustifikazzjoni

Qabel ma t-tolleranza għall-importazzjoni (MRL) ta' sustanza perikoluża b'mod partikolari li ma ġietx approvata fl-UE titnaqqas sal-limitu ta' kwantifikazzjoni, trid titwettaq valutazzjoni tal-impatt għal kull sustanza. Din il-valutazzjoni se tqis id-dipendenza tal-UE mill-importazzjoni, l-impatt fuq il-katina kollha tal-ikel u tal-għalf (inkluża s-sensittività għall-kriżijiet), il-pożizzjoni kompetittiva u r-regoli tad-WTO, biex tiżgura li l-iffissar tal-livell għal żero ma jagħmilx ħsara mhux intenzjonata lill-kummerċ u lill-provvisti.

Emenda 208
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku).	(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku)***, jekk jitqies xieraq fid-dawl tal-eżitu ta' valutazzjoni tal-impatt speċifika għas-sustanza. Tali valutazzjoni għandha tqis, b'mod partikolari, id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni tal-komoditajiet agrikoli kkonċernati; l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet ta' reżiljenza tal-katina tal-provvista tal-ikel u tal-għalf tal-UE, inkluża l-vulnerabbiltà tagħha f'sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal tfixkil***

	ġeopolitiku; l-effetti tat-tnaqqis tal-MRLs għal-LOQ fuq l-atturi kollha fil-katina tal-provvista tal-ikel u tal-għalf, inklużi l-bdiewa li jkabbru l-għelejjel u dawk li jrabbu l-bhejjem, in-negozjanti, il-proċessuri, il-bejjiegħa bl-imnut, il-fornituri tas-servizzi u l-konsumaturi; kif ukoll il-kompatibbiltà ta' tali miżuri mar-regoli tad-WTO.
[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)	[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha titwettaq valutazzjoni tal-impatt qabel ma l-MRLs jitbaxxew għal-limitu ta' kwantifikazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-effetti fuq l-atturi kollha tal-katina tal-provvista tal-ikel u tal-għalf tal-UE u kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali rilevanti oħra.

Emenda 209
Asger Christensen, Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-	(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-

pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż i pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż i, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku).

pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż i pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż i, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku) ***jekk jitqies xieraq fid-dawl tal-eżitu ta' valutazzjoni tal-impatt***. ***Tali valutazzjoni tal-impatt fuq bażi ta' sustanza sustanza jenħtieġ li tqis, b'mod partikolari, id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni tal-komoditajiet agrikoli fil-mira, l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet tal-katina tal-provvista tal-ikel u tal-għalf tal-UE, inkluża l-vulnerabbiltà tagħha f'sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal disturbi ġeopolitiċi, l-effetti rispettivi tat-tnaqqis tal-MRLs għal-LOQ fuq l-atturi kollha tal-katina tal-provvista tal-ikel u tal-għalf, bħall-bdiewa li jkabbru l-għelejjel u dawk li jrabbu l-bhejjem, in-negozjanti, il-proċessuri, il-bejjiegħa bl-imnut, il-forniturituras-servizzi, u l-konsumaturi, kif ukoll il-kompatibbiltà ta' tali miżuri mar-regoli tad-WTO.***

---

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16,

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16,

ELI:
http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

ELI:
http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 3(4) tal-Omnibus dwar l-FFS, li jemenda l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, jagħmel it-tnaqqis soġġett għal żero tekniku tal-MRLS għal sustanzi perikoluż mhux awtorizzati fl-UE għal valutazzjoni tal-impatt li tista' tikkonkludi dwar l-adegwatezza ta' tali tnaqqis. Din il-kundizzjoni hija element essenzjali tal-proposta u għalhekk għandha tiġi riflessa fil-premessa 27.

Emenda 210
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti	(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti

proprjetajiet partikolarment perikoluży, l-MRLs li ġew stabbiliti abbaži ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku).

proprjetajiet partikolarment perikoluży, l-MRLs li ġew stabbiliti abbaži ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku) ***jekk jitqies xieraq fid-dawl tal-eżitu ta' valutazzjoni tal-impatt. Tali valutazzjoni tal-impatt fuq bażi ta' sustanza b'sustanza jenħtieġ li tqis, b'mod partikolari, id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni tal-komoditajiet agrikoli fil-mira, l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet tal-katina tal-provvista tal-ikel u tal-għalf tal-UE, inkluża l-vulnerabbiltà tagħha f'sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal disturbi ġeopolitiċi, l-effetti rispettivi tat-tnaqqis tal-MRLs għal-LOQ fuq l-atturi kollha tal-katina tal-provvista tal-ikel u tal-għalf, bħall-bdiewa li jkabbru l-għelejjel u dawk li jrabbu l-bhejjem, in-negozjanti, il-proċessuri, il-bejjiegħa bl-imnut, il-fornituri tas-servizzi, u l-konsumaturi, kif ukoll il-kompatibbiltà ta' tali miżuri mar-regoli tad-WTO.***

---

6 Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

6 Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

Or. en

Emenda 211
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6]	(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6]

jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku).

jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku). ***Is-sistema għall-applikazzjoni tal-limitu ta' kwantifikazzjoni stabbilit f'dan ir-Regolament jenħtieġ li ma tapplikax għall-materjali tal-għalf introdotti fis-suq biss għall-fini tal-għalf tal-annimali, sabiex jiġu pprevenuti pożijiet sproporzjonati u ostakli għall-kummerċ li jistgħu jiġu evitati. Il-monitoraġġ u l-ġestjoni tar-riskju ta' dawk il-materjali tal-għalf diġà huma żgurati minn rekwiżiti speċifiċi u mill-valutazzjoni downstream tat-trasferiment tar-residwi fi prodotti li joriġinaw mill-annimali.***

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta'

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta'

residwu ta’ pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)	residwu ta’ pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

Or. en

Emenda 212
Stefan Köhler, Norbert Lins, Andrea Wechsler, Lena Düpont

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta’ residwu (“MRL”) tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b’saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b’mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f’konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta’ saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta’ prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f’Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta’ prattiki agrikoli tajbin f’pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti	(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta’ residwu (“MRL”) tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b’saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b’mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f’konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta’ saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta’ prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f’Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta’ prattiki agrikoli tajbin f’pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti

fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku).	fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku) ***jew f'limitu ogħla, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt minn qabel. Il-valutazzjoni tal-impatt jenħtieġ li ssegwi kriterji speċifiċi filwaqt li tqis b'mod speċjali valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Awtorità dwar jekk l-MRLs sikuri (CXL jew GAP) jistgħux jiġu derivati, il-kompatibbiltà mar-rekwiżiti tad-WTO u tal-SPS, l-impatt fuq l-Istati Membri tal-UE kif ukoll fuq pajjiżi terzi, u l-ħtiġijiet tal-katina kollha tal-ikel u tal-għalf.***
[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)	[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

Or. en

Emenda 213
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali	(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali

tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni ***u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikoluż***, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex ***jistgħu*** jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku).

tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikoluż pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex ***jenħtieġ li*** jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku).

---

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj)

Or. en

Emenda 214
Céline Imart, Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom.	(27) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005[6] jistabbilixxi l-proċedura għad-definizzjoni tal-livelli massimi ta' residwu ("MRL") tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom.

Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikolużi pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li***, għal sustanzi li mhumiex approvati*** fl-Unjoni ***u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikolużi, l-MRLs li ġew stabbiliti abbażi ta' prattiki agrikoli tajbin f'pajjiżi terzi jew il-limiti massimi tal-Codex jistgħu jiġu stabbiliti fil-limitu tal-kwantifikazzjoni (żero tekniku)***.	Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-pestiċidi u se tistabbilixxi l-prinċipju, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE, li l-aktar pestiċidi perikolużi pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ta' saħħa u ambjentali jenħtieġ li ma jitħallewx lura fl-UE permezz ta' prodotti importati. Biex tavvanza fuq dan, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għall-qafas legali. Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li diġà jiġi emendat biex jipprevedi li ***t-tnaqqis tal-MRLs u tat-tolleranzi tal-importazzjoni (ITs) għal-limitu ta' detezzjoni, ladarba sustanza attiva ma tibqax awtorizzata*** fl-Unjoni ***Ewropea, isir prinċipju ġenerali. Jista' jiġi previst marġni ta' sigurtà biex jitqiesu r-residwi li jinsabu fl-ambjent fl-Ewropa***.
[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj).	[6] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj).

Or. fr

Emenda 215
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Fil-viżjoni tagħha għall-agrikoltura u għall-ikel, il-Kummissjoni ħabbret li se tistabbilixxi l-prinċipju li l-aktar prodotti perikoluż għall-protezzjoni tal-pjanti, li huma pprojbiti fl-Unjoni għal raġunijiet ambjentali u ta' saħħa, ma jerġgħux jidħlu fl-Unjoni permezz ta' prodotti importati. Dan il-prinċipju mhuwiex maħsub biss biex jipproteġi lill-konsumaturi, iżda wkoll biex jiżgura l-ekwivalenza tal-istandards tal-produzzjoni, u b'hekk l-ekwità fil-konfront tal-produtturi tal-Unjoni, li jissodisfaw l-ogħla standards madwar id-dinja. Huwa inaċċettabbli li n-negozji fi ħdan l-Unjoni jiġu mċaħħda minn sustanza attiva filwaqt li prodotti minn pajjiżi terzi, manifatturati bl-użu tal-istess sustanza, jitħallew jitqiegħdu fis-suq mingħajr restrizzjonijiet.

Or. de

Emenda 216
Esther Herranz García, Gabriel Mato, Raúl de la Hoz Quintano, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-produtturi tal-Unjoni u dawk f'pajjiżi terzi, u biex jiġu rrispettati l-objettivi ambjentali u tas-saħħa ambizzjużi tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat aktar il-prinċipju ta' reċiproċità fl-istandards tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni għandha, wara t-tlestija tal-valutazzjoni tal-impatt li għaddejja bħalissa, imnedija f'Novembru 2025, tevalwa l-ħtieġa li jiġu stabbiliti definizzjoni formali u qafas għar-

reċiproċità. Dan il-qafas jenħtieġ li jiżgura li l-prodotti importati jkunu soġġetti għal rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli fl-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-pestiċidi b'impatti ambjentali globali, bħal dawk li jaffettwaw il-bijodiversità u l-klima, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 217
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jikkostitwixxu elementi komplementari tal-qafas tal-Unjoni li jirregola l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u r-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk, id-deċiżjonijiet adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar l-approvazzjoni, in-nuqqas ta' tiġdid jew l-irtirar tal-approvazzjoni ta' sustanzi attivi jenħtieġ li jiġu riflessi kif xieraq fir-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi korrispondenti stabbiliti skont dan ir-Regolament filwaqt li tiġi ppreżervata l-bażi xjentifika tal-valutazzjonijiet tar-residwi.

Or. en

Emenda 218
Biljana Borzan, Christophe Clergeau, Gheorghe Cârciu, Annalisa Corrado, Romana Jerković, Maria Noichl, Tiemo Wölken, Delara Burkhardt, Kristian Vigenin, Sakis Arnaoutoglou, Thomas Bajada, Mohammed Chahim, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) L-istabbiliment u r-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi jenħtieġ li jiżguraw li l-protezzjoni tal-konsumatur tlaħħaq mal-iżviluppi xjentifiċi. Jenħtieġ li s-simplifikazzjoni regolatorja ma tnaqqasx il-frekwenza jew il-kwalità tar-rieżami xjentifiku. L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, f'konformità mal-Artikoli 114(3), 168 u 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 219
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 27b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27b) It-tnaqqis gradwali tas-sustanzi attivi disponibbli fl-Unjoni diġà poġġa piż sinifikanti fuq il-bdiewa tal-Unjoni u wassal għal nuqqasijiet fil-protezzjoni ta' ċerti għelejjel. Għalhekk, l-allinjament tar-rekwiżiti applikabbli għall-prodotti importati ma' dawk applikabbli fl-Unjoni ma jimponix piż addizzjonali fuq l-agrikoltura tal-Unjoni, iżda pjuttost jelimina distorsjoni tal-kompetizzjoni eżistenti għad-detriment tagħhom. Dan jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kompetittività u l-appoġġ għall-introjtu tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni u biex tiġi żgurata s-sovranità alimentari tal-Unjoni.

Or. de

Emenda 220
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 27b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27b) Meta sustanza attiva ma tibqax approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-livelli massimi ta' residwi korrispondenti jenħtieġ li jiġu rieżaminati mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li jitqiesu kif xieraq is-sejbiet xjentifiċi u l-kunsiderazzjonijiet regolatorji li fuqhom hija bbażata dik id-deċiżjoni filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Or. en

Emenda 221
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 27c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27c) Jekk, għal tliet snin konsekuttivi, l-ebda Stat Membru ma jagħti awtorizzazzjoni ta' emerġenza skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għal sustanza attiva mhux approvata fl-Unjoni, dan jikkostitwixxi evidenza oġġettiva u verifikabbli, miġbura b'mod uniformi madwar l-Unjoni, li ma għadx hemm ħtieġa agrikola għal dik is-sustanza attiva fl-Unjoni u li jeżistu alternattivi disponibbli fi ħdan l-Unjoni. F'dan il-każ, iż-żamma ta' livelli massimi għal prodotti importati abbażi tal-limiti massimi tal-Codex jew ta' prattika agrikola tajba f'pajjiżi terzi ma tibqax ġustifikata. Għalhekk, il-livelli massimi jenħtieġ li jitbaxxew b'mod awtomatiku sal-limitu ta' determinazzjoni, mingħajr

il-bżonn ta' deċiżjoni separata għal kull każ individwali.

Or. de

Emenda 222
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 27d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27d) L-agrikoltura tal-Unjoni trid tkun tista' tirreaġixxi għal organiżmi ta' ħsara ġodda, reżistenza, u xejriet ta' mard relatati mat-tibdil fil-klima. Jekk Stat Membru jerġa' jagħti awtorizzazzjoni ta' emerġenza skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 wara tnaqqis, dan juri li għal darb'oħra teżisti ħtieġa agrikola. F'każ bħal dan, il-livell massimu applikabbli qabel, li kien soġġett għal valutazzjoni tar-riskju mill-awtorità, jenħtieġ li jerġa' jidħol fis-seħħ b'mod awtomatiku. Altrimenti, issehħ sitwazzjoni assurda fejn il-produtturi fl-Unjoni jkunu jistgħu jużaw b'mod legali sustanza attiva iżda ma jkunux jistgħu jikkummerċjalizzaw il-ħsad tagħhom minħabba livell massimu mnaqqas għal żero. B'dan, il-mekkaniżmu huwa effettiv miż-żewġ naħat u jiżgura trattament ugwali tal-produzzjoni domestika u tal-importazzjonijiet.

Or. de

Emenda 223
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 27e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27e) Għas-sustanzi attivi li għandhom waħda jew aktar mill-proprjetajiet imsemmija fil-punti 3.6.2 sa 3.6.5, 3.7.1 sa 3.7.3 u 3.8.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, speċifikament proprjetajiet mutaġeniċi, karċinoġeniċi, tossiċi għar-riproduzzjoni u li jfixklu s-sistema endokrinali, kif ukoll persistenza, bijoakkumulazzjoni u tossiċità, mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit livell sigur ta' esponiment. Għal dawn is-sustanzi attivi, it-tnaqqis sal-limitu ta' determinazzjoni jenħtieġ li jkun obbligatorju u permanenti; għandha tiġi eskluża l-possibbiltà li l-limitu jerġa' jiżdied wara awtorizzazzjoni ta' emerġenza mġedda. Il-possibbiltà ta' deċiżjoni każ b'każ ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt, kif proposta mill-Kummissjoni, ma tissodisfax il-livell ta' protezzjoni li l-Unjoni stabbiliet għaliha nnifisha.

Or. de

Emenda 224
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 27f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27f) Livell massimu stabbilit fil-limitu ta' determinazzjoni jkun effettiv biss jekk il-konformità miegħu tiġi mmonitorjata b'mod effettiv għall-prodotti importati. Ir-rati attwali ta' kampjunar għall-importazzjonijiet mhumiex biżżejjed għal dan il-għan. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu obbligati jinkludu fil-programmi ta' kontroll nazzjonali tagħhom għadd minimu ta' kampjuni mill-importazzjonijiet, li mill-inqas ikunu jikkorrispondu għas-sehem tal-

importazzjonijiet fil-konsum tal-prodotti rispettivi, u jagħmlu r-riżultati disponibbli għall-pubbliku kull sena.

Or. de

Emenda 225
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 27g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27g) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq il-kriterji xjentifiċi ta' periklu tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u fuq sejbiet verifikabbli b'mod oġġettiv rigward in-nuqqas ta' ħtieġa agrikola fl-Unjoni. Dawn japplikaw bl-istess mod għall-prodotti mill-Unjoni u għall-prodotti importati u għalhekk ma joħolqux diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali. Sabiex is-sħab kummerċjali tal-Unjoni jkunu jistgħu jagħmlu aġġustament ordnat, it-tnaqqis jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn perjodi ta' tranżizzjoni xierqa u jiġi notifikat lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fi żmien xieraq.

Or. de

Emenda 226
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Dan jikkonċerna sustanzi bi proprjetajiet mutaġeniċi, karċinoġeniċi jew	(28) Dan jikkonċerna sustanzi bi proprjetajiet mutaġeniċi, karċinoġeniċi jew

reprotossiċi kif ukoll interferenti endokrinali li ***jistgħu*** jikkawżaw effetti negattivi fil-bnedmin. Għalhekk, jenħtieġ li ma jkun permess l-ebda livell ta' residwi li jwassal għall-esponiment tal-konsumaturi sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi fl-Unjoni.	reprotossiċi kif ukoll interferenti endokrinali li jikkawżaw effetti negattivi fil-bnedmin. Għalhekk, jenħtieġ li ma jkun permess l-ebda livell ta' residwi li jwassal għall-esponiment tal-konsumaturi sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi fl-Unjoni.
	Or. ro

Emenda 227
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Barra minn hekk, dan jikkonċerna sustanzi li huma pollutanti organiċi persistenti (POP), sustanzi persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi (PBT), u sustanzi b'persistenza għolja u bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB), kif ukoll sustanzi bi proprjetajiet ta' tfixkil tas-sistema endokrinali li jistgħu jikkawżaw effett negattiv f'organiżmi mhux fil-mira. Is-sustanzi persistenti, min-natura tagħhom stess, jirreżistu d-degradazzjoni, li jirriżultaw fi preżenza fit-tul fl-ambjent. L-akkumulazzjoni tagħhom toħloq theddida sinifikanti għall-ekosistemi, u tipperikola l-bijodiversità, il-produzzjoni agrikola u s-sigurtà tal-ikel. L-interferenti endokrinali, bl-istess mod, jinterferixxu mas-sistemi ormonali tal-organiżmi ħajjin, u jikkawżaw effetti detrimentali mhux biss għal speċijiet individwali, inklużi speċijiet migratorji, iżda wkoll għal ekosistemi sħaħ bejn il-fruntieri nazzjonali. Għalhekk, dawn is-sustanzi joħolqu tħassib ambjentali ta' natura globali li għandu konnessjoni mat-territorju tal-Unjoni. Il fatt li ma jiġux permessi residwi ta' dawn is-sustanzi fl-ikel fl-Unjoni jallinja mal-isforzi internazzjonali għall-	***imħassar***

ġlieda kontra t-tniġġis u jappoġġa inizjattivi globali mmirati lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-konservazzjoni tal-bijodiversità[7].

---

*[7] **Stockholm Convention on Persistent Organic Pollutants (POPs), https://www.pops.int/; Convention on Biological Diversity, https://www.cbd.int/***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Il-Premessa 29 għandha titħassar għax tintroduċi prinċipju bbażat fuq il-periklu ta' "ebda esponiment" li mhuwiex kompatibbli mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u l-esponiment li fuqu huwa bbażat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005. Dan l-approċċ huwa wkoll inkompatibbli mal-Artikolu 5 tal-Ftehim SPS tad-WTO.

Emenda 228
Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Pascal Canfin, Karin Karlsbro, Michal Wiezik, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Barra minn hekk, dan jikkonċerna sustanzi li huma pollutanti organiċi persistenti (POP), sustanzi persistenti, ***bijoakkumulattivi u*** tossiċi (PBT), u sustanzi b'persistenza għolja u bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB), kif ukoll sustanzi bi proprjetajiet ta' tfixkil tas-sistema endokrinali li jistgħu jikkawżaw ***effett negattiv*** f'organiżmi mhux fil-mira. Is-sustanzi persistenti, min-natura tagħhom stess, jirreżistu d-degradazzjoni, li jirriżultaw fi preżenza fit-tul fl-ambjent. L-akkumulazzjoni tagħhom toħloq theddida sinifikanti għall-ekosistemi, u tipperikola l-bijodiversità, il-produzzjoni agrikola u s-sigurtà tal-ikel. L-interferenti endokrinali, bl-istess mod, jinterferixxu mas-sistemi ormonali tal-organiżmi ħajjin, u jikkawżaw	(29) Barra minn hekk, dan jikkonċerna sustanzi li huma pollutanti organiċi persistenti (POP), sustanzi persistenti, ***tħassib dwar sustanzi*** tossiċi (PBT), u sustanzi b'persistenza għolja u bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB), kif ukoll sustanzi bi proprjetajiet ta' tfixkil tas-sistema endokrinali li jistgħu jikkawżaw ***effetti negattivi*** f'organiżmi mhux fil-mira. Is-sustanzi persistenti, min-natura tagħhom stess, jirreżistu d-degradazzjoni, li jirriżultaw fi preżenza fit-tul fl-ambjent. L-akkumulazzjoni tagħhom toħloq theddida sinifikanti għall-ekosistemi, u tipperikola l-bijodiversità, ***il-popolazzjonijiet tad-dakkara,*** il-produzzjoni agrikola u s-sigurtà tal-ikel***. B'mod partikolari, is-sustanzi attivi li għandhom effetti***

effetti detrimentali mhux biss għal speċijiet individwali, inklużi speċijiet migratorji, iżda wkoll għal ekosistemi sħaħ bejn il-fruntieri nazzjonali. Għalhekk, dawn is-sustanzi joħolqu tħassib ambjentali ta' natura globali li għandu konnessjoni mat-territorju tal-Unjoni. Il fatt li ma jiġux permessi residwi ta' dawn is-sustanzi fl-ikel fl-Unjoni jallinja mal-isforzi internazzjonali għall-ġlieda kontra t-tniġġis u jappoġġa inizjattivi globali mmirati lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-konservazzjoni tal-bijodiversità[7].

inaċċettabbli fuq in-naħal jew fuq is-sopravivenza jew l-iżvilupp tal-kolonji tagħhom jagħtu lok għal tħassib serju, minħabba r-rikonoxximent dejjem akbar madwar id-dinja li t-tnaqqis tal-pollinaturi jikkostitwixxi theddida kritika għall-bijodiversità, għar-reżiljenza tal-ekosistema u għas-sigurtà globali tal-ikel, u minħabba r-rwol essenzjali li għandhom il-pollinaturi fiż-żamma tal-produttività agrikola. L-interferenti endokrinali, bl-istess mod, jinterferixxu mas-sistemi ormonali tal-organiżmi ħajjin, u jikkawżaw effetti detrimentali mhux biss għal speċijiet individwali, inklużi speċijiet migratorji, iżda wkoll għal ekosistemi sħaħ bejn il-fruntieri nazzjonali***. Barra minn hekk, dan jikkonċerna sustanzi attivi li għalihom il-kundizzjonijiet normali tal-użu jwasslu għal konċentrazzjoni tas-sustanza attiva, jew tal-metaboliti, il-prodotti ta' degradazzjoni jew ta' reazzjoni tagħha, fl-ilma ta' taħt l-art jew fl-ilma tal-wiċċ f'livell li ma jikkonformax mal-kriterji tal-approvazzjoni għas-sustanzi attivi. Spiss ikun diffiċli, u f'xi każijiet impossibbli, li l-kontaminazzjoni tal-ilma minn sustanzi bħal dawn titreġġa' lura. Meta sseħħ kontaminazzjoni, il-kostijiet li jirriżultaw mit-trattament u mill-purifikazzjoni tal-ilma, meħtieġa biex l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jew għall-użu ambjentali jerġa' lura għal standard sikur, tipikament jiġġarrbu mill-awtoritajiet pubbliċi, mill-utilitajiet tal-ilma u, fl-aħħar mill-aħħar, mill-konsumaturi u mill-kontribwenti, aktar milli mill-operaturi li jintroduċu s-sustanzi fis-suq. Huwa għalhekk meħtieġ li tali kontaminazzjoni tiġi pprevenuta f'ras il-għajn***. Għalhekk, dawn is-sustanzi joħolqu tħassib ambjentali ta' natura globali li għandu konnessjoni mat-territorju tal-Unjoni. Il fatt li ma jiġux permessi residwi ta' dawn is-sustanzi fl-ikel fl-Unjoni jallinja mal-isforzi internazzjonali għall-ġlieda kontra t-tniġġis u jappoġġa inizjattivi globali mmirati lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-konservazzjoni tal-

bijodiversità.

[7] Stockholm Convention on Persistent Organic Pollutants (POPs), https://www.pops.int/; Convention on Biological Diversity, https://www.cbd.int/

[7] Stockholm Convention on Persistent Organic Pollutants (POPs), https://www.pops.int/; Convention on Biological Diversity, https://www.cbd.int/

Or. en

Emenda 229
Martine Kemp

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) Għall-finijiet ta' koerenza, u sabiex ma jiġux imminati l-isforzi li diġà saru fl-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, huwa importanti li jiġi applikat approċċ strett għar-residwi fil-prodotti importati, f'konformità mal-obbligi internazzjonali. L-għan huwa l-protezzjoni mtejba tas-saħħa tal-konsumatur u l-kompetizzjoni leali għall-bdiewa. Għalhekk, jenħtieġ li tkun meħtieġa valutazzjoni tal-impatt każ b'każ biex tiġġustifika ż-żamma jew l-istabbiliment ta' MRL tal-importazzjoni li jenħtieġ li fl-ebda ċirkostanza ma jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-esponiment tal-konsumatur. Tali miżura ma tapplikax għal sustanzi li jibqgħu approvati fil-livell Ewropew, inklużi dawk approvati fuq bażi derogatorja. Id-deċiżjoni dwar l-iffissar jew it-tnaqqis tal-MRLs jenħtieġ li tqis, minbarra l-valutazzjoni tar-riskju tal-Awtorità, valutazzjoni tal-impatt fuq il-katina alimentari u tal-għalf fl-Istati Membri, f'konformità mal-obbligi internazzjonali, b'mod partikolari l-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 u l-Ftehim dwar il-Miżuri Sanitarji u

Fitosanitarji.

Or. en

Emenda 230
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) Meta sustanza attiva ma tiġix approvata, jew meta l-approvazzjoni tagħha tiġi rtirata jew ma tiġġeddidx skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-livelli massimi ta' residwi korrispondenti jenħtieġ li jiġu allinjati mal-istatus regolatorju ta' dik is-sustanza attiva. Għalhekk, il-livelli massimi ta' residwi korrispondenti jenħtieġ li jiġu emendati għall-valur imsemmi fl-Artikolu 18(1)(b), sakemm ċirkostanzi speċifiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 ma jiġġustifikawx iż-żamma ta' valur ieħor. Peress li tali emendi jirriżultaw minn deċiżjoni regolatorja diġà adottata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u ma jikkostitwux valutazzjoni xjentifika ġdida tar-riskji li jirriżultaw mir-residwi, jenħtieġ li ma tkun meħtieġa l-ebda opinjoni separata tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għal dak l-għan.

Or. en

Emenda 231
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Skont il-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Applikazzjoni tal-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, jenħtieġ li l-miżuri li jaffettwaw il-limiti massimi ta' residwi jkunu bbażati fuq prinċipji xjentifiċi u valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li jqisu l-istandards internazzjonali rilevanti, inklużi l-limiti massimi ta' residwi tal-Codex, u jenħtieġ li ma jirrestrinġux il-kummerċ aktar milli meħtieġ biex jinkiseb il-livell xieraq ta' protezzjoni tal-Unjoni. Meta l-Unjoni tqis li huwa neċessarju li tiddevja minn limitu massimu ta' residwi tal-Codex jew minn livell massimu ta' residwi bbażat fuq prattiki agrikoli tajba implimentati f'pajjiż terz, jenħtieġ li d-deċiżjoni tkun trasparenti, ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju u proporzjonata għal-livell ta' riskju.

Or. ro

Emenda 232
Raffaele Stancanelli, Silvia Sardone, Isabella Tovaglieri, Mireia Borrás Pabón, Anne-Sophie Frigout, Marie-Luce Brasier-Clain, Roman Haider, Gilles Pennelle, Ton Diepeveen

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Filwaqt li l-bdiewa tal-Unjoni huma meħtieġa jikkonformaw ma' standards stretti tal-produzzjoni, il-prodotti agrikoli importati minn pajjiżi terzi fl-Unjoni jista' jkun fihom residwi ta' sustanzi pprojbiti fl-Unjoni, skont it-tolleranzi tal-importazzjoni li jistabbilixxu l-livelli massimi ta' residwi (MRLs). Din is-sitwazzjoni tpoġġi lill-produtturi tal-Unjoni fi żvantaġġ kompetittiv, u ddgħajjef il-kompetizzjoni leali u l-objettiv

tar-reċiproċità. Għalhekk, jenħtieġ li t-tolleranzi għall-importazzjoni li jistabbilixxu l-MRLs għas-sustanzi attivi li ma jibqgħux approvati fl-Unjoni ma jibqgħux jingħataw.

Or. en

Emenda 233
Anne-Sophie Frigout, Gilles Pennelle, Marie-Luce Brasier-Clain, Mireia Borrás Pabón, Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Meta jitnaqqsu l-MRLs skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005, jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu ***raġonevoli*** qabel ma jsiru applikabbli l-MRLs il-ġodda, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti l-ġodda. Huwa rikonoxxut li l-prodotti friski, billi jitħassru malajr, tipikament jinbiegħu u jiġu kkonsmati qabel id-data tal-applikabbiltà ta' MRLs ġodda. Madankollu, il-prodotti b'ħajja fuq l-ixkaffa estiża, spiss ipproċessati, xorta jistgħu jkunu fis-suq meta l-MRLs il-ġodda aktar baxxi jsiru effettivi. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex jiġi evitat telf ekonomiku bla bżonn għall-bdiewa u għall-operaturi tan-negozju tal-ikel, kif ukoll biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel, huwa meqjus proporzjonat li l-prodotti introdotti legalment fis-suq fl-Unjoni qabel id-data applikabbli tal-miżura l-ġdida, u konformi mal-MRLs validi fiż-żmien tal-introduzzjoni tagħhom fis-suq fl-Unjoni, jenħtieġ li jitħallew jibqgħu fis-suq sakemm is-sikurezza tal-ikel ma tiġix kompromessa.	(31) Meta jitnaqqsu l-MRLs skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005, jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu qabel ma jsiru applikabbli l-MRLs il-ġodda, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti l-ġodda. Huwa rikonoxxut li l-prodotti friski, billi jitħassru malajr, tipikament jinbiegħu u jiġu kkonsmati qabel id-data tal-applikabbiltà ta' MRLs ġodda. Madankollu, il-prodotti b'ħajja fuq l-ixkaffa estiża, spiss ipproċessati, xorta jistgħu jkunu fis-suq meta l-MRLs il-ġodda aktar baxxi jsiru effettivi. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex jiġi evitat telf ekonomiku bla bżonn għall-bdiewa u għall-operaturi tan-negozju tal-ikel, kif ukoll biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel, huwa meqjus proporzjonat li l-prodotti introdotti legalment fis-suq fl-Unjoni qabel id-data applikabbli tal-miżura l-ġdida, u konformi mal-MRLs validi fiż-żmien tal-introduzzjoni tagħhom fis-suq fl-Unjoni, jenħtieġ li jitħallew jibqgħu fis-suq sakemm is-sikurezza tal-ikel ma tiġix kompromessa. ***F'konformità mal-prinċipju tat-tnaqqis tal-limitu ta' kwantifikazzjoni (żero tekniku) għall-prodotti importati li fihom residwi ta' sustanzi attivi pprojbiti fl-UE, se jkun***

meħtieġ għalhekk li jitħalla żmien raġonevoli biex il-prodotti diġà importati qabel it-tnaqqis jibqgħu kummerċjabbli għal perjodu partikolari u b'hekk jiġu evitati kwalunkwe destabbilizzazzjoni eċċessiva tal-katina alimentari u l-ħela tal-ikel.

Or. fr

Emenda 234
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) ***Meta jitnaqqsu l-MRLs skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005, jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma jsiru applikabbli l-MRLs il-ġodda, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti l-ġodda. Huwa rikonoxxut li l-prodotti friski, billi jitħassru malajr, tipikament jinbiegħu u jiġu kkonsmati qabel id-data tal-applikabbiltà ta' MRLs ġodda**. ***Madankollu,*** il-prodotti ***b'ħajja fuq l-ixkaffa estiża, spiss ipproċessati, xorta jistgħu jkunu fis-suq meta l-MRLs il-ġodda aktar baxxi jsiru effettivi. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex jiġi evitat telf ekonomiku bla bżonn għall-bdiewa u għall-operaturi tan-negozju tal-ikel, kif ukoll biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel, huwa meqjus proporzjonat li l-prodotti introdotti legalment fis-suq fl-Unjoni qabel id-data applikabbli tal-miżura l-ġdida, u konformi mal-MRLs validi fiż-żmien tal-introduzzjoni tagħhom fis-suq fl-Unjoni, jenħtieġ li jitħallew*** jibqgħu fis-suq ***sakemm is-sikurezza tal-ikel ma tiġix kompromessa***.	(31) ***Il-livelli massimi ta' residwi huma stabbiliti biex jipproteġu lill-konsumaturi mill-esponiment għar-residwi tal-pestiċidi fl-ikel. Meta l-livelli massimi ta' residwi jitnaqqsu għal raġunijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza, inkluża data tossikoloġika li tkun għadha kif ġiet identifikata jew valutazzjonijiet riveduti tal-esponiment, il-protezzjoni tal-konsumatur tikkostitwixxi l-kunsiderazzjoni primarja u tieħu preċedenza fuq l-interessi ekonomiċi***. Il-prodotti ***li ma jibqgħux jikkonformaw mal-livelli massimi attwali ta' residwi stabbiliti għal raġunijiet ta' sikurezza ma għandhomx*** jibqgħu fis-suq ***lil hinn mill-perjodu minimu strettament meħtieġ għall-irtirar tagħhom***.

Or. en

Emenda 235
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Meta jitnaqqsu l-MRLs skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005, jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma jsiru applikabbli l-MRLs il-ġodda, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti l-ġodda. Huwa rikonoxxut li l-prodotti friski, billi jitħassru malajr, tipikament jinbiegħu u jiġu kkonsmati qabel id-data tal-applikabbiltà ta' MRLs ġodda. Madankollu, il-prodotti b'ħajja fuq l-ixkaffa estiża, spiss ipproċessati, xorta jistgħu jkunu fis-suq meta l-MRLs il-ġodda aktar baxxi jsiru effettivi. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex jiġi evitat telf ekonomiku bla bżonn għall-bdiewa u għall-operaturi tan-negozju tal-ikel, kif ukoll biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel, huwa meqjus proporzjonat li l-prodotti introdotti legalment fis-suq fl-Unjoni qabel id-data applikabbli tal-miżura l-ġdida, u konformi mal-MRLs validi fiż-żmien tal-introduzzjoni tagħhom fis-suq fl-Unjoni, jenħtieġ li jitħallew jibqgħu fis-suq sakemm is-sikurezza tal-ikel ma tiġix kompromessa.	(31) Meta jitnaqqsu l-MRLs skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005, jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma jsiru applikabbli l-MRLs il-ġodda, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti l-ġodda. Huwa rikonoxxut li l-prodotti friski, billi jitħassru malajr, tipikament jinbiegħu u jiġu kkonsmati qabel id-data tal-applikabbiltà ta' MRLs ġodda. Madankollu, il-prodotti b'ħajja fuq l-ixkaffa estiża, spiss ipproċessati, xorta jistgħu jkunu fis-suq meta l-MRLs il-ġodda aktar baxxi jsiru effettivi. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex jiġi evitat telf ekonomiku bla bżonn għall-bdiewa u għall-operaturi tan-negozju tal-ikel, kif ukoll biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel, huwa meqjus proporzjonat li l-prodotti introdotti legalment fis-suq fl-Unjoni qabel id-data applikabbli tal-miżura l-ġdida, u konformi mal-MRLs validi fiż-żmien tal-introduzzjoni tagħhom fis-suq fl-Unjoni, jenħtieġ li jitħallew jibqgħu fis-suq sakemm is-sikurezza tal-ikel ma tiġix kompromessa***, għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur***.

Or. en

Emenda 236
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) ***L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jistabbilixxi l-proċedura għall-istabbiliment ta' MRLs temporanji bbażati fuq data ta' monitoraġġ, b'rieżami obbligatorju skedat fi żmien speċifikat, li ma jaqbiżx l-10 snin. Madankollu, ċerti MRLs ibbażati*** fuq data ta' monitoraġġ ***jappartjenu għal*** sustanzi ***attivi*** li ***ma ġewx*** approvati fl-Unjoni ***għal diversi deċennji, u li għalihom il-livelli*** ta' residwi ***baqgħu stabbli*** maż-żmien. ***Ir-rieżami ta' tali MRLs temporanji kull 10 snin jimponi piż bla bżonn fuq l-Istati Membri, fuq l-operaturi tan-negozju tal-ikel, u fuq l-Awtorità f'termini ta' ġenerazzjoni u analiżi tad-data. Minħabba li l-MRLs jistgħu jiġu rieżaminati fi kwalunkwe ħin skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, huwa xieraq li jiġi previst l-istabbiliment ta' MRLs abbażi ta' data ta' monitoraġġ fuq bażi permanenti.***	(32) ***Il-livelli massimi ta' residwi bbażati*** fuq data ta' monitoraġġ ***iservu biex jillimitaw l-esponiment tal-konsumatur għar-residwi ta'*** sustanzi li ***ma għadhomx*** approvati ***għall-użu*** fl-Unjoni***. Il-bażi xjentifika għal dawn il-limiti trid tirrifletti l-aħjar evidenza disponibbli dwar il-livelli ta' esponiment u l-effetti fit-tul fuq is-saħħa. Kwalunkwe rieżami tal-qafas proċedurali li jirregola dawn il-limiti jrid jippreżerva l-obbligu li jiġu aġġornati filwaqt li jitqies għarfien tossikoloġiku ġdid u ma jridx inaqqas l-inċentiv li jiġu mminimizzati l-livelli*** ta' residwi maż-żmien.

Or. en

Emenda 237
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Christine Singer, Olivier Chastel, Andreas Glück, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jistabbilixxi l-proċedura għall-istabbiliment ta' MRLs temporanji bbażati fuq data ta' monitoraġġ, b'rieżami obbligatorju skedat fi żmien speċifikat, li ma jaqbiżx l-10 snin. Madankollu, ċerti	(32) L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jistabbilixxi l-proċedura għall-istabbiliment ta' MRLs temporanji bbażati fuq data ta' monitoraġġ, b'rieżami obbligatorju skedat fi żmien speċifikat, li ma jaqbiżx l-10 snin. Madankollu, ċerti

MRLs ibbażati fuq data ta' monitoraġġ jappartjenu għal sustanzi attivi li ma ġewx approvati fl-Unjoni għal diversi deċennji, u li għalihom il-livelli ta' residwi baqgħu stabbli maż-żmien. Ir-rieżami ta' tali MRLs temporanji kull 10 snin jimponi piż bla bżonn fuq l-Istati Membri, fuq l-operaturi tan-negozju tal-ikel, u fuq l-Awtorità f'termini ta' ġenerazzjoni u analiżi tad-data. Minħabba li l-MRLs jistgħu jiġu rieżaminati fi kwalunkwe ħin skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, huwa xieraq li jiġi previst l-istabbiliment ta' MRLs abbażi ta' data ta' monitoraġġ fuq bażi permanenti.	MRLs ibbażati fuq data ta' monitoraġġ jappartjenu għal sustanzi attivi li ma ġewx approvati fl-Unjoni għal diversi deċennji, u li għalihom il-livelli ta' residwi baqgħu stabbli maż-żmien. Ir-rieżami ta' tali MRLs temporanji kull 10 snin jimponi piż bla bżonn fuq l-Istati Membri, fuq l-operaturi tan-negozju tal-ikel, u fuq l-Awtorità f'termini ta' ġenerazzjoni u analiżi tad-data. Minħabba li l-MRLs jistgħu jiġu rieżaminati fi kwalunkwe ħin skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, huwa xieraq li jiġi previst l-istabbiliment ta' MRLs abbażi ta' data ta' monitoraġġ fuq bażi permanenti.

Or. en

Emenda 238
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[8] jistabbilixxi l-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi bijoċidali u l-awtorizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali. It-tlestija tal-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi bijoċidali eżistenti stabbilit fl-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament hija mdewma b'mod sinifikanti. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddedikaw ir-riżorsi tagħhom għat-tlestija tal-programm ta' rieżami, huwa xieraq li tiġi stabbilita durata illimitata għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, ħlief għal sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament peress li dawk għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, u	***imħassar***

ħlief għal sustanzi attivi li għalihom il-limiti ta' żmien tal-approvazzjonijiet jitqiesu meħtieġa fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. L-approvazzjoni ta' sustanzi attivi diġà approvati jenħtieġ li jiġu kkonvertiti f'approvazzjonijiet illimitati skont dawn ir-regoli l-ġodda, ħlief għal sustanzi attivi identifikati bħala li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew ta' sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament, sustanzi attivi li għalihom diġà beda l-eżami tat-tiġdid li għalihom l-evalwazzjoni tat-tiġdid jenħtieġ li tkompli jew li għalihom l-approvazzjoni jenħtieġ li tiskadi meta ma tkun ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni sal-iskadenza. Jenħtieġ li tiġi prevista possibbiltà li l-Kummissjoni tagħżel perjodikament għadd ta' sustanzi attivi abbażi ta' kriterji speċifiċi li għalihom għandha tiġi attivata proċedura ta' tiġdid, filwaqt li tinżamm ukoll il-possibbiltà li jinbdew rieżamijiet bikrija skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Il-kriterji għall-għażla ta' sustanzi attivi soġġetti għall-proċedura ta' tiġdid jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida ġodda jew aġġornati rilevanti tad-data, indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u data ta' monitoraġġ disponibbli, u jistgħu jqisu t-talbiet mill-Istati Membri.

---

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj)

Or. en

Emenda 239
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[8] jistabbilixxi l-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi bijoċidali u l-awtorizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali. It-tlestija tal-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi bijoċidali eżistenti stabbilit fl-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament hija mdewma b'mod sinifikanti. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri ***jkunu jistgħu*** jiddedikaw ir-riżorsi tagħhom għat-tlestija tal-programm ta' rieżami, huwa xieraq li tiġi ***stabbilita durata illimitata għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, ħlief għal sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament peress li dawk għandhom proprjetajiet li huma ta' thassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, u ħlief għal sustanzi attivi li għalihom il-limiti ta' żmien tal-approvazzjonijiet jitqiesu meħtieġa fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. L-approvazzjoni ta' sustanzi attivi diġà approvati jenħtieġ li jiġu kkonvertiti f'approvazzjonijiet illimitati skont dawn ir-regoli l-ġodda, ħlief għal sustanzi attivi identifikati bħala li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew ta' sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament, sustanzi attivi li għalihom diġà beda l-eżami tat-tiġdid li għalihom l-evalwazzjoni tat-tiġdid jenħtieġ li tkompli jew li għalihom l-approvazzjoni jenħtieġ li tiskadi meta ma tkun ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni sal-iskadenza. Jenħtieġ li tiġi prevista possibbiltà li l-Kummissjoni tagħżel perjodikament**	(34) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[8] jistabbilixxi l-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi bijoċidali u l-awtorizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali. It-tlestija tal-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi bijoċidali eżistenti stabbilit fl-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament hija mdewma b'mod sinifikanti. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jiddedikaw ir-riżorsi tagħhom għat-tlestija tal-programm ta' rieżami, huwa xieraq li tiġi ***revokata l-possibbiltà*** li ***jiġu estiżi l-approvazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet.***

għadd ta' sustanzi attivi abbażi ta' kriterji speċifiċi li għalihom għandha tiġi attivata proċedura ta' tiġdid, filwaqt li tinżamm ukoll il-possibbiltà li ***jinbdew rieżamijiet bikrija skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Il-kriterji għall-għażla ta' sustanzi attivi soġġetti għall-proċedura ta' tiġdid jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida ġodda jew aġġornati rilevanti tad-data, indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u data ta' monitoraġġ disponibbli, u jistgħu jqisu t-talbiet mill-Istati Membri.***

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj)

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj)

Or. en

Emenda 240
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[8] jistabbilixxi l-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi bijoċidali u l-awtorizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali. It-tlestija tal-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi bijoċidali eżistenti stabbilit fl-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament hija mdewma b'mod sinifikanti. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddedikaw ir-riżorsi tagħhom għat-tlestija tal-programm ta' rieżami, huwa xieraq li tiġi stabbilita	(34) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[8] jistabbilixxi l-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi bijoċidali u l-awtorizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali. It-tlestija tal-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi bijoċidali eżistenti stabbilit fl-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament hija mdewma b'mod sinifikanti. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddedikaw ir-riżorsi tagħhom għat-tlestija tal-programm ta' rieżami, huwa xieraq li tiġi stabbilita

durata illimitata ***għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, ħlief*** għal sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament peress li dawk għandhom proprjetajiet li huma ta' ħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, u ħlief għal sustanzi attivi li għalihom il-limiti ta' żmien tal-approvazzjonijiet jitqiesu meħtieġa fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. L-approvazzjoni ta' sustanzi attivi diġà approvati jenħtieġ li ***jiġu kkonvertiti f'approvazzjonijiet illimitati skont dawn ir-regoli l-ġodda, ħlief għal sustanzi attivi identifikati bħala li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew ta' sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament, sustanzi attivi li għalihom diġà beda l-eżami tat-tiġdid li għalihom l-evalwazzjoni tat-tiġdid jenħtieġ li tkompli jew li għalihom l-approvazzjoni jenħtieġ li tiskadi meta ma tkun ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni sal-iskadenza. Jenħtieġ li tiġi prevista possibbiltà li l-Kummissjoni tagħżel perjodikament għadd ta' sustanzi attivi abbażi ta' kriterji speċifiċi li għalihom għandha tiġi attivata proċedura ta' tiġdid, filwaqt li tinżamm ukoll*** il-possibbiltà li jinbdew rieżamijiet bikrija skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012***. Il-kriterji għall-għażla ta' sustanzi attivi soġġetti għall-proċedura ta' tiġdid jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida ġodda jew aġġornati rilevanti tad-data, indikazzjonijiet ta' ħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u data ta' monitoraġġ disponibbli, u jistgħu jqisu t-talbiet*** mill-Istati Membri.

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu

approvazzjoni illimitata ***għas-sustanzi fl-Anness I. Jenħtieġ li dan ma japplika qatt*** għal sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament peress li dawk għandhom proprjetajiet li huma ta' ħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, u ħlief għal sustanzi attivi li għalihom il-limiti ta' żmien ***iqsar*** tal-approvazzjonijiet jitqiesu meħtieġa fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. L-approvazzjoni ta' sustanzi attivi diġà approvati ***li mhumiex koperti fl-Anness I*** jenħtieġ li ***ssegwi l-proċedura eżistenti ta' approvazzjoni mill-ġdid. Il-Kummissjoni żżomm*** il-possibbiltà li jinbdew rieżamijiet bikrija skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ***u l-Kummissjoni għandha tqis it-talbiet*** mill-Istati Membri.

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu

tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj)	tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj)

Or. en

Emenda 241
Céline Imart, Stefan Köhler, Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[8] jistabbilixxi l-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi bijoċidali u l-awtorizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali. It-tlestija tal-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi bijoċidali eżistenti stabbilit fl-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament hija mdewma b'mod sinifikanti. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddedikaw ir-riżorsi tagħhom għat-tlestija tal-programm ta' rieżami, huwa xieraq li tiġi stabbilita durata illimitata għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, ħlief għal sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament peress li dawk għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, u ħlief għal sustanzi attivi li għalihom il-limiti ta' żmien tal-approvazzjonijiet jitqiesu meħtieġa fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. L-approvazzjoni ta' sustanzi attivi diġà approvati jenħtieġ li jiġu kkonvertiti f'approvazzjonijiet illimitati skont dawn ir-regoli l-ġodda, ħlief għal sustanzi attivi identifikati bħala li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew ta' sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament, sustanzi attivi li għalihom diġà beda l-eżami tat-tiġdid li	(34) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[8] jistabbilixxi l-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi bijoċidali u l-awtorizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali. It-tlestija tal-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi bijoċidali eżistenti stabbilit fl-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament hija mdewma b'mod sinifikanti. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddedikaw ir-riżorsi tagħhom għat-tlestija tal-programm ta' rieżami, huwa xieraq li tiġi stabbilita durata illimitata għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, ħlief għal sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament peress li dawk għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, u ħlief għal sustanzi attivi li għalihom il-limiti ta' żmien tal-approvazzjonijiet jitqiesu meħtieġa fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. L-approvazzjoni ta' sustanzi attivi diġà approvati jenħtieġ li jiġu kkonvertiti f'approvazzjonijiet illimitati skont dawn ir-regoli l-ġodda, ħlief għal sustanzi attivi identifikati bħala li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew ta' sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament, sustanzi attivi li għalihom diġà beda l-eżami tat-tiġdid li

għalihom l-evalwazzjoni tat-tiġdid jenħtieġ li tkompli jew li għalihom l-approvazzjoni jenħtieġ li tiskadi meta ma tkun ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni sal-iskadenza. Jenħtieġ li tiġi prevista possibbiltà li l-Kummissjoni tagħżel perjodikament għadd ta' sustanzi attivi abbażi ta' kriterji speċifiċi li għalihom għandha tiġi attivata proċedura ta' tiġdid, filwaqt li tinżamm ukoll il-possibbiltà li jinbdew rieżamijiet bikrija skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Il-kriterji għall-għażla ta' sustanzi attivi soġġetti għall-proċedura ta' tiġdid jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida ġodda jew aġġornati rilevanti tad-data, indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u data ta' monitoraġġ disponibbli, u jistgħu jqisu t-talbiet mill-Istati Membri.

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

għalihom l-evalwazzjoni tat-tiġdid jenħtieġ li tkompli jew li għalihom l-approvazzjoni jenħtieġ li tiskadi meta ma tkun ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni sal-iskadenza. Jenħtieġ li tiġi prevista possibbiltà li l-Kummissjoni tagħżel perjodikament għadd ta' sustanzi attivi abbażi ta' kriterji speċifiċi li għalihom għandha tiġi attivata proċedura ta' tiġdid, filwaqt li tinżamm ukoll il-possibbiltà li jinbdew rieżamijiet bikrija skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Il-kriterji għall-għażla ta' sustanzi attivi soġġetti għall-proċedura ta' tiġdid jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, rekwiżiti jew dokumenti ta' gwida ġodda jew aġġornati rilevanti tad-data, indikazzjonijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u data ta' monitoraġġ disponibbli, u jistgħu jqisu t-talbiet mill-Istati Membri. ***Barra minn hekk, fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali, huwa essenzjali li l-Kummissjoni tqis bis-sħiħ il-periklu għas-saħħa li jippreżentaw ir-rodituri, b'mod partikolari għas-siti, għall-ikel u għall-operaturi esposti. Għalhekk huwa essenzjali li l-Kummissjoni żżomm lixka permanenti tar-rodentiċidi kontra l-vitamina K, skont il-kundizzjonijiet attwalment definiti fil-leġiżlazzjoni Ewropea, jiġifieri għal professjonisti mħarrġa u f'siti b'riskju għoli ta' infestazzjoni mill-ġdid.***

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj).

Or. fr

Emenda 242
Gheorghe Cârciu, Dan Nica, Ştefan Muşoiu, Vasile Dîncu, Andi Cristea, Dragoş Benea, Gabriela Firea

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[8] jistabbilixxi l-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi bijoċidali u l-awtorizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali. It-tlestija tal-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi bijoċidali eżistenti stabbilit fl-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament hija mdewma b'mod sinifikanti. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddedikaw ir-riżorsi tagħhom għat-tlestija tal-programm ta' rieżami, huwa xieraq li tiġi stabbilita durata illimitata għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, ħlief għal sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament peress li dawk għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, u ħlief għal sustanzi attivi li għalihom il-limiti ta' żmien tal-approvazzjonijiet jitqiesu meħtieġa fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. L-approvazzjoni ta' sustanzi attivi diġà approvati jenħtieġ li jiġu kkonvertiti f'approvazzjonijiet illimitati skont dawn ir-regoli l-ġodda, ħlief għal sustanzi attivi identifikati bħala li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew ta' sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament, sustanzi attivi li għalihom diġà beda l-eżami tat-tiġdid li għalihom l-evalwazzjoni tat-tiġdid jenħtieġ li tkompli jew li għalihom l-approvazzjoni jenħtieġ li tiskadi meta ma tkun ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni sal-iskadenza. Jenħtieġ li tiġi prevista possibbiltà li l-Kummissjoni tagħżel perjodikament għadd ta' sustanzi attivi	(34) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[8] jistabbilixxi l-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi bijoċidali u l-awtorizzazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali. It-tlestija tal-programm ta' rieżami tas-sustanzi attivi bijoċidali eżistenti stabbilit fl-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament hija mdewma b'mod sinifikanti. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddedikaw ir-riżorsi tagħhom għat-tlestija tal-programm ta' rieżami, huwa xieraq li tiġi stabbilita durata illimitata għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, ħlief għal sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament peress li dawk għandhom proprjetajiet li huma ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, u ħlief għal sustanzi attivi li għalihom il-limiti ta' żmien tal-approvazzjonijiet jitqiesu meħtieġa fid-dawl tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa qabel deċiżjoni dwar approvazzjoni. L-approvazzjoni ta' sustanzi attivi ***b'riskju baxx*** diġà approvati jenħtieġ li jiġu kkonvertiti f'approvazzjonijiet illimitati skont dawn ir-regoli l-ġodda, ħlief għal sustanzi attivi identifikati bħala li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew ta' sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 ta' dak ir-Regolament, sustanzi attivi li għalihom diġà beda l-eżami tat-tiġdid li għalihom l-evalwazzjoni tat-tiġdid jenħtieġ li tkompli jew li għalihom l-approvazzjoni jenħtieġ li tiskadi meta ma tkun ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni sal-iskadenza. Jenħtieġ li tiġi prevista possibbiltà li l-Kummissjoni tagħżel perjodikament għadd ta' sustanzi

abbażi ta’ kriterji speċifiċi li għalihom għandha tiġi attivata proċedura ta’ tiġdid, filwaqt li tinżamm ukoll il-possibbiltà li jinbdew rieżamijiet bikrija skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Il-kriterji għall-għażla ta’ sustanzi attivi soġġetti għall-proċedura ta’ tiġdid jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, rekwiżiti jew dokumenti ta’ gwida ġodda jew aġġornati rilevanti tad-data, indikazzjonijiet ta’ tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u data ta’ monitoraġġ disponibbli, u jistgħu jqisu t-talbiet mill-Istati Membri.	attivi abbażi ta’ kriterji speċifiċi li għalihom għandha tiġi attivata proċedura ta’ tiġdid, filwaqt li tinżamm ukoll il-possibbiltà li jinbdew rieżamijiet bikrija skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Il-kriterji għall-għażla ta’ sustanzi attivi soġġetti għall-proċedura ta’ tiġdid jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, rekwiżiti jew dokumenti ta’ gwida ġodda jew aġġornati rilevanti tad-data, indikazzjonijiet ta’ tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, għarfien xjentifiku jew tekniku ġdid u data ta’ monitoraġġ disponibbli, u jistgħu jqisu t-talbiet mill-Istati Membri.
[8] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj)	[8] Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1–123, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj)

Or. en

Emenda 243
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Il-perjodu ta’ approvazzjoni għal sustanzi attivi bijoċidali li jissodisfaw il-kriterji ta’ esklużjoni jew sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għandu jiġi estiż għal għaxar snin, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv assoċjat ma’ ċikli ta’ tiġdid frekwenti u titħaffef aktar it-tlestija tal-programm ta’ rieżami.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Perjodu ta' approvazzjoni ta' għaxar snin għal sustanzi li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew sostituzzjoni jnaqqas il-piż amministrattiv ta' tiġdid frekwenti, itejjeb il-prevedibbiltà u jappoġġja implimentazzjoni aktar effiċjenti tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali filwaqt li jżomm livell xieraq ta' protezzjoni.

Emenda 244
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 34b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34b) Bl-istess mod, l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 huma affettwati minn dewmien sinifikanti. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiffukaw ir-riżorsi tagħhom fuq it-tlestija tal-programm ta' rieżami, huwa xieraq li jiġu previsti awtorizzazzjonijiet ta' tul ta' żmien illimitat, ħlief għall-prodotti bijoċidali li fihom sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji ta' sostituzzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-allinjament tad-durata tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali mal-istatus ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi jtejjeb il-koerenza regolatorja, inaqqas il-piż amministrattiv bla bżonn u jippermetti li r-riżorsi jiġu ddevjati lejn l-innovazzjoni u lejn soluzzjonijiet aktar sostenibbli.

Emenda 245
Michele Picaro, Carlo Fidanza, Antonella Sberna, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Sergio Berlato, Paolo Inselvini, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) L-approvazzjoni ta' sustanzi attivi bijoċidali li jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni jew sostituzzjoni skont l-Artikoli 5(1) jew 10 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għandha tiġi estiża għal għaxar snin, sabiex jittaffa l-piż marbut maċ-ċikli ta' tiġdid rikorrenti b'mod frekwenti tagħhom, u b'hekk titħaffef aktar it-tlestija tal-programm ta' rieżami.

Or. en

Emenda 246
Michele Picaro, Carlo Fidanza, Antonella Sberna, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Sergio Berlato, Paolo Inselvini, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Premessa 35b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35b) L-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 huma affettwati minn dewmien sinifikanti bl-istess mod. Sabiex ir-riżorsi tal-Istati Membri jiġu ddevjati lejn it-tlestija tal-programm ta' rieżami, huwa xieraq li jiġi stabbilit tul ta' żmien illimitat għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali, ħlief għall-prodotti bijoċidali li fihom sustanzi attivi li jissodisfaw il-kriterji ta' sostituzzjoni.

Or. en

Emenda 247
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ikopri ikel u għalf prodotti "minn" OĠM iżda mhux ikel u għalf prodotti "bl-użu ta'" OĠM. F'dan ir-rigward, il-premessa 16 ta' dak ir-Regolament tfakkar li r-Regolament ma japplikax għall-għajnuniet għall-ipproċessar, jew għall-ikel u l-għalf li huma manifatturati bl-għajnuna ta' għajnuna għall-ipproċessar ġenetikament modifikat. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fir-rigward ta' prodotti tal-ikel u tal-għalf miksuba bl-użu ta' mikroorganiżmi ġenetikament modifikati (GMMs) peress li r-razez tal-produzzjoni mhumiex ċari minħabba li, minn naħa waħda, il-Premessa 16 ta' dak ir-Regolament tiddikjara wkoll li l-kriterju determinanti bejn l-ikel u l-għalf prodott "minn" jew "bl-użu ta'" OĠM" huwa jekk il-materjal derivat mill-materjal tas-sors ġenetikament modifikat huwiex preżenti fl-ikel jew fl-għalf u, min-naħa l-oħra, id-definizzjoni ta' "għajnuna għall-ipproċessar" fil-liġi tal-UE dwar l-ikel u l-għalf tippermetti, skont ċerti kundizzjonijiet, il-preżenza fil-prodott finali ta' residwi tas-sustanza jew tad-derivattivi tagħha. Barra minn hekk, is-sensittività dejjem akbar tal-metodi ta' detezzjoni għandha l-konsegwenza li l-ikel u l-għalf li tqiesu ħielsa mir-residwi tal-GMMs u li ġew introdotti fis-suq bħala prodotti konvenzjonali għal ħafna snin jistgħu f'xi punt jitqiesu li fihom dawn ir-residwi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 248
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ikopri ikel u għalf prodotti "minn" OĠM iżda mhux ikel u għalf prodotti "bl-użu ta'" OĠM. F'dan ir-rigward, il-premessa 16 ta' dak ir-Regolament tfakkar li r-Regolament ma japplikax għall-għajnuniet għall-ipproċessar, jew għall-ikel u l-għalf li huma manifatturati bl-għajnuna ta' għajnuna għall-ipproċessar ġenetikament modifikat. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fir-rigward ta' prodotti tal-ikel u tal-għalf miksuba bl-użu ta' mikroorganiżmi ġenetikament modifikati (GMMs) peress li r-razez tal-produzzjoni mhumiex ċari minħabba li, minn naħa waħda, il-Premessa 16 ta' dak ir-Regolament tiddikjara wkoll li l-kriterju determinanti bejn l-ikel u l-għalf prodott "minn" jew "bl-użu ta'" OĠM" huwa jekk il-materjal derivat mill-materjal tas-sors ġenetikament modifikat huwiex preżenti fl-ikel jew fl-għalf u, min-naħa l-oħra, id-definizzjoni ta' "għajnuna għall-ipproċessar" fil-liġi tal-UE dwar l-ikel u l-għalf tippermetti, skont ċerti kundizzjonijiet, il-preżenza fil-prodott finali ta' residwi tas-sustanza jew tad-derivattivi tagħha. Barra minn hekk, is-sensittività dejjem akbar tal-metodi ta' detezzjoni għandha l-konsegwenza li l-ikel u l-għalf li tqiesu ħielsa mir-residwi tal-GMMs u li ġew introdotti fis-suq bħala prodotti konvenzjonali għal ħafna snin jistgħu f'xi punt jitqiesu li fihom dawn ir-residwi.	(36) Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ikopri ikel u għalf prodotti "minn" OĠM iżda mhux ikel u għalf prodotti "bl-użu ta'" OĠM. F'dan ir-rigward, il-premessa 16 ta' dak ir-Regolament tfakkar li r-Regolament ma japplikax għall-għajnuniet għall-ipproċessar, jew għall-ikel u l-għalf li huma manifatturati bl-għajnuna ta' għajnuna għall-ipproċessar ġenetikament modifikat. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fir-rigward ta' prodotti tal-ikel u tal-għalf miksuba bl-użu ta' mikroorganiżmi ġenetikament modifikati (GMMs) peress li r-razez tal-produzzjoni mhumiex ċari minħabba li, minn naħa waħda, il-Premessa 16 ta' dak ir-Regolament tiddikjara wkoll li l-kriterju determinanti bejn l-ikel u l-għalf prodott "minn" jew "bl-użu ta'" OĠM" huwa jekk il-materjal derivat mill-materjal tas-sors ġenetikament modifikat huwiex preżenti fl-ikel jew fl-għalf u, min-naħa l-oħra, id-definizzjoni ta' "għajnuna għall-ipproċessar" fil-liġi tal-UE dwar l-ikel u l-għalf tippermetti, skont ċerti kundizzjonijiet, il-preżenza fil-prodott finali ta' residwi tas-sustanza jew tad-derivattivi tagħha. Barra minn hekk, is-sensittività dejjem akbar tal-metodi ta' detezzjoni għandha l-konsegwenza li l-ikel u l-għalf li tqiesu ħielsa mir-residwi tal-GMMs u li ġew introdotti fis-suq bħala prodotti konvenzjonali għal ħafna snin jistgħu f'xi punt jitqiesu li fihom dawn ir-residwi. ***Meta l-produzzjoni tagħhom tinvolvi l-użu ta' mikroorganiżmi ġenetikament modifikati, huwa essenzjali li l-prodott finali qatt ma jkun jista' jkun fih ċelloli vijabbli. L-użu tal-GMMs bħala razez tal-produzzjoni jirrikjedi approċċ konsistenti u prekawzjonarju, li jqis ir-riskji potenzjali assoċjati mal-modifika tal-ġenetika, inklużi l-persistenza u t-***

	tixrid ta' karatteristiċi ġenetiċi, it-trasferiment tal-ġeni u l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent.

Or. en

Emenda 249
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Għalhekk, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u tiġi pprovduta ċertezza legali lill-operaturi tan-negozju tal-ikel u tal-għalf, il-prodotti tal-ikel u tal-għalf miksuba bl-użu ta' GMMs bħala razza tal-produzzjoni u li minnhom ikunu tneħħew il-GMM, jenħtieġ li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 anke jekk ir-residwi tal-GMM ikunu preżenti fl-ikel jew fl-għalf, dment li jkunu limitati għal ċelloli mhux vijabbli, li l-preżenza tagħhom hija minimizzata permezz ta' tentattivi raġonevoli biex dawn jitneħħew u ma jkollhom l-ebda effett teknoloġiku fuq l-ikel jew l-għalf finali. B'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat li jkunu saru tentattivi raġonevoli biex jitneħħew ir-residwi, jenħtieġ li jkun meħtieġ li dawn ikunu twettqu f'konformità ma' prattiki tajba ta' manifattura bħal dawk użati fi prodotti simili tal-ikel u tal-għalf biex tiġi mminimizzata l-preżenza ta' residwi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 250
Benoit Cassart, Gerben-Jan Gerbrandy, Martin Hojsík, Christine Singer, Pascal Canfin,

Olivier Chastel, Michal Wiezik, Billy Kelleher, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Elsi Katainen, Asger Christensen, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Għalhekk, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u tiġi pprovduta ċertezza legali lill-operaturi tan-negozju tal-ikel u tal-għalf, il-prodotti tal-ikel u tal-għalf miksuba bl-użu ta' GMMs bħala razza tal-produzzjoni u li minnhom ikunu tneħħew il-GMM, jenħtieġ li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 anke jekk ir-residwi tal-GMM ikunu preżenti fl-ikel jew fl-għalf, dment li jkunu limitati għal ċelloli mhux vijabbli, li l-preżenza tagħhom hija minimizzata permezz ta' tentattivi raġonevoli biex dawn jitneħħew u ma jkollhom l-ebda effett teknoloġiku fuq l-ikel jew l-għalf finali. B'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat li jkunu saru tentattivi raġonevoli biex jitneħħew ir-residwi, jenħtieġ li jkun meħtieġ li dawn ikunu twettqu f'konformità ma' prattiki tajba ta' manifattura bħal dawk użati fi prodotti simili tal-ikel u tal-għalf biex tiġi mminimizzata l-preżenza ta' residwi.	(37) Għalhekk, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u tiġi pprovduta ċertezza legali lill-operaturi tan-negozju tal-ikel u tal-għalf***, filwaqt li jrawwem l-innovazzjoni fis-settur agrikolu***, il-prodotti tal-ikel u tal-għalf miksuba bl-użu ta' GMMs bħala razza tal-produzzjoni u li minnhom ikunu tneħħew il-GMM, jenħtieġ li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 anke jekk ir-residwi tal-GMM ikunu preżenti fl-ikel jew fl-għalf, dment li jkunu limitati għal ċelloli mhux vijabbli, li l-preżenza tagħhom hija minimizzata permezz ta' tentattivi ***li jkunu baxxi kemm jista' jkun*** raġonevoli biex dawn jitneħħew u ma jkollhom l-ebda effett teknoloġiku fuq l-ikel jew l-għalf finali. B'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat li jkunu saru tentattivi raġonevoli biex jitneħħew ir-residwi, jenħtieġ li jkun meħtieġ li dawn ikunu twettqu f'konformità ma' prattiki tajba ta' manifattura bħal dawk użati fi prodotti simili tal-ikel u tal-għalf biex tiġi mminimizzata l-preżenza ta' residwi.

Or. en

Emenda 251
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Ir-referenza għall-GMMs fid-definizzjoni ta' "prodotti minn OĠM"	(38) Ir-referenza għall-GMMs fid-definizzjoni ta' "prodotti minn OĠM"

jenħtieġ li tirreferi għall-GMMs kif definit fid-Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009[9], bl-esklużjoni taċ-ċelloli tal-annimali u tal-pjanti fil-kultura. Sabiex ikun konsistenti mal-qafas applikabbli ġenerali dwar l-OĠM, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-istess regoli japplikaw għaċ-ċelloli tal-annimali u tal-pjanti, irrispettivament minn jekk humiex fil-kultura, mhux fil-kultura jew inkorporati fl-organiżmi sħaħ. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet speċifiċi jenħtieġ li jkopru biss il-mikroorganiżmi fis-sens bijoloġiku, inklużi l-gruppi tassonomiċi Arkea u Batterji, l-ispeċijiet mhux ċellulari u l-istadji tal-ħajja tal-Protozoa, Chromista u Fungi, kif ukoll il-fungi u l-viruses filamentużi, filwaqt li jeskludu ċ-ċelloli tal-annimali u tal-pjanti fil-kultura.

[9] Id-Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-użu konfinat ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament (Tfassil mill-ġdid) (Test b'relevanza għaż-ŻEE); ĠU L 125, 21.5.2009, p. 75–97

jenħtieġ li tirreferi għall-GMMs kif definit fid-Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009[9], bl-esklużjoni taċ-ċelloli tal-annimali u tal-pjanti fil-kultura. Sabiex ikun konsistenti mal-qafas applikabbli ġenerali dwar l-OĠM, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-istess regoli japplikaw għaċ-ċelloli tal-annimali u tal-pjanti, irrispettivament minn jekk humiex fil-kultura, mhux fil-kultura jew inkorporati fl-organiżmi sħaħ. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet speċifiċi jenħtieġ li jkopru biss il-mikroorganiżmi fis-sens bijoloġiku, inklużi l-gruppi tassonomiċi Arkea u Batterji, l-ispeċijiet mhux ċellulari u l-istadji tal-ħajja tal-Protozoa, Chromista u Fungi, kif ukoll il-fungi u l-viruses filamentużi, filwaqt li jeskludu ċ-ċelloli tal-annimali u tal-pjanti fil-kultura. ***Jenħtieġ li tali kjarifika ma tirriżultax fl-esklużjoni tal-mikroorganiżmi ġenetikament modifikati jew taċ-ċelloli ġenetikament modifikati mir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju tal-OĠM fejn l-użu tagħhom u b'mod partikolari r-rilaxx fl-ambjent jistgħu jwasslu għal riskji relatati mal-persistenza u t-tixrid ta' karatteristiċi ġenetiċi, it-trasferiment tal-ġeni, l-effetti fuq organiżmi mhux fil-mira, l-effetti fil-livell tal-ekosistema jew ir-riversibbiltà wara r-rilaxx.***

[9] Id-Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-użu konfinat ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament (Tfassil mill-ġdid) (Test b'relevanza għaż-ŻEE); ĠU L 125, 21.5.2009, p. 75–97

Or. en

Emenda 252
Michele Picaro, Carlo Fidanza, Antonella Sberna, Nicola Procaccini, Pietro Fiocchi, Sergio Berlato, Paolo Inselvini, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) Sabiex tittejjeb il-prevedibbiltà fil-katina tal-provvista għall-operaturi ekonomiċi li jintroduċu fis-suq prodotti bijoċidali permezz tar-rotta tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni, huwa xieraq li tiġi definita skeda ta' żmien għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 253
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) Sabiex tittejjeb il-prevedibbiltà għall-operaturi ekonomiċi li jintroduċu fis-suq prodotti bijoċidali permezz tar-rotta tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni, huwa xieraq li tiġi stabbilita skeda ta' żmien ċara għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-nuqqas ta' skedi ta' żmien ċari għall-adozzjoni u għall-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni joħloq inċertezza sinifikanti għall-kumpaniji, li taffettwa l-kapaċità tagħhom li jippjanaw l-aġġornamenti tat-tikketti, il-produzzjoni u l-ġestjoni tal-katina tal-provvista b'mod effettiv. L-istabbiliment ta' skeda ta' żmien prevedibbli jtejjeb iċ-ċertezza regolatorja u jiffaċilita l-ippjanar tan-negozju.

Emenda 254
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003[10] jistabbilixxi r-raġunijiet u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf fl-Unjoni. Dan jistipula li l-awtorizzazzjonijiet tal-addittivi tal-għalf huma validi għal 10 snin u jistgħu jiġġeddu għal perjodi ta' 10 snin wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni fi żmien xieraq. Dan ir-rekwiżit ta' tiġdid wera li jiġġenera piż amministrattiv u regolatorju għoli u kostijiet finanzjarji għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, iżda wkoll għall-Awtorità, għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni involuti fil-proċedura ta' tiġdid. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 s'issa wasslet biss għal ftit irtirar jew ċaħdiet ta' awtorizzazzjoni għal raġunijiet ta' sikurezza, b'mod partikolari fl-okkażjoni tat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet. Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi u finanzjarji bla bżonn, u b'hekk isiru disponibbli riżorsi għar-riċerka, l-iżvilupp tal-prodotti u l-espansjoni tas-suq, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf tingħata għal perjodu ta' żmien illimitat, ħlief għal addittivi li jappartjenu għall-kategorija ta' koċċidjostatiċi u istomonostati li jenħtieġ li jibqgħu taħt ir-reġim ta' awtorizzazzjoni ta' 10 snin minħabba n-natura antimikrobika tagħhom u l-profil ta' riskju ogħla li jirriżulta minnhom.	***imħassar***

---

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268,

18.10.2003, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1831/oj).

Or. en

Emenda 255
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003[10] jistabbilixxi r-raġunijiet u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf fl-Unjoni. Dan jistipula li l-awtorizzazzjonijiet tal-addittivi tal-għalf huma validi għal 10 snin u jistgħu jiġġeddu għal perjodi ta' 10 snin wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni fi żmien xieraq. Dan ir-rekwiżit ta' tiġdid wera li jiġġenera piż amministrattiv u regolatorju għoli u kostijiet finanzjarji għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, iżda wkoll għall-Awtorità, għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni involuti fil-proċedura ta' tiġdid. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 s'issa wasslet biss għal ftit irtirar jew ċaħdiet ta' awtorizzazzjoni għal raġunijiet ta' sikurezza, b'mod partikolari fl-okkażjoni tat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet. Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi u finanzjarji bla bżonn, u b'hekk isiru disponibbli riżorsi għar-riċerka, l-iżvilupp tal-prodotti u l-espansjoni tas-suq, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf tingħata għal perjodu ta' żmien illimitat, ħlief għal addittivi li jappartjenu ***għall-kategorija*** ta' koċċidjostatiċi u istomonostati li jenħtieġ li jibqgħu taħt ir-reġim ta' awtorizzazzjoni ta' 10 snin minħabba n-natura antimikrobika tagħhom	(39) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003[10] jistabbilixxi r-raġunijiet u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf fl-Unjoni. Dan jistipula li l-awtorizzazzjonijiet tal-addittivi tal-għalf huma validi għal 10 snin u jistgħu jiġġeddu għal perjodi ta' 10 snin wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni fi żmien xieraq. Dan ir-rekwiżit ta' tiġdid wera li jiġġenera piż amministrattiv u regolatorju għoli u kostijiet finanzjarji għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, iżda wkoll għall-Awtorità, għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni involuti fil-proċedura ta' tiġdid. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 s'issa wasslet biss għal ftit irtirar jew ċaħdiet ta' awtorizzazzjoni għal raġunijiet ta' sikurezza, b'mod partikolari fl-okkażjoni tat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet. Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi u finanzjarji bla bżonn, u b'hekk isiru disponibbli riżorsi għar-riċerka, l-iżvilupp tal-prodotti u l-espansjoni tas-suq, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf tingħata għal perjodu ta' żmien illimitat, ħlief għal addittivi li jappartjenu ***għall-kategoriji*** ta' ***addittivi żootekniċi,*** koċċidjostatiċi u istomonostati li jenħtieġ li jibqgħu taħt ir-reġim ta' awtorizzazzjoni ta' 10 snin minħabba n-natura

u l-profil ta' riskju ogħla li jirriżulta minnhom.

antimikrobika tagħhom u l-profil ta' riskju ogħla li jirriżulta minnhom.

---

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ***l-additivi*** għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1831/oj).

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ***l-addittivi*** għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1831/oj).

Or. en

Emenda 256
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003[10] jistabbilixxi r-raġunijiet u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf fl-Unjoni. Dan jistipula li l-awtorizzazzjonijiet tal-addittivi tal-għalf huma validi għal 10 snin u jistgħu jiġġeddu għal perjodi ta' 10 snin wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni fi żmien xieraq. Dan ir-rekwiżit ta' tiġdid wera li jiġġenera piż amministrattiv u regolatorju għoli u kostijiet finanzjarji għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, iżda wkoll għall-Awtorità, għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni involuti fil-proċedura ta' tiġdid. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 s'issa wasslet biss għal ftit irtirar jew ċaħdiet ta' awtorizzazzjoni għal raġunijiet ta' sikurezza, b'mod partikolari fl-okkażjoni tat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet. Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi u finanzjarji bla bżonn, u b'hekk isiru disponibbli riżorsi għar-riċerka, l-iżvilupp tal-prodotti u l-espansjoni tas-suq, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf	(39) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003[10] jistabbilixxi r-raġunijiet u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf fl-Unjoni. Dan jistipula li l-awtorizzazzjonijiet tal-addittivi tal-għalf huma validi għal 10 snin u jistgħu jiġġeddu għal perjodi ta' 10 snin wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni fi żmien xieraq. Dan ir-rekwiżit ta' tiġdid wera li jiġġenera piż amministrattiv u regolatorju għoli u kostijiet finanzjarji għan-negozji, b'mod partikolari ***l-mikrointrapriżi u*** l-SMEs, iżda wkoll għall-Awtorità, għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni involuti fil-proċedura ta' tiġdid. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 s'issa wasslet biss għal ftit irtirar jew ċaħdiet ta' awtorizzazzjoni għal raġunijiet ta' sikurezza, b'mod partikolari fl-okkażjoni tat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet. Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi u finanzjarji bla bżonn, u b'hekk isiru disponibbli riżorsi għar-riċerka, l-iżvilupp tal-prodotti u l-espansjoni tas-suq, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf

tingħata għal perjodu ta’ żmien illimitat, ħlief għal addittivi li jappartjenu għall-kategorija ta’ koċċidjostatiċi u istomonostati li jenħtieġ li jibqgħu taħt ir-reġim ta’ awtorizzazzjoni ta’ 10 snin minħabba n-natura antimikrobika tagħhom u l-profil ta’ riskju ogħla li jirriżulta minnhom.	tingħata għal perjodu ta’ żmien illimitat, ħlief għal addittivi li jappartjenu għall-kategorija ta’ koċċidjostatiċi u istomonostati li jenħtieġ li jibqgħu taħt ir-reġim ta’ awtorizzazzjoni ta’ 10 snin minħabba n-natura antimikrobika tagħhom u l-profil ta’ riskju ogħla li jirriżulta minnhom.
[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta’ Settembru 2003 dwar ***l-additivi*** għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1831/oj).	[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta’ Settembru 2003 dwar ***l-addittivi*** għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1831/oj).

Or. ro

Emenda 257
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Miżuri alternattivi għall-għażla ta’ awtorizzazzjonijiet validi għal perjodu ta’ żmien illimitat, bħal perjodi ta’ awtorizzazzjoni itwal għal uħud mill-addittivi tal-għalf jew kollha jew perjodi ta’ awtorizzazzjoni differenti skont it-tip ta’ addittivi, ma tqisux bħala sodisfaċenti minħabba nuqqas ta’ kriterji oġġettivi biex issir distinzjoni bejn il-kategoriji tal-addittivi jew il-gruppi funzjonali f’termini ta’ sikurezza jew effikaċja jew minħabba r-riskju ta’ nuqqas ta’ applikanti għat-tiġdid ta’ awtorizzazzjonijiet mhux speċifiċi għad-detentur.	***imħassar***

Or. en

Emenda 258
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Il-modifiki, is-sospensjonijiet jew ir-revoki tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti jenħtieġ li jkomplu jiġu adottati fi kwalunkwe ħin meta tali awtorizzazzjonijiet ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-sikurezza jew tal-effikaċja stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1831/2003, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi. Il-livell għoli ta' sikurezza ta' protezzjoni segwit mir-Regolament jenħtieġ li jkompli jiġi żgurat, b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari tar-rekwiżiti ta' superviżjoni u monitoraġġ fuq id-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet, inkluża l-implimentazzjoni tal-monitoraġġ ta' wara l-introduzzjoni fis-suq meħtieġa fl-awtorizzazzjonijiet mogħtija qabel dan ir-Regolament, ir-rivalutazzjoni xjentifika possibbli tal-Awtorità tal-awtorizzazzjonijiet fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Istati Membri jew tal-Kummissjoni jew wara s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-modifika ta' awtorizzazzjonijiet jew għall-awtorizzazzjoni ta' użi ġodda tal-addittivi tal-għalf. Fid-dawl ta' rivalutazzjoni xjentifika tal-awtorizzazzjonijiet, is-setgħat tal-Awtorità jenħtieġ li jinkludu talbiet possibbli ta' informazzjoni lill-applikanti u lid-detenturi tal-awtorizzazzjoni u t-twettiq ta' kwalunkwe kompitu rilevanti previst mir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], bħall-ġbir tad-data, il-kummissjonar ta' studji xjentifiċi u l-użu ta' informazzjoni identifikata mill-monitoraġġ ta' riskji emerġenti. L-applikazzjoni ta' dawn is-salvagwardji jenħtieġ li tiżgura li l-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf għal perjodu ta' żmien illimitat ma toħloqx riskju għas-sikurezza. Għalhekk, jenħtieġ li	(41) Il-modifiki, is-sospensjonijiet jew ir-revoki tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti jenħtieġ li jkomplu jiġu adottati fi kwalunkwe ħin meta tali awtorizzazzjonijiet ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-sikurezza jew tal-effikaċja stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1831/2003, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi ***wara perjodu ta' notifika ta' 30 jum***. Il-livell għoli ta' sikurezza ta' protezzjoni segwit mir-Regolament jenħtieġ li jkompli jiġi żgurat, b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari tar-rekwiżiti ta' superviżjoni u monitoraġġ fuq id-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet, inkluża l-implimentazzjoni tal-monitoraġġ ta' wara l-introduzzjoni fis-suq meħtieġa fl-awtorizzazzjonijiet mogħtija qabel dan ir-Regolament, ir-rivalutazzjoni xjentifika possibbli tal-Awtorità tal-awtorizzazzjonijiet fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Istati Membri jew tal-Kummissjoni jew wara s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-modifika ta' awtorizzazzjonijiet jew għall-awtorizzazzjoni ta' użi ġodda tal-addittivi tal-għalf. Fid-dawl ta' rivalutazzjoni xjentifika tal-awtorizzazzjonijiet, is-setgħat tal-Awtorità jenħtieġ li jinkludu talbiet possibbli ta' informazzjoni lill-applikanti u lid-detenturi tal-awtorizzazzjoni u t-twettiq ta' kwalunkwe kompitu rilevanti previst mir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], bħall-ġbir tad-data, il-kummissjonar ta' studji xjentifiċi u l-użu ta' informazzjoni identifikata mill-monitoraġġ ta' riskji emerġenti. L-applikazzjoni ta' dawn is-salvagwardji jenħtieġ li tiżgura li l-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-għalf għal perjodu ta' żmien illimitat ma toħloqx

l-Artikolu 9 u l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) 1831/2003 jiġu emendati kif xieraq.

riskju għas-sikurezza. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 9 u l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) 1831/2003 jiġu emendati kif xieraq.

---

[11] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li ***jistabilixxi*** l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li ***jistabilixxi*** l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj).

[11] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li ***jistabbilixxi*** l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li ***jistabbilixxi*** l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj).

Or. ro

Emenda 259
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali u biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għar-regoli l-ġodda, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-awtorizzazzjonijiet tal-addittivi tal-għalf diġà mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u li għadhom fis-seħħ, jitqiesu illimitati fiż-żmien, ħlief għall-addittivi li jappartjenu għall-kategorija ta' koċċidjostatiċi u ta' istomonostati, awtorizzazzjonijiet urġenti mogħtija skont l-Artikolu 15, awtorizzazzjonijiet li għalihom ma tkun ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni għat-tiġdid fil-ħin qabel id-dħul fis-seħħ tar-regoli l-ġodda jew li għalihom tkun ġiet sottomessa tali applikazzjoni iżda sussegwentement tkun ġiet irtirata, u awtorizzazzjonijiet li għalihom tkun ġiet sottomessa applikazzjoni għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tar-regoli l-ġodda u li għalihom ma tkun	***imħassar***

ittieħdet l-ebda deċiżjoni sa dik id-data.

Or. en

Emenda 260
Anja Hazekamp, Per Clausen, Valentina Palmisano, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni sottomessi qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li għalihom ma tkun għadha ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar dak it-tiġdid f'dik id-data, jenħtieġ li jkomplu jiġu ttrattati f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 14 kif applikabbli fiż-żmien tas-sottomissjoni tagħhom. Madankollu, l-awtorizzazzjonijiet imġedda wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu validi għal perjodu ta' żmien illimitat. Barra minn hekk, ir-regola l-ġdida ta' awtorizzazzjoni għal perjodu ta' żmien illimitat jenħtieġ li ma taffettwax l-ipproċessar tal-proċeduri eżistenti dwar l-applikazzjonijiet sottomessi skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.	***imħassar***

Or. en

Emenda 261
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Barra minn hekk, ikun xieraq li l-partijiet interessati jitħallew jissottomettu applikazzjoni biex tiġi mmodifikata awtorizzazzjoni mhux speċifika għad-detentur, peress li diġà hija prevista għal awtorizzazzjonijiet speċifiċi għad-detentur, bil-għan li possibbilment jiġu estiżi l-ispeċifikazzjonijiet jew il-kundizzjonijiet inklużi f'dik l-awtorizzazzjoni. In-nuqqas attwali ta' tali proċedura jirrikjedi li l-operaturi li jixtiequ jimmodifikaw awtorizzazzjoni mhux speċifika għad-detentur jerġgħu jissottomettu applikazzjoni sħiħa għal awtorizzazzjoni ġdida, li tiġġenera piż bla bżonn.	***imħassar***

Or. en

Emenda 262
Céline Imart, Emmanouil Kefalogiannis

Proposta għal regolament
Premessa 50a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(50a) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-addittivi tal-għalf, jew l-għalf li fih tali addittivi, li mhumiex awtorizzati għall-użu fl-Unjoni jistgħu jiġu mmanifatturati, miżmuma, maħżuna, imballati, ittrasferiti, ittrasportati fl-Unjoni u esportati meta jkunu maħsuba esklużivament għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. Dawn il-prodotti jenħtieġ li jiġu identifikati b'mod ċar bħala maħsuba għall-esportazzjoni u jenħtieġ li ma jintużawx fil-katina tal-għalf tal-Unjoni.

Or. fr

Emenda 263
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009[18] jistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-iskarnar jew tal-qtil. Skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 , l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bħalissa huma meħtieġa jissottomettu rapporti annwali speċifiċi lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' depopolazzjoni mwettqa s-sena ta' qabel minbarra r-rapporti annwali sottomessi f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra[19]. L-objettiv tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 huwa, madankollu, li jiġu protetti l-annimali fil-ħin tal-qatla. Ir-rapporti annwali ta' konformità skont ir-Regolament (UE) 2017/625 ikopru l-benesseri tal-annimali waqt il-qatla, inkluż matul l-attivitajiet ta' depopolazzjoni, u huma biżżejjed biex jiżguraw li jintlaħaq l-objettiv tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009. Dan it-trikkib ta' żewġ rapporti separati jipprovdi valur miżjud limitat u b'mod ineffiċjenti jiddevja r-riżorsi tal-awtoritajiet kompetenti mill-ġestjoni tar-riskju. Barra minn hekk, l-informazzjoni pprovduta skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 uriet li hija ta' valur limitat peress li dak ir-Regolament ma għandux dispożizzjonijiet li jiżguraw analiżi bir-reqqa u komparabbiltà tal-informazzjoni rrapportata, meta mqabbla mal-piż amministrattiv tat-tħejjija tar-rapport. Għalhekk, dan l-obbligu ta' rapportar addizzjonali jenħtieġ li jitneħħa bil-għan	***imħassar***

li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

---

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1–30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1099/oj)

[19] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1–142, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj)

Or. en

Emenda 264
Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009[18] jistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-iskarnar jew tal-qtil. Skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 , l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bħalissa huma meħtieġa jissottomettu rapporti annwali speċifiċi lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' depopolazzjoni mwettqa s-sena ta' qabel minbarra r-rapporti annwali sottomessi f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra[19]. ***L-objettiv tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 huwa, madankollu, li jiġu protetti l-annimali fil-ħin tal-qatla.*** Ir-rapporti annwali ta' konformità skont ir-Regolament (UE) 2017/625 ikopru l-benesseri tal-annimali waqt il-qatla, inkluż matul l-attivitajiet ta' depopolazzjoni, ***u huma biżżejjed biex jiżguraw li jintlaħaq l-objettiv tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009. Dan it-trikkib ta' żewġ rapporti separati jipprovdi valur miżjud limitat u b'mod ineffiċjenti jiddevja r-riżorsi tal-awtoritajiet*** kompetenti ***mill-ġestjoni tar-riskju. Barra minn hekk,*** l-informazzjoni pprovduta ***skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 uriet li hija ta' valur limitat peress li dak ir-Regolament ma għandux dispożizzjonijiet li jiżguraw analiżi bir-reqqa u komparabbiltà tal-informazzjoni rrapportata***, ***meta mqabbla mal-piż amministrattiv tat-tħejjija tar-rapport. Għalhekk, dan l-obbligu ta' rapportar addizzjonali jenħtieġ li jitneħħa*** bil-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.	(51) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009[18] jistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-iskarnar jew tal-qtil. Skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 , l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bħalissa huma meħtieġa jissottomettu rapporti annwali speċifiċi lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' depopolazzjoni mwettqa s-sena ta' qabel minbarra r-rapporti annwali sottomessi f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra[19]. ***Ir-rapporti annwali skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 jirreġistraw b'mod sistematiku r-raġunijiet, l-ispeċijiet/volumi, il-metodi ta' emerġenza, in-nuqqasijiet ta' konformità, id-diffikultajiet, l-azzjonijiet korrettivi jew id-derogi għal kull avveniment ta' depopolazzjoni.*** Ir-rapporti annwali ta' konformità skont ir-Regolament (UE) 2017/625 ikopru l-benesseri tal-annimali waqt il-qatla, inkluż matul l-attivitajiet ta' depopolazzjoni, ***madankollu dawn ir-rapporti ma jirriflettux livell komparabbli ta' dettall bħall-elementi rrapportati skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009. L-operazzjonijiet ta' depopolazzjoni mwettqa għal skopijiet ta' kontroll tal-mard jistgħu jaffettwaw għadd kbir ta' annimali u jwasslu għal tħassib sinifikanti dwar il-benesseri tal-annimali. Hija meħtieġa informazzjoni trasparenti u komparabbli dwar operazzjonijiet bħal dawn biex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jiġu identifikati l-isfidi u jittejbu l-miżuri futuri ta' kontroll tal-mard. Għalhekk, jenħtieġ li jinżammu l-obbligi ta' rapportar stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 biex jiġi żgurat li tali informazzjoni tibqa' disponibbli għall-awtoritajiet*** kompetenti ***u***

għall-Kummissjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji mudell ta' rapportar armonizzat għall-operazzjonijiet ta' depopolazzjoni biex tissimplifika l-ġbir tad-data u tiżgura li l-informazzjoni pprovduta ***mill-Istati Membri tkun kompluta, konsistenti, komparabbli u proporzjonata***, bil-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

---

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1–30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1099/oj)

[19] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1–142, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj)

---

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1–30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1099/oj)

[19] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1–142, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj)

Or. en

Emenda 265
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009[18] jistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-iskarnar jew tal-qtil. Skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 , l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bħalissa huma meħtieġa jissottomettu rapporti annwali speċifiċi lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' depopolazzjoni mwettqa s-sena ta' qabel minbarra r-rapporti annwali sottomessi f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra[19]. ***L-objettiv tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 huwa, madankollu, li jiġu protetti l-annimali fil-ħin tal-qatla.*** Ir-rapporti annwali ta' konformità skont ir-Regolament (UE) 2017/625 ikopru l-benesseri tal-annimali waqt il-qatla, inkluż matul l-attivitajiet ta' depopolazzjoni, ***u huma biżżejjed biex jiżguraw li jintlaħaq l-objettiv tar-Regolament*** (KE) Nru 1099/2009. Dan it-trikkib ta' żewġ rapporti separati ***jipprovdi valur miżjud limitat u*** b'mod ineffiċjenti jiddevja r-riżorsi tal-awtoritajiet kompetenti mill-ġestjoni tar-riskju. ***Barra minn hekk***, l-informazzjoni ***pprovduta skont ir-Regolament*** (KE) ***Nru 1099/2009 uriet li hija ta' valur limitat peress li dak ir-Regolament ma għandux dispożizzjonijiet li jiżguraw analiżi bir-reqqa u komparabbiltà tal-informazzjoni rrapportata, meta mqabbla mal-piż amministrattiv tat-tħejjija tar-rapport. Għalhekk, dan l-obbligu ta' rapportar addizzjonali jenħtieġ li jitneħħa*** bil-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.	(51) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009[18] jistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-iskarnar jew tal-qtil. Skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 , l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bħalissa huma meħtieġa jissottomettu rapporti annwali speċifiċi lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' depopolazzjoni mwettqa s-sena ta' qabel minbarra r-rapporti annwali sottomessi f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra[19]. ***Ir-rapporti annwali skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2009 jirreġistraw b'mod sistematiku r-raġunijiet, l-ispeċijiet, il-volumi, il-metodi ta' emerġenza, in-nuqqasijiet ta' konformità, id-diffikultajiet, l-azzjonijiet korrettivi jew id-derogi għal kull avveniment ta' depopolazzjoni.*** Ir-rapporti annwali ta' konformità skont ir-Regolament (UE) 2017/625 ikopru l-benesseri tal-annimali waqt il-qatla, inkluż matul l-attivitajiet ta' depopolazzjoni, ***madankollu dawn ir-rapporti ma jirriflettux livell komparabbli ta' dettall bħall-elementi rrapportati skont ir-Regolament*** (KE) Nru 1099/2009. Dan it-trikkib ta' żewġ rapporti separati b'mod ineffiċjenti jiddevja r-riżorsi tal-awtoritajiet kompetenti mill-ġestjoni tar-riskju. ***Għalhekk***, l-informazzjoni ***speċifika relatata mal-operazzjonijiet ta' depopolazzjoni attwalment koperti mir-Regolament*** (KE) ***Nru 1099/2009 jenħtieġ li tiġi integrata fir-Regolament (KE) Nru 2017/625*** bil-għan li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti u jitnaqqas il-piż amministrattiv

fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1–30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1099/oj)

[19] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1–142, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj)

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1–30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1099/oj)

[19] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1–142, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj)

Or. en

Emenda 266
Anja Hazekamp, Per Clausen, Sebastian Everding, Catarina Martins, Arash Saeidi, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001[20] jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli fl-Unjoni. L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jirrikjedi li kull Stat Membru jwettaq programm ta' monitoraġġ annwali għall-enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli bbażat fuq sorveljanza attiva u passiva f'konformità mal-Anness III u jispeċifika wkoll is-subpopolazzjonijiet minimi tal-annimali li għandhom jiġu koperti minn tali programm ta' monitoraġġ fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE). Matul is-Sessjoni Ġenerali tagħha f'Mejju 2023, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) irrevediet il-Kapitolu 11.4 "Enċefalopatija Sponġiformi Bovina" tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri[21] u aġġornat l-istandards internazzjonali fir-rigward tal-popolazzjonijiet ta' bovini u l-età ta' tali popolazzjonijiet li għandhom jiġu koperti mis-sorveljanza tal-BSE. Filwaqt li l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 diġà jipprevedi li, wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq, l-età stabbilita għal ċerti kategoriji bovini tista' tiġi adattata skont il-progress xjentifiku skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(3), l-istandards internazzjonali aġġornati jirrikjedu wkoll adattament tas-subpopolazzjonijiet minimi ta' bovini koperti mill-programm ta' monitoraġġ. Sabiex jiġi żgurat l-allinjament mal-għarfien xjentifiku li qed jevolvi u mal-istandards internazzjonali, l-Artikolu 6 jenħtieġ li għalhekk jiġi emendat sabiex kemm il-limiti tal-età kif ukoll is-subpopolazzjonijiet ta' bovini koperti mill-programm ta' monitoraġġ ikunu jistgħu jiġu adattati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(3).	***imħassar***

[20] Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered, ĠU L 147, 31.5.2001, http://data.europa.eu/eli/reg/2001/999/oj

[21] L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH), il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri, Kapitolu 11.4 Kodiċijiet u Manwali - WOAH - Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali

Or. en

Emenda 267
Tilly Metz, Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001[20] jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli fl-Unjoni. L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jirrikjedi li kull Stat Membru jwettaq programm ta' monitoraġġ annwali għall-enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli bbażat fuq sorveljanza attiva u passiva f'konformità mal-Anness III u jispeċifika wkoll is-subpopolazzjonijiet minimi tal-annimali li għandhom jiġu koperti minn tali programm ta' monitoraġġ fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE). Matul is-Sessjoni Ġenerali tagħha f'Mejju 2023, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) irrevediet il-Kapitolu 11.4 "Enċefalopatija Sponġiformi Bovina" tal-Kodiċi tas-Saħħa	(52) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001[20] jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli fl-Unjoni. L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jirrikjedi li kull Stat Membru jwettaq programm ta' monitoraġġ annwali għall-enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli bbażat fuq sorveljanza attiva u passiva f'konformità mal-Anness III u jispeċifika wkoll is-subpopolazzjonijiet minimi tal-annimali li għandhom jiġu koperti minn tali programm ta' monitoraġġ fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE). Matul is-Sessjoni Ġenerali tagħha f'Mejju 2023, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) irrevediet il-Kapitolu 11.4 "Enċefalopatija Sponġiformi Bovina" tal-Kodiċi tas-Saħħa

tal-Annimali Terrestri[21] u aġġornat l-istandards internazzjonali fir-rigward tal-popolazzjonijiet ta' bovini u l-età ta' tali popolazzjonijiet li għandhom jiġu koperti mis-sorveljanza tal-BSE. Filwaqt li ***l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 diġà jipprevedi li, wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq, l-età stabbilita għal ċerti kategoriji bovini tista' tiġi adattata skont il-progress xjentifiku skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(3),*** l-istandards internazzjonali ***aġġornati jirrikjedu wkoll*** adattament ***tas-subpopolazzjonijiet minimi*** ta' ***bovini koperti mill-programm ta' monitoraġġ. Sabiex jiġi żgurat l-allinjament mal-għarfien*** xjentifiku ***li qed jevolvi u mal-istandards internazzjonali, l-Artikolu 6*** jenħtieġ li ***għalhekk jiġi emendat sabiex kemm il-limiti tal-età kif ukoll is-subpopolazzjonijiet ta' bovini koperti mill-programm ta' monitoraġġ ikunu jistgħu jiġu adattati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(3).***

[20] Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered, ĠU L 147, 31.5.2001, http://data.europa.eu/eli/reg/2001/999/oj

[21] L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH), il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri, Kapitolu 11.4 Kodiċijiet u Manwali - WOAH - Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali

tal-Annimali Terrestri[21] u aġġornat l-istandards internazzjonali fir-rigward tal-popolazzjonijiet ta' bovini u l-età ta' tali popolazzjonijiet li għandhom jiġu koperti mis-sorveljanza tal-BSE. Filwaqt li l-istandards internazzjonali ***jikkostitwixxu referenza importanti għall-iżvilupp ta' miżuri tal-Unjoni, l-Unjoni għandha tiżgura li kwalunkwe*** adattament ***tar-rekwiżiti*** ta' ***sorveljanza tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) iżomm mill-inqas livell ekwivalenti ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u jirrifletti l-aħħar għarfien*** xjentifiku***. B'mod partikolari, l-adattamenti tar-rekwiżiti ta' sorveljanza*** jenħtieġ li ***jkunu bbażati fuq opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u jenħtieġ li ma jirriżultawx fi tnaqqis tas-sensittività tas-sorveljanza sakemm l-EFSA ma tikkonkludix li tali tnaqqis ma jaffettwax ħażin il-kapaċità tal-Unjoni li tidentifika u timmonitorja l-BSE klassika u atipika***.

[20] Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered, ĠU L 147, 31.5.2001, http://data.europa.eu/eli/reg/2001/999/oj

[21] L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH), il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri, Kapitolu 11.4 Kodiċijiet u Manwali - WOAH - Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali

Or. en